2024/1351

22.5.2024

REGOLAMENT (UE) 2024/1351 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-14 ta' Mejju 2024

dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2), il-punt (e), u l-Artikolu 79(2), il-punti (a), (b) u (c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fil-fruntieri interni u jenħtieġ li tfassal politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri, abbażi tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta fil-konfront taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni apolidi u f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali.

(2) Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, huwa neċessarju li jkun hemm approċċ komprensiv li jgħaqqad flimkien il-komponenti interni u esterni. L-effikaċja ta' tali approċċ tiddependi fuq il-fatt li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u implimentati konsistentement u b'mod integrat.

(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal tali approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, fil-qasam tal-politiki rilevanti dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, billi jħares u jelabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dak il-prinċipju, bejn l-Istati Membri, li jirregola l-politiki fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Il-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà jenħtieġ li jkunu l-premessa li abbażi tagħha l-Istati Membri kollettivament jaqsmu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam irregolat mis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

(4) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, fost l-oħrajn, biex jipprovdu aċċess għal protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, biex jippromwovu l-perkorsi legali, biex jippermettu l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, biex jiġi ġestit b'mod effettiv ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal residenza fit-territorju tal-Istati Membri, biex jevitaw il-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi bejn Stati Membri, biex jiġġieldu kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin inkluż billi jnaqqsu l-vulnerabbiltajiet ikkawżati minn dawn l-attivitajiet, u biex jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.

([1]) ĠU C 155, 30.4.2021, p. 58.
([2]) ĠU C 175, 7.5.2021, p. 32.
([3]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024.

(5) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rigward l-asil u l-migrazzjoni, inklużi r-riammissjoni u l-indirizzar tal-kawżi fundamentali u l-ixpruni tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament furzat, jeħtieġ li jiġu promossi u mibnija sħubijiet imfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku ma' dawk il-pajjiżi. Tali sħubijiet jenħtieġ li jipprovdu qafas għal koordinazzjoni aħjar tal-politiki u l-għodod rilevanti tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi, u jkunu bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u r-rispett tal-valuri komuni tal-Unjoni. Fir-rigward tal-komponenti esterni tal-approċċ komprensiv, xejn f'dan ir-Regolament ma jaffettwa t-tqassim preeżistenti tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Unjoni, jew bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dawk il-kompetenzi se jkomplu jiġu eżerċitati b'rispett sħiħ għar-regoli proċedurali tat-Trattati u bi qbil mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-istrumenti mhux vinkolanti tal-Unjoni.

(6) Il-qafas komuni huwa meħtieġ sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-fenomenu li qed jiżdied ta' wasliet imħallta ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u ta' dawk li mhumiex, u b'rikonoxximent tal-fatt li r-responsabbiltà għal wasliet irregolari ta' migranti u ta' persuni li jfittxu l-asil fl-Unjoni jenħtieġ li ma jkollhiex għalfejn tintrefa' minn Stati Membri individwali waħedhom, iżda mill-Unjoni kollha kemm hi. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi wkoll persuni ammessi.

(7) Sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-effikaċja tal-azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, li jaġixxu fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, hemm il-ħtieġa ta' tfassil integrat tal-politika u approċċ komprensiv fil-qasam tal-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, inklużi kemm il-komponenti interni kif ukoll dawk esterni tagħha. L-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, u f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali, il-koerenza u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni.

(8) Sabiex jiġi żgurat li s-sistemi tal-asil, tal-akkoljenza u tal-migrazzjoni tagħhom ikunu mħejjija sew u li kull parti minn dawk is-sistemi jkollhom kapaċità sufiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom ir-riżorsi umani, materjali u finanzjarji u l-infrastruttura meħtieġa biex jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, u jallokaw il-persunal meħtieġ lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll koordinazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri l-oħra.

(9) B'approċċ strateġiku, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom strateġiji nazzjonali biex jiżguraw il-kapaċità tagħhom ħalli jimplimentaw b'mod effettiv is-sistemi tagħhom ta' ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, f'konformità sħiħa mal-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni u d-dritt internazzjonali. Jenħtieġ li dawk l-istrateġiji jinkludu miżuri preventivi biex inaqqsu r-riskju ta' pressjoni migratorja kif ukoll informazzjoni dwar l-ippjanar ta' kontinġenza, inkluż kif previst fid-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-prinċipji tat-tfassil integrat tal-politika u tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà skont dan ir-Regolament u l-obbligi legali li jirriżultaw minnu fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (l-Aġenzija għall-Asil), jenħtieġ li jkunu jistgħu jappoġġaw lill-Istati Membri meta jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom. Il-konsultazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-Istati Membri, f'konformità mal-liġi nazzjonali u kif xieraq, tista' wkoll ittejjeb u ssaħħaħ l-istrateġiji nazzjonali. Biex jiġi żgurat li l-istrateġiji nazzjonali jkunu komparabbli b'rabta ma' elementi ewlenin speċifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi mudell komuni.

(10) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ sistema effettiva ta' monitoraġġ biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-*acquis* dwar l-asil tal-Unjoni, ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, u korpi, uffiċċji, aġenziji jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra, partijiet rilevanti tal-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 ([5]) kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) jenħtieġ li jitqiesu wkoll fl-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ukoll ir-riżultati ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ rilevanti oħra.

([4]) Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi standards għall-akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 (ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L, 2024/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

(11) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta Strateġija Ewropea fit-tul għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (l-"Istrateġija") li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti tal-istrateġiji nazzjonali fil-livell tal-Unjoni, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-liġi primarja tal-Unjoni u fid-dritt internazzjonali applikabbli.

(12) Filwaqt li tqis l-importanza li jiġi żgurat li l-Unjoni tkun imħejjija u tkun kapaċi taġġusta għar-realtajiet li qed jiżviluppaw u li qed jevolvu tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta, kull sena, Rapport Annwali Ewropew dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni (ir-"Rapport"). Ir-Rapport jenħtieġ li jivvaluta s-sitwazzjoni tal-ażil, tal-akkoljenza u tal-migrazzjoni matul il-perjodu preċedenti ta' 12-il xahar tul ir-rotot migratorji kollha lejn u fl-Istati Membri kollha, iservi bħala għodda ta' twissija bikrija u ta' sensibilizzazzjoni għall-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, u jipprovdi stampa strateġika tas-sitwazzjoni u projezzjonijiet għas-sena li ġejja. Ir-Rapport jenħtieġ li jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, it-tħejjija tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jirrispondu u jadattaw għall-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni migratorja u għar-riżultati tal-monitoraġġ mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Id-*data* u l-informazzjoni kif ukoll il-valutazzjonijiet li jinsabu fir-rapport jenħtieġ li jitqiesu fil-proċeduri tat-tħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit fil-Parti IV ta' dan ir-Regolament.

(13) Ir-Rapport jenħtieġ li jitħejja f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Għall-finijiet tar-Rapport, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-mekkaniżmi ta' rapportar eżistenti, primarjament l-Għarfien u l-Analiżi Integrati tas-Sitwazzjoni, dment li jiġi attivat ir-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi, u l-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet b'rabta mal-migrazzjoni stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1366 ([7]). Huwa ta' importanza fundamentali biex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun imħejjija u kapaċi taġġusta għar-realtajiet li qed jiżviluppaw u li qed jevolvu tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, u b'hekk għall-funzjonament b'suċċess taċ-ċiklu annwali tal-ażil u l-migrazzjoni u l-mekkaniżmu ta' solidarjetà, li l-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jikkontribwixxu għal tali mekkaniżmi ta' rapportar eżistenti u jiżguraw l-iskambju adegwat u f'waqtu ta' informazzjoni u *data*. L-informazzjoni minn sorsi rilevanti oħra, inklużi n-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, jenħtieġ li titqies ukoll. Il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob informazzjoni addizzjonali mingħand l-Istati Membri biss meta dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli permezz ta' dawk il-mekkaniżmi ta' rapportar u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tal-isforzi.

(14) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni ta' Stati Membri, ir-Rapport jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn deċiżjoni li tiddetermina liema Stati Membri huma taħt pressjoni migratorja, f'riskju ta' pressjoni migratorja matul is-sena li jmiss jew li qed jiffaċċjaw sitwazzjoni migratorja sinifikanti (id-"Deċiżjoni). L-Istati Membri taħt pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-użu tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà inklużi fir-Riżerva ta' Solidarjetà Annwali.

(15) Sabiex tingħata prevedibbiltà lill-Istati Membri taħt pressjoni migratorja u lill-Istati Membri kontribwenti, ir-Rapport u d-Deċiżjoni jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn proposta tal-Kummissjoni li tidentifika miżuri ta' solidarjetà annwali konkreti, inklużi rilokazzjonijiet, kontribuzzjonijiet finanzjarji u, meta applikabbli, miżuri ta' solidarjetà alternattivi, u l-iskala numerika tagħhom li x'aktarx tkun meħtieġa għas-sena li jmiss fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tirrikonoxxi li d-diversi tipi ta' solidarjetà huma ta' valur ugwali. It-tipi u l-iskala numerika tal-miżuri identifikati fil-proposta tal-Kummissjoni jenħtieġ li, bħala minimu, jikkorrispondu għal-limiti minimi annwali għar-rilokazzjoni u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji. Jenħtieġ li dawk il-limiti jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament biex jiġi żgurat l-ippjanar prevedibbli mill-Istati Membri kontribwenti u biex jiġu pprovduti garanziji minimi għall-Istati Membri benefiċjarji. Meta jitqies li jkun meħtieġ, il-proposta tal-Kummissjoni tista' tidentifika fil-proposta tagħha numri annwali oġħla għar-rilokazzjoni jew għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji. Sabiex jitħares il-valur ugwali tal-miżuri ta' solidarjetà, il-proporzjon stabbilit bejn in-numri annwali identifikati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jinżamm. Bl-istess mod, meta tidentifika n-numri annwali, il-proposta tal-Kummissjoni jenħtieġ li tqis sitwazzjonijiet eċċezzjonali li fihom ma jkun hemm ebda ħtieġa projettata ta' solidarjetà għas-sena li ġejja.

(16) Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-Unjoni u fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tas-sistema ta' solidarjetà prevista minn dan ir-Regolament, li hija bbażata fuq weġħdiet magħmula minn kull Stat Membru, fl-eżerċizzju ta' diskrezzjoni sħiħa fir-rigward tat-tip ta' solidarjetà, fil-Forum ta' Livell Għoli dwar is-Solidarjetà tal-UE (il-"Forum ta' Livell Għoli"), is-setgħa ta' implimentazzjoni biex tiġi stabbilita r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà jenħtieġ li tingħata lill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni. L-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà jenħtieġ li jidentifika miżuri ta' solidarjetà annwali konkreti, inklużi

([7]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1366 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet b'rabta mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) (ĠU L 317, 1.10.2020, p. 26).

rilokazzjonijiet, kontribuzzjonijiet finanzjarji u, meta applikabbli, miżuri ta' solidarjetà alternattivi, kif ukoll l-iskala numerika tagħhom li x'aktarx tkun meħtieġa għas-sena li jmiss fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li d-diversi tipi ta' solidarjetà huma ta' valur ugwali. L-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà jenħtieġ li jinkludi wkoll il-weġħdiet speċifiċi li jkun għamel kull Stat Membru.

(17) L-Istati Membri benefiċjarji jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jimplimentaw azzjonijiet fil-pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni u l-fini ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

(18) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji. Il-kundizzjonijiet abilitanti stipulati fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), inkluża l-kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar l-"Applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali" jenħtieġ li japplikaw għall-programmi tal-Istati Membri appoġġati mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji. Għall-għażla tal-azzjonijiet appoġġati mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2021/1060, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-Karta. Għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti għall-programmi tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060. L-Istati Membri jenħtieġ li jipproteġu l-baġit tal-Unjoni u jenħtieġ li japplikaw korrezzjonijiet finanzjarji billi jikkanċellaw l-appoġġ kollu mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji, jew parti minnu, meta n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni tinstab li tkun irregolari, bi qbil mar-Regolament (UE) 2021/1060. Il-Kummissjoni tista' tinterrompi l-iskadenza tal-pagament, tissospendi l-pagamenti kollha jew parti minnhom, u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) 2021/1060.

(19) Matul l-operazzjonalizzazzjoni tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, l-Istati Membri kontribwenti jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà, fuq talba ta' Stat Membru benefiċjarju, li jipprovdu kontribuzzjonijiet alternattivi ta' solidarjetà. Il-kontribuzzjonijiet alternattivi jenħtieġ li jkollhom valur prattiku u operazzjonali. Meta l-Kummissjoni, wara l-konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, tqis li tali miżuri kif indikati mill-Istat Membru kkonċernat huma meħtieġa, tali kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jiġu identifikati fil-proposta tal-Kummissjoni għal att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà. L-Istati Membri kontribwenti jenħtieġ li jitħallew jwieġħdu tali kontribuzzjonijiet, anke jekk ma jkunux identifikati fil-proposta tal-Kummissjoni għal att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, u jenħtieġ li jingħaddu bħala solidarjetà finanzjarja u l-valur finanzjarju tagħhom jenħtieġ li jiġi vvalutat u applikat b'mod realistiku. Fejn dawk il-kontribuzzjonijiet ma jintalbux mill-Istat Membru benefiċjarju f'sena partikolari, jenħtieġ li jinbidlu f'kontribuzzjonijiet finanzjarji, fl-aħħar tas-sena.

(20) Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-proposta tal-Kummissjoni għal att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà jenħtieġ li ma ssirx pubblika qabel l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill.

(21) Għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas komuni u biex jiġu identifikati l-lakuni, jiġu indirizzati l-isfidi u jiġi evitat li tinbena pressjoni fuq is-sistemi tal-asil, l-akkoljenza u l-migrazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja u tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni migratorja permezz ta' rapporti regolari.

(22) Sabiex jiġi żgurat tqassim ġust tar-responsabbiltà, is-solidarjetà kif minquxa fl-Artikolu 80 TFUE kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu obbligatorju ta' solidarjetà li jipprovdi appoġġ effettiv lill-Istati Membri taħt pressjoni migratorja u li jiżgura aċċess rapidu għal proċeduri ġusti u effiċjenti għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprevedi tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà ta' valur ugwali u jenħtieġ li jkun flessibbli u kapaċi jadatta malajr għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji . Ir-rispons ta' solidarjetà jenħtieġ li jitfassal fuq il-bażi ta' każ b'każ sabiex ikun imfassal apposta għall-ħtiġijiet tal-Istat Membru inkwistjoni.

(23) Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà, il-Kummissjoni jenħtieġ li taħtar Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE jenħtieġ li jimmonitorja u jikkoordina l-aspetti operazzjonali tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà u jenħtieġ li jaġixxi bħala punt ċentrali ta' kuntatt. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE jenħtieġ li jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija għall-Asil, jenħtieġ li jippromwovi metodi ta' ħidma koerenti għall-identifikazzjoni ta' persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni u t-tqabbil

([8]) Ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viża (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

tagħhom mal-Istati Membri ta' rilokazzjoni, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li jitqiesu rabtiet sinifikanti. Biex jissodisfa l-irwol tal-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE b'mod effettiv, l-uffiċċju tal-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE jenħtieġ li jingħata biżżejjed persunal u riżorsi u l-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE jenħtieġ li jkun jista' jipparteċipa fil-laqgħat tal-Forum ta' Livell Għoli.

(24) Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit minn dan ir-Regolament, rappreżentanti tal-Istati Membri fil-livell ministerjali jew f'livell politiku għoli ieħor jenħtieġ li jitlaqqgħu f'Forum ta' Livell Għoli, li jenħtieġ li jikkunsidra r-Rapport, id-Deċiżjoni u l-proposta tal-Kummissjoni għal att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà u jieħu kont tas-sitwazzjoni ġenerali u jasal għal konklużjoni dwar il-miżuri ta' solidarjetà u l-livelli tagħhom meħtieġa għall-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà u, meta jkun meħtieġ, miżuri oħra ta' rispons għas-sitwazzjoni migratorja. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament bla xkiel u l-operazzjonalizzazzjoni tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, jenħtieġ li jitlaqqa' Forum ta' Livell Tekniku tal-UE dwar is-Solidarjetà (il-"Forum ta' Livell Tekniku") magħmul minn rappreżentanti fl-livell għoli biżżejjed, bħal uffiċjali ta' livell għoli tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li jintlaqqa' u jiġi ppresedut mill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE, f'isem il-Kummissjoni. L-Aġenzija għall-Asil u, meta jkun xieraq u meta jkunu mistiedna mill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE, l-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, jenħtieġ li jipparteċipaw fil-Forum ta' Livell Tekniku.

(25) Meta jitqies li t-tiftix u s-salvataġġ jirriżultaw minn obbligi internazzjonali, l-Istati Membri li jiffaċċjaw żbarki rikorrenti li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ jistgħu jkunu fost l-Istati Membri li jibbenefikaw minn miżuri ta' solidarjetà. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi identifikat perċentwal indikattiv tal-miżuri ta' solidarjetà li jistgħu jkunu meħtieġa għall-Istati Membri kkonċernati. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-vulnerabbiltajiet tal-persuni li jaslu minn tali żbarki.

(26) Sabiex jipprovdi rispons f'waqtu għas-sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja, il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE jenħtieġ li jappoġġa r-rilokazzjoni rapida ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali u l-benefiċjarji tagħha eliġibbli għal rilokazzjoni. L-Istat Membru benefiċjarju jenħtieġ li jfassal lista ta' persuni eliġibbli biex jiġu rilokati, bl-assistenza tal-Aġenzija għall-Asil jekk mitlub u jenħtieġ li jkun kapaċi juża l-għodod żviluppati mill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE. Il-persuni li għandhom jiġu rilokati jenħtieġ li jingħataw l-opportunità li jipprovdu informazzjoni dwar l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti ma' Stati Membri speċifiċi iżda jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jagħżlu Stat Membru speċifiku ta' rilokazzjoni.

(27) Sabiex jiġi żgurat rispons ta' solidarjetà adegwat, u meta l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri ma jkunux biżżejjed fir-rigward tal-ħtiġijiet identifikati, il-Kunsill jenħtieġ li jkun jista' jlaqqa' mill-ġdid il-Forum ta' Livell Għoli biex jippermetti lill-Istati Membri jwiegħdu kontribuzzjonijiet addizzjonali ta' solidarjetà.

(28) Meta tkun qed tivvaluta jekk Stat Membru jkunx taħt pressjoni migratorja, f'riskju ta' pressjoni migratorja jew hux jiffaċċja sitwazzjoni migratorja sinifikanti, il-Kummissjoni, abbażi ta' valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva wiesgħa, jenħtieġ li tqis firxa wiesgħa ta' fatturi, inklużi r-rakkomandazzjonijiet rilevanti pprovduti mill-Aġenzija għall-Asil u l-informazzjoni miġbura skont il-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet b'rabta mal-migrazzjoni. Jenħtieġ li tali fatturi jinkludu: n-numru ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, qsim irregolari tal-fruntieri, movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi bejn l-Istati Membri, deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa u infurzati, deċiżjonijiet ta' trasferiment maħruġa u mwettqa, in-numru ta' wasliet bil-baħar inkluż permezz ta' żbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-vulnerabbiltajiet ta' applikanti għall-asil u l-kapaċità ta' Stat Membru fil-ġestjoni tal-volum ta' każijiet ta' asil u akkoljenza tiegħu, l-ispeċifiċitajiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni ġeografika u r-relazzjonijiet tal-Istati Membri mal-pajjiżi terzi rilevanti u sitwazzjonijiet possibbli ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti.

(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-Istati Membri identifikati fid-Deċiżjoni bħala li huma taħt pressjoni migratorja jew dawk li jqisu lilhom infushom bħala taħt pressjoni migratorja, biex jagħmlu użu mir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà. L-Istati Membri li ġew identifikati fid-Deċiżjoni bħala li huma taħt pressjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu użu mir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà b'mod faċli billi sempliċement jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kunsill bl-intenzjoni tagħhom li jużawha, u wara dan il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE, f'isem il-Kummissjoni, jenħtieġ li jlaqqa' l-Forum ta' Livell Tekniku. L-Istati Membri li jqisu lilhom infushom bħala taħt pressjoni migratorja, sabiex jagħmlu użu mir-Riżerva, jenħtieġ li jipprovdu raġunament sostanzjat kif xieraq tal-eżistenza u l-firxa tal-pressjoni migratorja u informazzjoni rilevanti oħra fil-forma ta' notifika li l-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta malajr. L-Istati Membri benefiċjarji jenħtieġ li jużaw ir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà b'mod raġonevoli u proporzjonat, b'kont meħud tal-ħtiġijiet ta' solidarjetà tal-Istati Membri l-oħra taħt pressjoni migratorja. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE jenħtieġ li jiżgura distribuzzjoni bilanċjata tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà

disponibbli fost l-Istati Membri benefiċjarji. Meta Stat Membru jqis lilu nnifsu bħala f'sitwazzjoni ta' kriżi, il-proċedura fir-Regolament (UE) 2024/1359 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) jenħtieġ li tapplika.

(30) Meta l-Istati Membri jkunu huma stess Stati Membri benefiċjarji, dawn jenħtieġ li ma jkunux obbligati jimplimentaw il-kontribuzzjonijiet imwiegħda tagħhom lir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà. Fl-istess ħin, meta Stat Membru qed jiffaċċja jew iqis lilu nnifsu li huwa qed jiffaċċja pressjoni migratorja jew sitwazzjoni migratorja sinifikanti, li tista' tfixkel l-abbiltà tiegħu li jimplimenta l-kontribuzzjonijiet imwiegħda tiegħu minħabba l-isfidi li dak l-Istat Membri jeħtieġ li jindirizza, jenħtieġ li jkun possibbli għal dak l-Istat Membru li jitlob tnaqqis sħiħ jew parzjali tal-kontribuzzjoni mwiegħda tiegħu.

(31) Gwida għat-tqassim ibbażata fuq id-daqs tal-popolazzjoni u l-PDG tal-Istati Membri jenħtieġ li tiġi applikata f'konformità mal-prinċipju tas-sehem ġust obbligatorju għall-operat tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà li jippermetti d-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni globali ta' kull Stat Membru. Stat Membru jista', fuq bażi volontarja, jipprovdi kontribuzzjoni globali lil hinn mis-sehem ġust obbligatorju tiegħu biex jassisti lill-Istati Membri taħt pressjoni migratorja. Fl-operazzjonalizzazzjoni tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, l-Istati Membri kontribwenti jenħtieġ li jimplimentaw il-wegħdiet tagħhom b'mod proporzjonali għall-wegħda globali tagħhom, biex kull darba li tittieħed solidarjetà mir-riżerva, dawk l-Istati Membri jikkontribwixxu skont is-sehem ġust tagħhom. Sabiex jiġi garantit il-funzjonament ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri kontribwenti jenħtieġ li ma jkunux obbligati jimplimentaw il-weġħdiet ta' solidarjetà tagħhom fil-konfront tal-Istat Membru benefiċjarju meta l-Kummissjoni tkun identifikat nuqqasijiet sistemiċi f'dak l-Istat Membru benefiċjarju fir-rigward tar-regoli stabbiliti fil-Parti III ta' dan ir-Regolament li jistgħu jirriżultaw f'konsegwenzi negattivi serji għall-funzjonament ta' dan ir-Regolament.

(32) Minbarra r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, l-Istati Membri, b'mod partikolari meta jkunu taħt pressjoni migratorja jew qed jiffaċċjaw sitwazzjoni migratorja sinifikanti, kif ukoll l-Unjoni, jenħtieġ li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom is-Sett ta' Għodod Permanenti tal-UE b'Appoġġ għall-Migrazzjoni (is-"Sett ta' Għodod"), li jinkludi miżuri li jistgħu jgħinu fir-rispons għall-ħtiġijiet ta' u biex tittaffa l-pressjoni fuq l-Istati Membri u li huma previsti fl-*acquis* jew fl-għodod ta' politika tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-għodod rilevanti kollha jintużaw b'mod effettiv biex jirrispondu għal sfidi migratorji speċifiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tidentifika l-miżuri meħtieġa mis-Sett ta' Għodod, mingħajr preġudizzju għal-liġi rilevanti tal-Unjoni meta applikabbli. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jużaw il-komponenti tas-Sett ta' Għodod flimkien mar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà. Madankollu, l-użu ta' miżuri fis-Sett ta' Għodod jenħtieġ li ma jkunx prekundizzjoni biex wieħed jibbenefika minn miżuri ta' solidarjetà.

(33) Il-kumpensi tar-responsabbiltà jenħtieġ li jiġu introdotti bħala miżura ta' solidarjetà fil-livell sekondarju, li skontha r-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni tiġi ttrasferita lill-Istat Membru kontribwenti, skont jekk il-weġħdiet ta' rilokazzjoni jilħqux ċerti limiti massimi kif stabbilit f'dan ir-Regolament jew le. F'ċerti ċirkostanzi, sabiex tiġi pprovduta prevedibbiltà suffiċjenti għall-Istati Membri benefiċjarji, l-applikazzjoni ta' kumpensi tar-responsabbiltà ssir obbligatorja. Il-kontribuzzjonijiet għas-solidarjetà permezz ta' kumpensi tar-responsabbiltà jenħtieġ li jingħaddu bħala parti mis-sehem ġust obbligatorju tal-Istat Membru kontribwenti. Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' garanziji, biex jiġu evitati kemm jista' jkun inċentivi għall-migrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni, movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi bejn l-Istati Membri u biex jiġi appoġġat il-funzjonament bla xkiel tar-regoli għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Meta l-applikazzjoni tal-kumpensi tar-responsabbiltà ssir obbligatorja, Stat Membru kontribwenti li jkun wieġħed rilokazzjonijiet u ma jkollu ebda applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li għaliha l-Istat Membru benefiċjarju jkun ġie ddeterminat bħala responsabbli biex jikkumpensa jibqa' marbut li jimplimenta l-weġħda ta' rilokazzjoni tiegħu.

(34) Filwaqt li r-rilokazzjoni jenħtieġ li tapplika primarjament għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali, u filwaqt li jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni primarja lill-persuni vulnerabbli, l-applikazzjoni tagħha jenħtieġ li tinżamm flessibbli. Minħabba n-natura volontarja tar-rilokazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri kontribwenti u benefiċjarji jkollhom il-possibbiltà jesprimu l-preferenzi tagħhom f'termini ta' persuni li għandhom jiġu kkunsidrati. Tali preferenzi jenħtieġ li jkunu raġonevoli fid-dawl tal-ħtiġijiet identifikati u l-profili disponibbli fl-Istat Membru benefiċjarju sabiex jiġi żgurat li r-rilokazzjonijiet imwiegħda jkunu jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv.

(35) Fuq talba, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jappoġġaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdu għarfien espert u appoġġ operazzjonali kif previst mill-mandati rispettivi tagħhom.

([10]) Ir-Regolament (UE) 2024/1359 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147 (ĠU L, 2024/1359, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1359/oj).

(36) Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil inbniet progressivament bħala żona komuni ta' protezzjoni bbażata fuq l-applikazzjoni shiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra"), biex hekk ikun żgurat li ħadd ma jintbagħat lura fejn jista' jġarrab persekuzzjoni, b'mod konformi mal-prinċipju ta' non-refoulement. F'dan ir-rigward, u mingħajr ma jiġu affettwati l-kriterji ta' responsabbiltà stipulati f'dan ir-Regolament, Stati Membri, li kollha jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement, jitqiesu bħala pajjiżi siguri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(37) Huwa xieraq li metodu ċar u li jista' jitħaddem biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jiġi inkluż fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999. Dak il-metodu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. B'mod partikolari, jenħtieġ li jippermetti li jiġi ddeterminat malajr l-Istat Membru responsabbli, biex ikun iggarantit aċċess rapidu u effettiv għal proċeduri ġusti u effiċjenti għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u biex l-objettiv tal-ipproċessar rapidu tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ma jkunx kompromess.

(38) Sabiex jiżdied b'mod sinifikanti l-fehim tal-proċeduri applikabbli, l-Istati Membri, mill-aktar fis possibbli, jenħtieġ li jipprovdu lill-persuni soġġetti għal dan ir-Regolament, b'lingwa li jifhmu jew li huma raġonevolment mistennija li jifhmu, l-informazzjoni rilevanti kollha rigward l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni relatata mal-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-proċeduri rispettivi kif ukoll informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, inklużi l-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità. Sabiex jiġi żgurat li l-aħjar interessi tat-tfal jitħarsu u biex tiġi ggarantita l-inklużività tal-minuri fil-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni lill-minuri b'mod adattat għat-tfal u filwaqt li jqisu l-età u l-maturità tagħhom. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija għall-Ażil jenħtieġ li tfassal materjal ta' informazzjoni komuni, kif ukoll informazzjoni speċifika għall-minuri mhux akkumpanjati u l-applikanti vulnerabbli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.

(39) L-għoti ta' informazzjoni ta' kwalità tajba u appoġġ legali dwar il-proċedura li trid tiġi segwita biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti f'dik il-proċedura huwa fl-interess kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-applikanti. Biex tiżdied l-effikaċja tal-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli u tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-kriterji ta' responsabbiltà kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konsulenza legali jenħtieġ li tiġi introdotta bħala parti integrali mis-sistema għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Għal dak l-għan, il-konsulenza legali jenħtieġ li tkun disponibbli għall-applikanti, fuq talba tagħhom, biex tipprovdi gwida u assistenza dwar l-applikazzjoni tal-kriterji u l-mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

(40) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jibni fuq il-prinċipji fir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) filwaqt li jiġu indirizzati l-isfidi identifikati u jiġi żviluppat il-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà bħala parti mill-qafas komuni, bi qbil mal-Artikolu 80 TFUE. Għal dak il-għan, mekkaniżmu obbligatorju ġdid ta' solidarjetà jenħtieġ li jippermetti t-ħejjija msaħħa tal-Istati Membri biex jimmaniġġjaw il-migrazzjoni, biex jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri jiffaċċjaw pressjoni migratorja u biex jiffaċilitaw appoġġ ta' solidarjetà regolari fost l-Istati Membri. L-implimentazzjoni effettiva ta' tali mekkaniżmu ta' solidarjetà hija, flimkien ma' sistema effettiva għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, prerekwiżit ewlieni għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil kollha kemm hi.

(41) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal applikanti għal protezzjoni sussidjarja u għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-applikanti għal u l-benefiċjarji kollha ta' protezzjoni internazzjonali u konsistenza mal-*acquis* attwali tal-Unjoni dwar l-ażil, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2024/1347 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]).

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

([12]) Ir-Regolament (UE) 2024/1347 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u li jħassar id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1347, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1347/oj)

(42) Sabiex jiġi żgurat li ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li jiġu risistemati jew ammessi f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) jew jingħataw protezzjoni internazzjonali jew status umanitarju taħt skemi nazzjonali ta' risistemazzjoni jittieħdu lura fl-Istat Membru li daħħalhom jew risistemahom, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għal persuni ammessi li jkunu preżenti mingħajr awtorizzazzjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

(43) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u ta' ċertezza legali, huwa essenzjali li dan ir-Regolament ikun ibbażat fuq il-prinċipju li r-responsabbiltà tiġi ddeterminata darba biss, sakemm ma tapplikax waħda mir-raġunijiet ta' waqfien stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(44) Id-Direttiva (UE) 2024/1346 jenħtieġ li tapplika għall-proċeduri kollha li jinvolvu applikanti skont dan ir-Regolament, soġġett għal-limitazzjonijiet fl-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

(45) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) jenħtieġ li japplika wkoll u mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali skont dan ir-Regolament, soġġett għal-limitazzjonijiet fl-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(46) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u mal-Karta, l-aħjar interessi tat-tfal jenħtieġ li jkunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta jivvalutaw l-aħjar interessi tat-tfal, l-Istati Membri jenħtieġ li, b'mod partikolari, jieħdu kont dovut tal-benessri u tal-iżvilupp soċjali tal-minuri fuq perjodu qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza u l-fehmiet tal-minuri f'konformità mal-età jew il-livell ta' maturità tagħhom, inkluż l-isfond tagħhom. Barra minn dan, jenħtieġ li jiġu stipulati garanziji proċedurali speċifiċi għal minuri mhux akkumpanjati minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom, inkluża l-ħatra ta' rappreżentant.

(47) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-garanziji għall-minuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw talbiet li jikkonċernaw minuri mhux akkumpanjati jirċievi taħriġ xieraq, pereżempju f'konformità mal-linji gwida rilevanti tal-Aġenzija għall-Ażil, f'oqsma bħad-drittijiet u l-ħtiġijiet individwali tal-minuri, l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi tat-traffikar jew l-abbuż tal-bnedmin, kif ukoll l-aħjar prattiki għall-prevenzjoni tal-għajbien tal-minuri.

(48) F'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u mal-Karta, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja jenħtieġ li tkun kunsiderazzjoni prinċipali tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(49) Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri dwar l-akkwist taċ-ċittadinanza u l-fatt li, skont id-dritt internazzjonali, huwa f'idejn kull Stat Membru, filwaqt li jqis kif xieraq il-liġi tal-Unjoni, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-akkwist u t-telf taċ-ċittadinanza, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom fil-konfront ta' persuni apolidi f'konformità mal-istrumenti tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem inkluż, meta applikabbli, skont il-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi, adottata fi New York fit-28 ta' Settembru 1954. Meta jkun xieraq, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jidentifikaw persuni apolidi u jsaħħu l-protezzjoni tagħhom, biex b'hekk il-persuni apolidi jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet fundamentali ewlenin u jitnaqqas ir-riskju ta' diskriminazzjoni jew trattament mhux ugwali.

(50) Sabiex jiġi evitat li persuni li jirrappreżentaw riskju għas-sigurtà huma trasferiti bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istat Membru fejn applikazzjoni tkun irreġistrata għall-ewwel darba ma japplikax il-kriterji ta' responsabbiltà jew l-Istat Membru benefiċjarju ma japplikax il-proċedura ta' rilokazzjoni meta jkun hemm bażi raġonevoli li l-persuna kkonċernata toħloq theddida għas-sigurtà interna.

(51) Sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali tal-membri ta' familja waħda jiġu eżaminati bir-reqqa minn Stat Membru wieħed, li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tagħhom ikunu konsistenti, u li l-membri tal-istess familja ma jiġux isseparati, jenħtieġ li jkun possibbli li l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet jitwettqu flimkien.

([13]) Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147 (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj)

(52) Id-definizzjoni ta' membru ta' familja jenħtieġ li jirrifletti wkoll ir-realtà tax-xejriet migratorji attwali, skont liema l-applikanti ta' spiss jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodi twal fi tranżitu. Id-definizzjoni għalhekk jenħtieġ li tinkludi familji li ffurmaw barra mill-pajjiż tal-oriġini, iżda qabel il-wasla tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru.

(53) Sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tal-unità tal-familja u għall-aħjar interessi tat-tfal, l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn applikant u t-tifel/tifla tiegħu, aħwa jew ġenitur tiegħu minħabba tqala jew maternità, l-istat tas-saħħa jew ix-xjuħija tal-applikant jenħtieġ li ssir kriterju ta' responsabbiltà vinkolanti. Meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat, il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor ta' membru tal-familja, aħwa jew qarib li jista' jieħu ħsiebu jenħtieġ li wkoll issir kriterju ta' responsabbiltà vinkolanti. Sabiex ma jiġux imħeġġa movimenti mhux awtorizzati ta' minuri mhux akkumpanjati fin-nuqqas ta' tali membru tal-familja, aħwa jew qarib, li mhumiex fl-aħjar interessi tat-tfal, l-Istat Membru responsabbli jenħtieġ li jkun l-Istat Membru fejn l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-minuri mhux akkumpanjat ġiet irreġistrata l-ewwel, jekk dan ikun fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla. Meta l-minuri mhux akkumpanjat ikun applika għal protezzjoni internazzjonali f'diversi Stati Membri, u Stat Membru jqis li mhuwiex fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla li jiġi/tiġi ttrasferit(a) lejn l-Istat Membru responsabbli abbażi ta' valutazzjoni individwali, dak l-Istat Membru jenħtieġ li jsir responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni l-ġdida.

(54) Ir-regoli dwar l-evidenza jenħtieġ li jippermettu riunifikazzjoni tal-familja aktar rapida milli skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi ċċarat li prova formali, bħal evidenza dokumentarja oriġinali u ttestjar tad-DNA, jenħtieġ li ma tkunx meħtieġa fejn l-evidenza ċirkostanzjali tkun koerenti, verifikabbli u dettaljata biżżejjed biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-informazzjoni kollha disponibbli, bħal ritratti, prova ta' kuntatt u dikjarazzjonijiet tax-xhieda biex jagħmlu valutazzjoni ġusta tar-relazzjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni bikrija ta' każijiet possibli li jinvolvu membri familjari, l-applikant jenħtieġ li jirċievi mudell imfassal mill-Aġenzija għall-Ażil. Meta jkun possibbli, l-applikant jenħtieġ li jimla l-mudell qabel l-intervista personali. Filwaqt li titqies l-importanza tar-rabtiet familjari fil-ġerarkija tal-kriterji ta' responsabbiltà, il-każijiet kollha li jinvolvu membri tal-familja jenħtieġ li jingħataw prijorità matul il-proċeduri rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(55) Meta l-applikanti jkollhom diploma jew kwalifika oħra fil-pussess tagħhom, l-Istat Membru fejn tkun inħarġet id-diploma jenħtieġ li jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tagħhom dment li l-applikazzjoni tiġi rreġistrata anqas minn sitt snin wara li tkun inħarġet id-diploma jew il-kwalifika, li jiżgura eżami rapidu tal-applikazzjoni fl-Istat Membru li miegħu l-applikant għandu rabtiet sinifikanti bbażati fuq tali diploma.

(56) Meta jitqies li Stat Membru jenħtieġ li jibqa' responsabbli għal persuna li tkun daħlet b'mod irregolari fit-territorju tiegħu, huwa wkoll meħtieġ li tipprovdi għas-sitwazzjoni fejn il-persuna tidħol fit-territorju wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. Jenħtieġ li tiġi stipulata deroga mill-kriterju ta' responsabbiltà għas-sitwazzjoni fejn Stat Membru jkun irriloka persuni li jkunu qasmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru ieħor b'mod irregolari jew wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. F'sitwazzjoni bħal din, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jenħtieġ li jkun responsabbli jekk il-persuna tapplika għal protezzjoni internazzjonali.

(57) Jenħtieġ li Stat Membru jkun jista' jidderoga mill-kriterji ta' responsabbiltà skont id-diskrezzjoni tiegħu, b'mod partikolari fuq bażijiet umanitarji, soċjali, kulturali u ta' kompassjoni, sabiex jingħaqdu flimkien membri ta' familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra u jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali rreġistrata għandu jew fi Stat Membru ieħor, anke jekk dan l-eżami ma jkunx taħt ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji vinkolanti stipulati f'dan ir-Regolament.

(58) Sabiex ikun żgurat li jiġu rrispettati l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament u biex jiġu impeduti l-ostakli għall-applikazzjoni effiċjenti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jiġu evitati l-ħarbiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi jew il-movimenti mhux awtorizzati tagħhom bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi ċari għall-applikant fil-kuntest tal-proċedura, li jenħtieġ li jiġi infurmat dwarhom kif xieraq u fil-pront. In-nuqqas ta' konformità ma' tali obbligi jenħtieġ li jwassal għal konsegwenzi proċedurali xierqa u proporzjonali għall-applikant u għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tiegħu. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi individwali tal-applikant meta jivvalutaw il-konformità tiegħu mal-obbligi u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. F'konformità mal-Karta, l-Istat Membru fejn ikun preżenti tali applikant jenħtieġ li fi kwalunkwe każ jiżgura li l-bżonnijiet materjali immedjati ta' dak l-applikant ikunu koperti.

(59) Sabiex tiġi limitata l-possibbiltà li l-imġiba tal-applikanti tista' twassal għall-waqfien jew għaċ-ċaqliq tar-responsabbiltà lejn Stat Membru ieħor, il-limiti ta' żmien li jwasslu għall-waqfien jew iċ-ċaqliq tar-responsabbiltà meta l-persuna kkonċernata titlaq mit-territorju tal-Istati Membri matul l-eżami tal-applikazzjoni jew tkun ħarbet biex tevita trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli jenħtieġ li jiġu estiżi. Barra minn hekk, iċ-ċaqliq

tar-responsabbiltà meta l-limitu ta' żmien biex tintbagħat notifika ta' teħid lura ma jkunx ġie rispettat mill-Istat Membru li jinnotifika jenħtieġ li jitneħħa sabiex jiskoraġġixxi ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli u l-ostruzzjoni tal-proċedura. F'sitwazzjonijiet fejn persuna tkun daħlet fi Stat Membru b'mod irregolari mingħajr ma tapplika għall-ażil, il-perjodu li warajh ir-responsabbiltà ta' dak l-Istat Membru tieqaf u Stat Membru ieħor fejn dik il-persuna sussegwentement tapplika jsir responsabbli jenħtieġ li jiġi estiż, biex il-persuni jiġu inċentivati aktar biex jikkonformaw mar-regoli u japplikaw fl-ewwel Stat Membru tad-dħul u b'hekk jiġu limitati l-movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi bejn l-Istati Membri u tiżdied l-effiċjenza ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

(60) Jenħtieġ li tkun organizzata intervista personali mal-applikant sabiex tiġi ffaċilitata d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali sakemm l-applikant ma jkunx ħarab, ma jkunx attenda l-intervista mingħajr raġunijiet ġustifikati jew l-informazzjoni mogħtija mill-applikant ma tkunx biżżejjed biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni rilevanti kollha tingħabar mill-applikant biex jiġi ddeterminat b'mod korrett l-Istat Membru responsabbli, Stat Membru li jħalli barra l-intervista jenħtieġ li jagħti lill-applikant l-opportunità li jippreżenta l-informazzjoni addizzjonali kollha, inklużi r-raġunijiet debitament motivati biex l-awtorità tikkunsidra l-ħtieġa ta' intervista personali. Malli tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jiġi infurmat b'mod partikolari dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tal-fatt lid-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi, dwar id-drittijiet tiegħu u l-obbligi skont dan ir-Regolament u dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi.

(61) Sabiex jiġi żgurat li l-intervista personali tiffaċilita kemm jista' jkun id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli b'mod rapidu u effiċjenti, il-persunal li jintervista lill-applikanti jenħtieġ li jkun ingħata taħriġ suffiċjenti, inkluż għarfien ġenerali tal-problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-kapaċità tal-applikant li jiġi intervistat, bħal indikaturi li juru li l-applikant seta' kien vittma ta' tortura jew traffikar tal-bnedmin.

(62) Sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-drittijiet tat-tfal u l-protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti minħabba trasferiment, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv, limitat għal dawk id-drittijiet, f'konformità, b'mod partikolari mal-Artikolu 47 tal-Karta u mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(63) Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri, fil-każijiet kollha, jindikaw l-Istat Membru responsabbli fl-Eurodac wara li jkunu kkonkludew il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, inkluż f'każijiet fejn ir-responsabbiltà tirriżulta min-nuqqas ta' rispett tal-limiti ta' żmien biex jintbagħtu jew jitwieġbu talbiet biex tittieħed responsabbiltà, it-twettiq ta' trasferiment, kif ukoll f'każijiet fejn l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni jsir responsabbli jew ikun impossibbli li jitwettaq it-trasferiment lejn l-Istat Membru primarjament responsabbli minħabba f'riskju reali li l-applikant jiġi soġġett għal trattament inuman jew degradanti skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Karta tal-Karta bħala riżultat tat-trasferiment lejn dak l-Istat Membru u sussegwentement Stat Membru ieħor jiġi stabbilit bħala responsabbli.

(64) Sabiex tiġi żgurata d-determinazzjoni rapida tal-Istat Membru responsabbli, l-iskadenzi biex isiru u jingħataw tweġibiet għal talbiet biex tittieħed ir-responsabiltà, biex isiru n-notifiki ta' teħid lura, kif ukoll biex isiru u jiġu deċiżi l-appelli, jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u mqassra, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet fundamentali tal-applikanti.

(65) Id-detenzjoni ta' applikanti jenħtieġ li tiġi applikata f'konformità mal-prinċipju bażiku li persuna jenħtieġ li ma tiġix detenuta għar-raġuni unika li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali. Id-detenzjoni jenħtieġ li tkun għal perjodu qasir kemm jista' jkun u soġġetta għall-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità, u għaldaqstant, tkun permessa biss bħala miżura tal-aħħar istanza. B'mod partikolari, id-detenzjoni ta' applikanti trid tkun konformi mal-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Il-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' persuna detenuta jenħtieġ li jiġu applikati bħala kwistjoni ta' prijorità, fl-iqsar skadenzi possibbli. Fir-rigward tal-garanziji ġenerali li jirregolaw id-detenzjoni, kif ukoll il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, meta jkun xieraq, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2024/1346 anki għal persuni detenuti abbażi ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li minuri, bħala regola, ma jiġux detenuti u jenħtieġ li jsiru sforzi biex jitqiegħdu f'akkomodazzjoni b'faċilitajiet speċjali għall-minuri. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħala miżura tal-aħħar istanza, wara li jkun ġie stabbilit li miżuri alternattivi inqas koerċittivi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv, u wara li d-detenzjoni tkun ivvalutata bħala fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla, il-minuri jistgħu jiġu detenuti fiċ-ċirkostanzi previsti fid-Direttiva (UE) 2024/1346.

(66) In-nuqqasijiet fis-sistemi tal-aż il, jew il-kollass tagħhom, spiss aggravati minn pressjonijiet partikolari fuqhom, jew li jikkontribwixxu għalihom tali pressjonijiet, jistgħu jpoġġu f'periklu l-funzjonament mingħajr problemi tas-sistema implimentata skont dan ir-Regolament, u dan jista' jwassal għal riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-applikanti kif stabbiliti fl-*acquis* tal-Unjoni dwar l-aż il u fil-Karta, u ta' drittijiet internazzjonali oħra tal-bniedem u tar-rifuġjati.

(67) Kooperazzjoni leali bejn l-Istati Membri hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Aż il. Tali kooperazzjoni tinvolvi l-applikazzjoni xierqa, fost affarijiet oħra, tar-regoli proċedurali stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż li jiġu stabbiliti u implimentati l-arranġamenti prattiċi xierqa kollha meħtieġa, biex jiġi żgurat li t-trasferimenti fil-fatt jitwettqu.

(68) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 ([15]), it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jistgħu jitwettqu fuq bażi volontarja, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu t-trasferimenti volontarji billi jagħtu informazzjoni adegwata lill-persuna kkonċernata u jenħtieġ li jiżguraw li t-trasferimenti taħt superviżjoni jew taħt skorta jsiru b'mod uman, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u b'rispett għad-dinjità umana, kif ukoll fl-aħjar interessi tat-tfal u fil waqt li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fil-ġurisprudenza rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferimenti għal raġunijiet umanitarji.

(69) Dment li jkun meħtieġ għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkondividu informazzjoni speċifika rilevanti għal dak il-fini mingħajr il-kunsens tal-applikant meta tali informazzjoni tkun meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru responsabbli biex jissodisfa l-obbligi tiegħu, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2024/1348.

(70) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stati Membri benefiċjarji u għal Stati Membri kontribwenti. Meta r-responsabbiltà mhijiex determinata qabel ir-rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jenħtieġ li jsir responsabbli, ħlief għall-każijiet li fihom ikunu japplikaw il-kriterji relatati mal-familja. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw ukoll, fejn rilevanti, għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni. Tali regoli jenħtieġ li jiżguraw li l-unità tal-familja tinżamm u li l-persuni li jistgħu jkunu theddida għas-sigurtà interna ma jiġux rilokati.

(71) Meta l-Istati Membri jidħlu f'rilokazzjoni bħala kontribuzzjoni ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju xieraq u proporzjonat mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minuri mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla fir-rigward ta' minuri mhux akkumpanjati.

(72) Jenħtieġ li jkun possibli li jiġu mmobilizzati r-riżorsi tal-Fond għall-Aż il, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1147, u ta' fondi rilevanti oħra tal-Unjoni (il-"Fondi"), biex jingħata appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bi qbil mar-regoli li jirregolaw l-użu tal-Fondi u mingħajr preġudizzju għal prijoritajiet oħra appoġjati mill-Fondi. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw l-allokazzjonijiet fl-ambitu tal-programmi rispettivi tagħhom, inklużi l-ammonti magħmula disponibbli wara r-rieżami ta' nofs it-terminu. Jenħtieġ li jkun possibbli li jingħata appoġġ addizzjonali fl-ambitu tal-faċilitajiet tematiċi disponibbli, b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li jista' jkollhom bżonn iżidu l-kapaċitajiet tagħhom fil-fruntieri esterni jew li jħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet fuq jew ħtiġijiet speċifiċi li jikkonċernaw is-sistemi tal-aż il u l-akkoljenza tagħhom u l-fruntieri esterni tagħhom.

(73) Ir-Regolament (UE) 2021/1147 jenħtieġ li jiġi emendat biex jiggarantixxi kontribuzzjoni sħiħa mill-baġit tal-Unjoni għan-nefqa eliġibbli totali tal-azzjonijiet ta' solidarjetà, kif ukoll biex jintroduċi rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar fir-rigward ta' dawk l-azzjonijiet, bħala parti mill-obbligi ta' rapportar eżistenti dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi.

(74) Meta jiġi definit il-perjodu ta' eliġibbiltà għan-nefqa tal-azzjonijiet ta' solidarjetà, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li l-azzjonijiet ta' solidarjetà jiġu implimentati b'mod f'waqtu. Barra minn hekk, minħabba n-natura solidali tat-trasferimenti finanzjarji fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, tali trasferimenti jenħtieġ li jintużaw bis-sħiħ biex jiffinanzjaw azzjonijiet ta' solidarjetà.

([15]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-aż il iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).

(75) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tiġi ffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti, biex jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew biex jiġi ssimplifikat l-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed responsabbiltà jew notifiki ta' teħid lura, jew billi jiġu stabbiliti proċeduri għat-twettiq ta' trasferimenti u sabiex jitwettqu b'mod aktar effiċjenti.

(76) Jenħtieġ li tiġi żgurata kontinwità bejn is-sistema biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 604/2013 u s-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament. Bl-istess mod, jenħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]).

(77) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti network wieħed jew aktar minn wieħed ta' awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u dawn jenħtieġ li jiġu ffaċilitati mill-Aġenzija għall-Użu biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida. Dawk in-networks jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiltaqgħu regolarment biex issaħħu l-bini tal-fiduċja u l-fehim komuni ta' kwalunkwe sfida tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri.

(78) It-tħaddim tas-sistema tal-Eurodac, kif stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1358, jenħtieġ li tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(79) It-tħaddim tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]), u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tiegħu, jenħtieġ li jiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(80) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri huma marbuta bl-obbligi tagħhom taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluża l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(81) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw u jkunu jistgħu juru li l-ipproċessar ikun qed jitwettaq f'konformità ma' dak ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tiegħu f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dawk il-miżuri jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tad-*data* personali pproċessata fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex jiġi evitat l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, it-tibdil jew it-telf tad-*data* personali pproċessata. L-awtorità jew l-awtoritajiet superviżorji kompetenti ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet ikkonċernati, inkluża l-komunikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-kontrolli tas-sigurtà. B'mod partikolari, is-suġġetti tad-*data* jenħtieġ li jiġu nnotifikati mingħajr dewmien żejjed meta vjolazzjoni ta' *data* personali x'aktarx li tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

(82) L-Istati Membri kif ukoll il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, meta jimplimentaw dan ir-Regolament, jenħtieġ li jieħdu l-miżuri proporzjonati u meħtieġa kollha biex jiżguraw li d-*data* personali tinħażen b'mod sigur.

(83) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti ċerti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]), bl-eċċezzjoni ta' deċiżjonijiet ta'

([16]) Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika sabiex jiġu applikati b'mod effettiv ir-Regolamenti (UE) 2024/1351 u (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1358, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1358/oj).

([17]) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([19]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jiddeterminaw jekk Stat Membru jkunx taħt pressjoni migratorja, f'riskju ta' pressjoni migratorja jew ikunx qed jiffaċċja sitwazzjoni migratorja sinifikanti.

(84) Sabiex jiġu previsti regoli supplimentari, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' membri tal-familja, aħwa jew qraba ta' minuri mhux akkumpanjat; il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari ppruvati fir-rigward ta' minuri mhux akkumpanjati; il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb minuri mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minuri mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed; l-elementi li jridu jitqiesu sabiex tiġi vvalutata rabta ta' dipendenza; il-kriterji sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari ppruvati fir-rigward ta' persuni dipendenti; il-kriterji biex tiġi vvalutata l-kapaċità tal-persuna kkonċernata li tieħu ħsieb il-persuna dipendenti u l-elementi li jridu jitqiesu sabiex tiġi vvalutata l-inabbiltà li wieħed jivvjaġġa għal perjodu sinifikanti ta' żmien, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ l-aħjar interessi tat-tfal kif previst f'dan ir-Regolament. Huwa partikularment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([20]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(85) Iridu jsiru għadd ta' bidliet sostantivi fir-Regolament (UE) Nru 604/2013. Fl-interess taċ-ċarezza, dak ir-Regolament jenħtieġ li jitħassar.

(86) Il-monitoraġġ effettiv tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jirrikjedi li jiġi evalwat f'intervalli regolari.

(87) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji li huma garantiti fil-liġi tal-Unjoni u d-dritt internazzjonali, inkluż fil-Karta. B'mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jiżgura osservanza sħiħa tad-dritt tal-asil iggarantit bl-Artikolu 18 tal-Karta kif ukoll tad-drittijiet rikonoxxuti taħt l-Artikoli 1, 4, 7, 24 u 47 tiegħu. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li japplikaw dan ir-Regolament kif meħtieġ, f'osservanza sħiħa ta' dawk id-drittijiet fundamentali.

(88) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment tal-kriterji u mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali rreġistrata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, u l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja, ma jistgħux jinkisbu b'mod sufiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(89) Bl-għan li tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament sa meta jiġi applikat, jenħtieġ li jiġu żviluppati u implimentati pjanijiet ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali li jidentifikaw lakuni u passi operazzjonali għal kull Stat Membru.

(90) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li l-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu emendi skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-asil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin ([21]), id-Danimarka trid tinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħha jekk hijiex se timplimenta l-kontenut ta' tali emendi jew le fil-mument tal-adozzjoni tal-emendi jew fi żmien 30 jum wara dan.

(91) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

([20]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
([21]) ĠU L 66, 8.3.2006, p. 38.

(92) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, il-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu leġiżlazzjoni ġdida f'qasam li huwa kopert mis-suġġett tal-Anness tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal asil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja ([22]).

(93) Fir-rigward tal-Iżvizzera, il-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu atti jew miżuri li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema jkun l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-asil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera ([23]).

(94) Fir-rigward tal-Liechtenstein, il-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu atti jew miżuri li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-asil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera msemmija fl-Artikolu 3 tal-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-asil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera ([24]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

PARTI I

SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

F'konformità mal-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà, kif minqux fl-Artikolu 80 TFUE, u bl-objettiv li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka, dan ir-Regolament:

(a) jistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni fl-Unjoni, u għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil;

(b) jistabbilixxi mekkaniżmu għas-solidarjetà;

(c) jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) TFUE u li mhijiex persuna li tgawdi d-dritt tal-moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]);

(2) "persuna apolida" tfisser persuna li ebda Stat ma jikkunsidraha bħala ċittadin fl-applikazzjoni tal-liġi tiegħu;

(3) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba għal protezzjoni minn Stat Membru magħmula minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, li jistgħu jinftiehmu li qed ifittxu status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja;

([22]) ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40.
([23]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5.
([24]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 39.
([25]) Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

(4) “applikant” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu għamlu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni finali;

(5) “eżami ta’ applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali” tfisser eżami tal-ammissibbiltà jew tal-merti ta’ applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f’konformità mar-Regolamenti (UE) 2024/1348 u (UE) 2024/1347, eskluża proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli f’konformità ma’ dan ir-Regolament;

(6) “irtirar ta’ applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali” tfisser l-irtirar espliċitu jew impliċitu ta’ applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f’konformità mar-Regolament (UE) 2024/1347;

(7) “benefiċjarju ta’ protezzjoni internazzjonali” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu ngħataw protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2024/1347;

(8) “membru tal-familja” tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju ta’ Stat Membru:

(a) il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tal-applikant f’relazzjoni stabbli, meta l-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b’mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu relatata ma’ ċittadini ta’ pajjiż terz;

(b) it-tifel/tifla minuri ta’ koppji msemmija fil-punt (a) jew tal-applikant, dment li t-tifel/tifla ma jkunux miżżewġin u irrispettivament minn jekk dak it-tifel/tifla twelidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt il-liġi nazzjonali;

(c) meta l-applikant ikun minuri u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

(d) meta l-benefiċjarju ta’ protezzjoni internazzjonali jkun minuri u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għal dak il-benefiċjarju, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn il-benefiċjarju jkun preżenti;

(9) “qarib” tfisser iz-zija jew iz-ziju adult/a jew in-nannu jew in-nanna tal-applikant li jkunu preżenti fit-territorju ta’ Stat Membru, irrispettivament minn jekk l-applikant twelidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġiex adottat kif definit taħt il-liġi nazzjonali:

(10) “minuri” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida taħt l-età ta’ 18-il sena;

(11) “minuri mhux akkumpanjat” tfisser minuri li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u għaż-żmien li dak il-minuri ma jkunx effettivament fil-kura ta’ tali adult, inkluż minuri li jitħalla mhux akkumpanjat wara li huwa jew hija jkunu daħlu fit-territorju tal-Istat Membru;

(12) “rappreżentant” tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lil minuri mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f’dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minuri meta jkun meħtieġ;

(13) “dokument ta’ residenza” tfisser awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta’ Stat Membru li tawtorizza ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida biex joqogħdu fit-territorju tiegħu, inklużi d-dokumenti li jissostanzjaw l-awtorizzazzjoni biex jibqgħu fit-territorju taħt arranġamenti ta’ protezzjoni temporanja jew sakemm iċ-ċirkostanzi li jimpedixxu milli ordni ta’ tneħħija tkun eżegwita ma japplikawx aktar, ħlief viżi u awtorizzazzjonijiet maħruġa matul il-perjodu rekwiżit biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament jew matul l-eżami ta’ applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew applikazzjoni għal permess ta’ residenza;

(14) “viża” tfisser l-awtorizzazzjoni jew id-deċiżjoni ta’ Stat Membru meħtieġa għat-tranżitu jew id-dħul għal soġġorn intenzjonat f’dak l-Istat Membru jew f’diversi Stati Membri, inklużi:

(a) awtorizzazzjoni jew deċiżjoni maħruġa f’konformità mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tiegħu, meħtieġa għad-dħul għal soġġorn intenzjonat f’dak l-Istat Membru ta’ aktar minn 90 jum;

(b) awtorizzazzjoni jew deċiżjoni maħruġa f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tiegħu, meħtieġa għad-dħul, għat-tranżitu jew għal soġġorn intenzjonat f'dak l-Istat Membru li ma taqbiżx 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum;

(c) awtorizzazzjoni jew deċiżjoni valida għal tranżitu fiż-żoni ta' tranżitu internazzjonali f'ajruport wieħed jew aktar tal-Istati Membri;

(15) "diploma jew kwalifika" tfisser diploma jew kwalifika li tinkiseb u hija attestata fi Stat Membru wara perjodu ta' mill-inqas sena akkademika waħda ta' studju fit-territorju ta' Stat Membru fi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali rikonoxxut, tal-istat jew reġjonali, mill-inqas ekwivalenti għal-livell 2 tal-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni, operat minn stabbiliment tal-edukazzjoni skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru u eskluży t-taħriġ online jew forom oħra ta' tagħlim mill-boġħod;

(16) "stabbiliment tal-edukazzjoni" tfisser stabbiliment pubbliku jew privat tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ vokazzjonali stabbilit fi u rikonoxxut minn Stat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew il-prattika amministrattiva abbażi ta' kriterji trasparenti;

(17) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha persuna kkonċernata ma tibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji bħal meta:

(a) titlaq mit-territorju ta' Stat Membru mingħajr permess mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-persuna;

(b) tonqos milli tinnotifika l-assenza minn ċentru ta' akkomodazzjoni partikolari, jew miż-żona ta' residenza assenjata, meta dan ikun meħtieġ minn Stat Membru; jew

(c) tonqos milli tippreżenta ruħha lill-awtoritajiet kompetenti, meta tkun meħtieġa tagħmel dan minn dawk l-awtoritajiet;

(18) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'każ individwali, li huma bbażati fuq kriterji objettivi ddefiniti mil-liġi nazzjonali, biex wieħed jemmen li persuna kkonċernata li hija soġġetta għal proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament tista' taħrab;

(19) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser Stat Membru li jibbenefika minn kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà kif stabbilit fil-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

(20) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jipprovdi jew li huwa obbligat jipprovdi kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà lil Stat Membru benefiċjarju kif stabbilit fil-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

(21) "trasferiment" tfisser l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 42;

(22) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' applikant jew benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju lejn it-territorju ta' Stat Membru kontribwenti;

(23) "operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ" tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1979 dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg fis-27 ta' April 1979;

(24) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni miġjuba minn wasliet bl-art, bil-baħar jew bl-ajru jew minn applikazzjonijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi, li jkunu ta' tali skala li joħolqu obbligi sproporzjonati fuq Stat Membru, b'kont meħud tas-sitwazzjoni ġenerali fl-Unjoni, anke fuq sistemi tal-ażil, tal-akkoljenza u tal-migrazzjoni mħejjija sew u li jirrikjedu azzjoni immedjata, b'mod partikolari kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà skont il-Parti IV ta' dan ir-Regolament; b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru, "pressjoni migratorja" tkopri sitwazzjonijiet fejn ikun hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn tali wasliet jirriżultaw minn żbarki rikorrenti wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, jew minn movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bejn l-Istati Membri;

(25) "sitwazzjoni migratorja sinifikanti" tfisser sitwazzjoni differenti mill-pressjoni migratorja fejn l-effett kumulattiv tal-wasliet annwali attwali u preċedenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi iwassal biex sistema tal-ażil, tal-akkoljenza u tal-migrazzjoni mħejjija sew, tilħaq il-limiti tal-kapaċità tagħha;

(26) "kundizzjonijiet ta' akkoljenza" tfisser kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (6), tad-Direttiva (UE) 2024/1346;

(27) "persuna ammessa" tfisser persuna li Stat Membru aċċetta għall-ammissjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/1350 jew taħt skema nazzjonali ta' risistemazzjoni barra l-qafas ta' dak ir-Regolament;

(28) "Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE" tfisser il-persuna maħtura mill-Kummissjoni skont u bil-mandat definit fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.

PARTI II

QAFAS KOMUNI GĦALL-ĠESTJONI TAL-AŻIL U L-MIGRAZZJONI

KAPITOLU I

L-approċċ komprensiv

Artikolu 3

Approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni

1. L-azzjonijiet komuni meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà kif minqux fl-Artikolu 80 TFUE abbażi ta' approċċ komprensiv, u jkunu ggwidati mill-prinċipju tat-tfassil integrat tal-politika, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali.

Bl-għan ġenerali li l-ażil u l-migrazzjoni jiġu ġestiti b'mod effettiv fil-qafas tal-liġi applikabbli tal-Unjoni, dawk l-azzjonijiet għandu jkollhom l-objettivi li ġejjin:

(a) jiżguraw il-konsistenza bejn il-politiki dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-ġestjoni tal-flussi migratorji lejn l-Unjoni,

(b) jindirizzaw ir-rotot migratorji rilevanti u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni konsistenti tal-politiki dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, inklużi kemm il-komponenti interni kif ukoll dawk esterni ta' dawk il-politiki, f'konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji responsabbli għall-politiki esterni.

Artikolu 4

Komponenti interni tal-approċċ komprensiv

Bl-għan li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-komponenti interni tal-approċċ komprensiv għandhom jikkonsistu mill-elementi li ġejjin:

(a) kooperazzjoni mill-qrib u sħubija reċiproka bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

(b) ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri, ibbażata fuq il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri kif stabbilita fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]);

(c) rispett sħiħ għall-obbligi stipulati fid-dritt internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni fir-rigward ta' persuni salvati fuq il-baħar;

([26]) Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

(d) aċċess rapidu u effettiv għal proċedura ġusta u effiċjenti għal protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Istati Membri, inkluż fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri, fil-baħar territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u rikonoxximent ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi bħala rifuġjati jew benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 u r-Regolament (UE) 2024/1347;

(e) determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali;

(f) miżuri effettivi biex jitnaqqsu l-inċentivi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi u biex jiġu evitati movimenti mhux awtorizzati tagħhom bejn l-Istati Membri;

(g) aċċess għall-applikanti għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1346;

(h) ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]);

(i) miżuri effettivi biex jipprovdu inċentivi u appoġġ għall-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri;

(j) miżuri bl-għan li jiġi miġġieled l-isfruttament u li jitnaqqsu l-impjiegi illegali f'konformità mad-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]);

(k) meta applikabbli, l-implimentazzjoni u l-użu tal-għodod operazzjonali stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, inkluż mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija għall-Ażil tal-Unjoni Ewropa (l-"Aġenzija għall-Ażil"), u s-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni operati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA).

Artikolu 5

Komponenti esterni tal-approċċ komprensiv

Bl-għan li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, l-Unjoni u l-Istati Membri, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jippromwovu u jibnu sħubijiet imfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni u fuq il-bażi tar-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, u jrawmu kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti fil-livelli bilaterali, reġjonali, multilaterali u internazzjonali, inkluż biex:

(a) jippromwovu l-migrazzjoni legali u l-perkorsi legali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'xi mod ieħor ikunu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri;

(b) jappoġġaw lis-sħab li jospitaw għadd kbir ta' migranti u rifuġjati li jeħtieġu protezzjoni u jibnu l-kapaċitajiet operazzjonali tagħhom fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-ażil u l-fruntieri b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem;

(c) jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari u jiġġieldu kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, inkluż it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet ikkawżati minn dawn l-attivitajiet, filwaqt li jiżguraw id-dritt li wieħed japplika għal protezzjoni internazzjonali;

(d) jindirizzaw il-kawżi fundamentali u l-ixpruni tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat;

(e) itejbu r-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni effettivi;

(f) jiżguraw implimentazzjoni sħiħa tal-politika komuni dwar il-viżi.

([27]) Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

([28]) Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi f'soġġorn illegali (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 24).

Artikolu 6

Il-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà

1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà kif imħaddan fl-Artikolu 80 TFUE, u għandhom iqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.

2. Fl-issodisfar tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib u għandhom:

(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess effettiv għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu protezzjoni internazzjonali lil applikanti li huma fil-bżonn, u jiżguraw ir-ritorn effettiv u dinjituż ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE, u jipprovdu u jinvestu fil-akkoljenza xierqa tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1346;

(b) jiżguraw li jiġu allokati r-riżorsi meħtieġa u biżżejjed persunal kompetenti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u, meta l-Istati Membri jqisu li dan ikun meħtieġ jew meta jkun applikabbli, jitolbu appoġġ mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni għal dak il-għan;

(c) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali, biex jipprevjenu u jnaqqsu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, inkluż biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin u biex jipproteġu d-drittijiet tal-migranti li daħlu b'mod klandestin u l-bnedmin traffikati;

(d) b'mod korrett u malajr japplikaw ir-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u, meta jkun meħtieġ, iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitoli I-VI tal-Parti III u l-Kapitolu I tal-Parti IV;

(e) jipprovdu appoġġ effettiv lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Parti II jew IV;

(f) jieħdu miżuri effettivi biex inaqqsu l-inċentivi għal, u jipprevjenu movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi bejn l-Istati Membri.

3. Biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-issodisfar tal-obbligi tagħhom, is-Sett ta' Għodod Permanenti tal-UE b'Appoġġ għall-Migrazzjoni għandu jinkludi mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) assistenza operazzjonali u teknika mill- korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'konformità mal-mandati tagħhom, b'mod partikolari l-Aġenzija għall-Ażil f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]).

(b) appoġġ ipprovdut mill-fondi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-qafas komuni stabbilit f'din il-Parti f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1147 u, meta rilevanti, mar-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]);

(c) derogi fl-*acquis* tal-Unjoni li jipprovdu lill-Istati Membri l-għodod meħtieġa biex jirreaġixxu għal sfidi migratorji speċifiċi kif imsemmi fir-Regolamenti (UE) 2024/1359 u (UE) 2024/1348 u r-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([32]);

([29]) Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1).

([30]) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

([31]) Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

([32]) Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj).

(d) attivazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([33]);

(e) miżuri li jiffaċilitaw l-attivitajiet ta' ritorn u riintegrazzjoni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, u f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali;

(f) azzjonijiet imsaħħa u attivitajiet transsettorjali fid-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni;

(g) kuntatt diplomatiku u politiku mtejjeb;

(h) strateġiji ta' komunikazzjoni koordinati;

(i) appoġġ ta' politiki dwar il-migrazzjoni effettivi u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi;

(j) promozzjoni tal-migrazzjoni legali u mobbiltà ġestita sew, inkluż bit-tisħiħ ta' sħubijiet bilaterali, reġjonali u internazzjonali dwar il-migrazzjoni, l-ispostament furzat, il-perkorsi legali u s-sħubijiet ta' mobbiltà.

Artikolu 7

Approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell nazzjonali

1. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali li jistabbilixxu approċċ strateġiku biex jiżguraw li jkollhom il-kapaċità biex jimplimentaw b'mod effettiv is-sistema tagħhom ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, f'konformità sħiħa mal-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni u internazzjonali, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni speċifika tagħhom, b'mod partikolari l-pożizzjoni ġeografika tagħhom.

Meta jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jikkonsultaw lill-Kummissjoni u lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Aġenzija għall-Ażil, kif ukoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif xieraq u f'konformità mal-liġi nazzjonali. Dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) miżuri preventivi biex jitnaqqas ir-riskju ta' pressjoni migratorja u ppjanar ta' kontinġenza, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolamenti (UE) 2019/1896 u (UE) 2021/2303 u d-Direttiva (UE) 2024/1346 u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa skont ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1366;

(b) informazzjoni dwar kif il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti huma implimentati u dwar kif l-obbligi legali li joħorġu minnhom huma sodisfatti fil-livell nazzjonali;

(c) informazzjoni dwar kif ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija għall-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, u tal-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/922 kif ukoll tal-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/1356 tqiesu wkoll.

2. L-istrateġiji nazzjonali għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħra u miżuri ta' appoġġ eżistenti, b'mod partikolari l-miżuri ta' appoġġ fl-ambitu tar-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/2303, u jkunu konsistenti ma', u komplementari għal, l-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni lill-Kummissjoni sitt xhur qabel l-adozzjoni tal-Istrateġija msemmija fl-Artikolu 8.

4. L-appoġġ finanzjarju u operazzjonali mill-Unjoni, inkluż l-appoġġ operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tagħha għall-implimentazzjoni tal-obbligi, għandu jiġi pprovdut f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/1986, (UE) 2021/1147, (UE) 2021/2303 u, meta rilevanti, (UE) 2021/1148.

5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni migratorja permezz ta' rapporti regolari bbażati fuq data u informazzjoni pprovduti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Aġenzija għall-Ażil, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mill-Europol u mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea

([33]) Ir-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 185, 26.5.2021, p. 1).

għad-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura skont ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1366 u fil-qafas tan-Netwek tal-Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u għall-Ġestjoni tal-Migrazzjonizzjoni u, meta jkun meħtieġ, informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri,.

6. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tistabbilixxi mudell li għandu jintuża mill-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-istrateġiji nazzjonali tagħhom ikunu komparabbli fir-rigward ta' elementi ċentrali speċifiċi, bħal pjanar ta' kontinġenza. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

Artikolu 8

Strateġija Ewropea fit-tul għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni

1. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta l-Istati Membri, filwaqt li tqis ir-rapporti u l-analiżi rilevanti mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u filwaqt li tibni fuq l-istrateġiji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 7, għandha tfassal Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni (l-"Istrateġija") ta' ħames snin li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tal-istrateġiji nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istrateġija ma għandhiex tkun legalment vinkolanti.

2. L-ewwel Strateġija għandha tiġi adottata sat-12 ta' Diċembru 2025 u kull ħames snin wara dan.

3. L-Istrateġija għandha tinkludi l-komponenti elenkati fl-Artikoli 4 u 5, tagħti rwol prominenti lill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tqis ukoll:

(a) l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil tal-Istati Membri, imsemmija fl-Artikolu 7, u l-konformità tagħhom mad-dritt internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni;

(b) informazzjoni rilevanti miġbura mill-Kummissjoni skont ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1366;

(c) informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija għall-Ażil dwar l-implimentazzjoni tal-*acquis* dwar l-ażil tal-Unjoni;

(d) informazzjoni miġbura mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari rapporti mill-Aġenzija għall-Ażil, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali;

(e) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, inkluż mill-Istati Membri, mill-awtoritajiet ta' monitoraġġ, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, u minn korpi, uffiċċji, aġenziji jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra.

KAPITOLU II

IĊ-ĊIKLU ANNWALI TAL-ĠESTJONI TAL-MIGRAZZJONI

Artikolu 9

Ir-Rapport Ewropew Annwali dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport Ewropew Annwali dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil fuq bażi annwali li jivvaluta s-sitwazzjoni tal-ażil, tal-akkoljenza u tal-migrazzjoni matul il-perjodu preċedenti ta' 12-il xahar u kwalunkwe żvilupp possibbli, u li jipprovdi stampa strateġika tas-sitwazzjoni tal-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil li jservi wkoll bħala għodda ta' twissija bikrija u ta' sensibilizzazzjoni għall-Unjoni (ir-"Rapport").

2. Ir-Rapport għandu jkun ibbażat fuq data u informazzjoni kwantitattivi u kwalitattivi rilevanti pprovduti mill-Istati Membri, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Aġenzija għall-Ażil, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mill-Europol, u mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. Jista' jqis ukoll l-informazzjoni pprovduta minn korpi, uffiċċji, aġenziji jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra.

3. Ir-Rapport għandu jinkludi fih l-elementi li ġejjin:

(a) valutazzjoni tas-sitwazzjoni ġenerali, li tkopri r-rotot migratorji kollha lejn l-Unjoni u fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari:

(i) in-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u n-nazzjonalitajiet tal-applikanti;

(ii) in-numru ta' minuri mhux akkumpanjati identifikati u meta disponibbli, persuni bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza jew ħtiġijiet proċedurali speċjali;

(iii) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li jkunu ngħataw protezzjoni internazzjonali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1347;

(iv) in-numru ta' deċiżjonijiet fil-prima istanza u deċiżjonijiet finali dwar l-ażil;

(v) il-kapaċità ta' akkoljenza tal-Istati Membri;

(vi) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li nstabu mill-awtoritajiet tal-Istati Membri waqt li ma kinux qed jissodisfaw, jew ma kinux għadhom qed jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-permanenza jew ir-residenza fl-Istat Membru, inklużi persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (19), tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([34]);

(vii) in-numru ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-Istati Membri u n-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li telqu mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn li tikkonforma mad-Direttiva 2008/115/KE;

(viii) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi ammessi mill-Istati Membri permezz ta' skemi ta' risistemazzjoni jew ammissjoni umanitarja tal-Unjoni u nazzjonali;

(ix) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 u (UE) 2024/1349 kif ukoll in-nazzjonalitajiet tagħhom;

(x) in-numru ta' talbiet biex tittieħed responsabbiltà jew ta' notifiki ta' teħid lura deħlin u ħerġin f'konformità mal-Artikoli 39 u 41;

(xi) in-numru ta' deċiżjonijiet ta' trasferiment u n-numru ta' trasferimenti mwettqa f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(xii) in-numru u n-nazzjonalità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, u n-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali mressqa minn dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(xiii) l-Istati Membri li esperjenzaw wasliet rikorrenti bil-baħar, b'mod partikolari permezz ta' żbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ;

(xiv) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li ġew irrifjutati dħul f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399;

(xv) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li jgawdu minn protezzjoni temporanja f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE ([35]);

(xvi) in-numru ta' persuni maqbuda b'rabta ma' qsim irregolari ta' fruntiera esterna tal-art, tal-baħar jew tal-ajru u, dment li d-data tkun disponibbli u verifikabbli, in-numru ta' tentattivi ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri;

(xvii) l-appoġġ ipprovdut mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni lill-Istati Membri;

(b) projezzjoni għas-sena li jkun imiss, inkluż l-għadd ta' wasliet antiċipati bil-baħar, abbażi tas-sitwazzjoni migratorja ġenerali fis-sena preċedenti u b'kont meħud tas-sitwazzjoni attwali, filwaqt li tiġi riflessa wkoll il-pressjoni preċedenti;

([34]) Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

([35]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

(c) informazzjoni dwar il-livell ta' tħejjija fl-Unjoni u fl-Istati Membri u l-impatt possibbli tas-sitwazzjonijiet antiċipati;

(d) informazzjoni dwar il-kapaċità tal-Istati Membri, b'mod partikolari dwar il-kapaċità ta' akkoljenza;

(e) ir-riżultat tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija għall-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, u l-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/922 kif ukoll il-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/1356, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (c), ta' dan ir-Regolament;

(f) valutazzjoni ta' jekk humiex meħtieġa miżuri ta' solidarjetà u miżuri taħt is-Sett ta' Għodod Permanenti tal-UE b'Appoġġ għall-Migrazzjoni biex jappoġġaw lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kkonċernati.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta r-Rapport sal-15 ta' Ottubru kull sena u tikkomunikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Ir-Rapport għandu jipprovdi l-bażi għal deċiżjonijiet f'livell tal-Unjoni dwar il-miżuri meħtieġa għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet migratorji.

6. L-ewwel Rapport għandu jinħareġ sal-15 ta' Ottubru 2025.

7. Għall-finijiet tar-Rapport, l-Istati Membri, l-Aġenzija għall-Ażil, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-Europol u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 sal-1 ta' Ġunju kull sena.

8. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa tal-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija għall-migrazzjoni u għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-migrazzjoni matul l-ewwel nofs ta' Lulju kull sena biex tippreżenta l-valutazzjoni inizjali tas-sitwazzjoni u tagħmel skambju informazzjoni mal-membri ta' dak il-mekkaniżmu. Il-kompożizzjoni u l-mod ta' tħaddim tal-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija għall-migrazzjoni u għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-migrazzjoni għandhom ikunu stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1366 fil-verżjoni oriġinali tagħha.

9. L-Istati Membri u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni aġġornata sal-1 ta' Settembru kull sena.

10. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa tal-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija għall-migrazzjoni u għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-migrazzjoni sat-30 ta' Settembru kull sena biex tippreżenta l-valutazzjoni konsolidata tas-sitwazzjoni. Il-kompożizzjoni u l-mod ta' tħaddim tal-mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija għall-migrazzjoni u għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-migrazzjoni għandhom ikunu stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1366 fil-verżjoni oriġinali tagħha.

Artikolu 10

Informazzjoni għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni migratorja ġenerali, il-pressjoni migratorja, ir-riskju ta' pressjoni migratorja jew sitwazzjoni migratorja sinifikanti

1. Meta l-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni migratorja ġenerali, jew jekk Stat Membru huwiex taħt pressjoni migratorja, f'riskju ta' pressjoni migratorja jew ikkonfrontat b'sitwazzjoni migratorja sinifikanti, hija għandha tuża r-Rapport imsemmi fl-Artikolu 9 u tqis kwalunkwe informazzjoni ulterjuri skont l-Artikolu 9(3), il-punt (a).

2. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll dan li ġej:

(a) l-informazzjoni ppreżentata mill-Istat Membru kkonċernat, inkluż l-istima tal-ħtiġijiet u l-kapaċità tiegħu u l-miżuri ta' tħejjija tiegħu u kwalunkwe informazzjoni rilevanti addizzjonali provduta fl-istrateġija nazzjonali msemmija fl-Artikolu 7;

(b) il-livell ta' kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni kif ukoll fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni, inkluż billi jittieħed inkunsiderazzjoni r-rapport annwali f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([36]), ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu, l-ewwel pajjiżi ta'ażil, u pajjiżi terzi sikuri kif definit fir-Regolament (UE) 2024/1348;

([36]) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

(c) is-sitwazzjoni ġeopolitika f'pajjiżi terzi rilevanti kif ukoll il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u sitwazzjonijiet possibbli ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti u żviluppi possibbli fil-qasam tal-wasliet irregolari mill-fruntieri esterni tal-Istati Membri li jistgħu jaffettwaw il-movimenti migratorji;

(d) ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti previsti fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2022/922, l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/2303 u l-Artikolu 32(7) tar-Regolament (UE) 2019/1896;

(e) informazzjoni miġbura skont ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1366;

(f) ir-rapporti dwar il-Kapaċità ta' Għarfien u ta' Analiżi Integrati tas-Sitwazzjoni skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 ([37]), dment li jiġi attivat ir-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi jew ir-rapport dwar l-Għarfien u l-Analiżi tas-Sitwazzjoni tal-Migrazzjoni maħruġ fl-ewwel stadju tal-Mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet b'rabta mal-migrazzjoni, meta r-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi ma jkunx attivat;

(g) informazzjoni mill-proċess ta' rappurtar dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża u djalogi ma' pajjiżi terzi;

(h) bullettini ta' kull tliet xhur dwar il-migrazzjoni, u rapporti oħrajn, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali;

(i) l-appoġġ ipprovdut mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni lill-Istat Membri;

(j) il-partijiet rilevanti tar-rapport tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà msemmi fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/1896;

(k) l-iskala u x-xejriet ta' movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bejn l-Istati Membri li jibnu fuq l-informazzjoni disponibbli mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u l-analiżi tad-data minn sistemi ta' informazzjoni rilevanti.

3. Barra minn hekk, sabiex jiġi vvalutat jekk Stat Membru jkunx qed jiffaċċja sitwazzjoni migratorja sinifikanti, il-Kummissjoni għandha tqis l-effett kumulattiv tal-wasliet annwali attwali u preċedenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi.

Artikolu 11

Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tiddetermina l-Istati Membri taħt pressjoni migratorja, f'riskju ta' pressjoni migratorja jew li jiffaċċjaw sitwazzjoni migratorja sinifikanti

1. Flimkien mar-Rapport imsemmi fl-Artikolu 9, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddetermina jekk Stat Membru partikolari jkunx taħt pressjoni migratorja, f'riskju ta' pressjoni migratorja matul is-sena li jkun imiss, jew ikunx qed jiffaċċja sitwazzjoni migratorja sinifikanti.

Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien għal tali konsultazzjonijiet.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tuża l-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 10, filwaqt li tqis l-elementi kollha tar-Rapport imsemmi fl-Artikolu 9, ir-rotot migratorji kollha, inklużi l-ispeċifiċitajiet tal-fenomenu strutturali tal-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ u movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi bejn l-Istati Membri, kif ukoll pressjoni preċedenti fuq Stat Membru kkonċernat u s-sitwazzjoni attwali.

3. Meta matul l-aħħar 12-il xahar Stat Membru jkun iffaċċja għadd kbir ta' wasliet minħabba żbarki rikorrenti wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tqis lil dak l-Istat Membru bħala wieħed taħt pressjoni migratorja dment li dawk il-wasliet ikunu ta' tali skala li joħolqu obbligi sproporzjonati anke fuq is-sistemi tal-ażil, tal-akkoljenza u tal-migrazzjoni mhejjija sew tal-Istat Membru kkonċernat.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha sal-15 ta' Ottubru kull sena u tikkomunikaha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

([37]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28).

Artikolu 12

Proposta tal-Kummissjoni għal att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà

1. Kull sena, abbażi tar-Rapport imsemmi fl-Artikolu 9 u flimkien miegħu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni migratorja fis-sena li jmiss b'mod bilanċjat u effettiv. Dik il-proposta għandha tirrifletti l-ħtiġijiet ta' solidarjetà annwali proġettati tal-Istati Membri taħt pressjoni migratorja.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tidentifika l-għadd annwali totali ta' rilokazzjonijiet u kontribuzzjonijiet finanzjarji meħtieġa għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà fil-livell tal-Unjoni, li għandhom ikunu mill-inqas:

(a) 30 000 għar-rilokazzjonijiet;

(b) EUR 600 miljun għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji.

Il-proposta tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tistabbilixxi wkoll kontribuzzjonijiet indikattivi annwali għal kull Stat Membru billi tapplika l-gwida għat-tqassim stabbilita fl-Artikolu 66 bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju ta' wegħdiet ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà tiegħu ("l-eżerċizzju ta' wegħdiet") skont l-Artikolu 13.

3. Meta tidentifika l-livell ta' responsabbiltà għall-Unjoni kollha biex tiġi kondiviża mill-Istati Membri kollha u l-livell konsegwenti ta' solidarjetà, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi rilevanti, inkluż, għas-sena rilevanti, l-għadd globali ta' wasliet, ir-rati medji ta' rikonoxximent kif ukoll ir-rati medji ta' ritorn. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll li l-Istati Membri li se jsiru Stati Membri benefiċjarji, skont l-Artikolu 58(1), mhumiex obbligati jimplimentaw il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà mwiegħda tagħhom.

Il-Kummissjoni tista' tidentifika għadd akbar għal rilokazzjonijiet u kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawk previsti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u tista' tidentifika forom oħra ta' solidarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), skont il-ħtieġa għal tali miżuri li jirriżultaw mill-isfidi speċifiċi fil-qasam tal-migrazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat. Sabiex jiġi ppreservat il-valur ugwali tat-tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà, għandu jinżamm il-proporzjon bejn in-numri stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu.

4. Minkejja l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, meta l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri u mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni skont l-Artikolu 9(2), jew il-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) ma jindikawx ħtieġa għal miżuri ta' solidarjetà għas-sena li jkun imiss, il-proposta tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tqis dan debitament.

5. Meta l-Kummissjoni tkun identifikat deċiżjoni ta' implimentazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11 li Stat Membru wieħed jew aktar ikunu taħt pressjoni migratorja bħala riżultat ta' għadd kbir ta' wasliet li jirriżultaw minn żbarki rikorrenti wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-perċentwal indikattiv tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà li għandu jsir disponibbli għal dawk l-Istati Membri.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-proposta msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sal-15 ta' Ottubru kull sena u tikkomunikaha lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik il-proposta lill-Parlament Ewropew simultanjament. Sal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57, il-proposta tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex issir pubblika. Hija għandha tiġi kklassifikata bħala "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" u għandha tiġi ttrattata bħala tali f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([38]).

Artikolu 13

Il-Forum ta' Livell Għoli tal-UE dwar is-Solidarjetà

1. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Livell Għoli tal-UE dwar is-Solidarjetà (il-"Forum ta' Livell Għoli"), li jikkonsisti mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u huwa ppresedut mill-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu rappreżentati fil-livell ta' responsabbiltà u s-setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jkun xieraq sabiex jitwettqu l-kompiti mogħtija lill-Forum ta' Livell Għoli.

([38]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

Il-pajjiżi terzi li jkunu kkonkludew ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata fi Stat Membru jew f'dak il-pajjiż terz jistgħu, bil-fini li jikkontribwixxu għas-solidarjetà fuq bażi ad hoc, jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-Forum ta' Livell Għoli kif xieraq.

2. Il-Kunsill għandu jlaqqa' l-Forum ta' Livell Għolifi żmien 15-il jum wara l-adozzjoni tar-Rapport imsemmi fl-Artikolu 9, id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 u l-proposta tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 12.

3. Fil-laqgħa msemmija fil-paragrafu 2, il-Forum ta' Livell Għoli għandu jikkunsidra r-Rapport imsemmi fl-Artikolu 9, id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 11 u l-proposta tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 12 u jeżamina s-sitwazzjoni ġenerali. Dan għandu wkoll jasal għal konklużjoni dwar il-miżuri ta' solidarjetà u l-livell ta' kontribuzzjoni meħtieġa skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 57 u, meta jitqies meħtieġ, dwar miżuri oħra ta' rispons għas-sitwazzjoni migratorja fl-oqsma ta' responsabbiltà, tħejjija u kontinġenza, kif ukoll dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni. Matul dik il-laqgħa tal-Forum ta' Livell Għoli, l-Istati Membri għandhom iwiegħdu l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà tagħhom għall-ħolqien tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà skont l-Artikolu 57.

4. Meta l-Kunsill, fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru jew fuq stedina mill-Kummissjoni, iqis li l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà ma jkunux biżżejjed fir-rigward tal-ħtiġijiet identifikati, inkluż meta jkun ingħata tnaqqis sinifikanti skont l-Artikoli 61 u 62, jew Stat Membru wieħed jew aktar taħt pressjoni migratorja jkollhom ħtiġijiet ogħla minn dawk anticipati, jew is-sitwazzjoni ġenerali tkun teħtieġ appoġġ ta' solidarjetà addizzjonali, il-Kunsill għandu b'maġġoranza sempliċi jlaqqa' mill-ġdid il-Forum ta' Livell Għoli biex jitlob lill-Istati Membri jipprovdu kontribuzzjonijiet addizzjonali ta' solidarjetà. Kwalunkwe eżerċizzju ta' wegħdiet għandu jsegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 57.

Artikolu 14

Il-Forum ta' Livell Tekniku tal-UE dwar is-Solidarjetà

1. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Livell Tekniku tal-UE dwar is-Solidarjetà (il-"Forum ta' Livell Tekniku") u l-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE għandu, f'isem il-Kummissjoni, ilaqqa' u jippresiedi dan.

2. Il-Forum ta' Livell Tekniku għandu jinkludi rappreżentanti tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri f'livell għoli biżżejjed biex iwettqu l-kompiti mogħtija lilu.

3. Il-pajjiżi terzi li jkunu kkonkludew ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata fi Stat Membru jew f'dak il-pajjiż terz jistgħu, bil-fini li jikkontribwixxu għas-solidarjetà fuq bażi ad hoc, jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-Forum ta' Livell Tekniku, kif xieraq.

4. L-Aġenzija għall-Asil għandha tipparteċipa fil-Forum ta' Livell Tekniku. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandhom, meta xieraq u meta jkunu mistiedna mill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE, jipparteċipaw fil-Forum ta' Livell Tekniku. L-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti jistgħu, skont l-involviment tagħhom fil-mekkaniżmu ta' solidarjetà, ukoll jiġu mistiedna jipparteċipaw.

5. Wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57, il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE għandu jsejjaħ l-ewwel laqgħa tal-Forum ta' Livell Tekniku. Wara dik l-ewwel laqgħa, il-Forum ta' Livell Tekniku għandu jiltaqa' fuq bażi regolari u spiss kemm ikun meħtieġ, b'mod partikolari skont l-Artikoli 58(3) u 59(6), sabiex joperazzjonalizza l-mekkaniżmu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri u jindirizza l-ħtiġijiet ta' solidarjetà bil-kontribuzzjonijiet identifikati.

Artikolu 15

Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE

1. Il-Kummissjoni għandha taħtar Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE biex jikkoordina fil-livell tekniku l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà f'konformità mal-Parti IV ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE għandu:

(a) jappoġġa l-attivitajiet ta' rilokazzjoni mill-Istat Membru benefiċjarju għall-Istat Membru kontribwenti;

(b) jikkoordina u jappoġġa komunikazzjoni bejn l-Istati Membri, il-korpi, l-uffiċċji, l-aġenziji u l-entitajiet li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà;

(c) iżomm ħarsa ġenerali lejn il-ħtiġijiet tal-Istati Membri benefiċjarji u l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri kontribwenti u jsegwi l-implimentazzjoni li għaddejja tal-miżuri ta' solidarjetà;

(d) jorganizza, f'intervalli regolari, laqgħat bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiżgura l-operazzjonalizzazzjoni effettiva u effiċjenti tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, sabiex jiffaċilita l-aħjar interazzjoni u kooperazzjoni fost l-Istati Membri;

(e) jippromwovi l-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà;

(f) ilaqqa' u jippresiedi l-Forum ta' Livell Tekniku;

(g) iwettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/1359.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE għandu jkun assistit minn uffiċċju u pprovdut bir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE għandu jikkoordina mill-qrib mal-Aġenzija għall-Ażil, inkluż b'rabta mad-dettalji prattiċi tar-rilokazzjoni skont dan ir-Regolament.

4. Ir-Rapport imsemmi fl-Artikolu 9 għandu jippreżenta l-istat ta' implimentazzjoni u funzjonament tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE bid-data u l-informazzjoni meħtieġa biex huwa jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.

PARTI III

IL-KRITERJI U L-MEKKANIŻMI BIEX IKUN IDDETERMINAT L-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI

KAPITOLU I

Prinċipji ġenerali u salvagwardji

Artikolu 16

L-aċċess għall-proċedura tal-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li tapplika fit-territorju ta' xi wieħed minnhom, inkluż fil-konfini jew fiż-żoni ta' tranżitu. L-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata minn Stat Membru wieħed li għandu jkun Stat Membru responsabbli abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' din il-Parti.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fil-Parti IV ta' dan ir-Regolament, meta ebda Stat Membru ma jkun jista' jkun determinat bħala responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fuq il-bażi tal-kriterji elenkati f'dan ir-Regolament, l-ewwel Stat Membru li fih l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata għandu jkun responsabbli biex jeżaminaha.

3. Meta jkun impossibbli li Stat Membru jittrasferixxi applikant għall-Istat Membru primarjament nominat bħala responsabbli għax ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li l-applikant, minħabba t-trasferiment għal dak l-Istat Membru, jiffaċċja riskju reali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-applikant li jammonta għal trattament inuman jew degradanti skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Karta, l-Istat Membru determinanti għandu jkompli jeżamina l-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' din il-Parti sabiex jistabbilixxi jekk Stat Membru ieħor jistax jiġi nominat bħala responsabbli.

Meta Stat Membru ma jkunx jista' jwettaq it-trasferiment skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għal kwalunkwe Stat Membru nominat abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' din il-Parti jew għall-ewwel Stat Membru li miegħu tkun ġiet reġistrata l-applikazzjoni, u ma jkunx jista' jistabbilixxi jekk Stat Membru ieħor jistax jiġi nominat bħala responsabbli, dak l-Istat Membru għandu jsir l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

4. Jekk ma tkunx saret il-verifika tas-sigurtà prevista fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE)2024/1356 skont dak ir-Regolament, l-ewwel Stat Membru li fih kienet irreġistrata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandu jeżamina jekk hemmx raġunijiet validi biex jitqies li l-applikant joħloq theddida għas-sigurtà interna kemm jista' jkun malajr wara r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, qabel jiġu applikati l-kriterji biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' din il-Parti.

Jekk ikun sar kontroll tas-sigurtà previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1356, iżda l-ewwel Stat Membru li fih kienet reġistrata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jkollu raġunijiet iġġustifikati biex jeżamina jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-applikant joħloq theddida għas-sigurtà interna, dak l-Istat Membru għandu jwettaq l-eżami mill-aktar fis possibbli wara r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, qabel japplika l-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' din il-Parti.

Meta l-verifika tas-sigurtà mwettqa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2024/1356 jew f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu turi li hemm raġunijiet validi biex jitqies li l-applikant joħloq theddida għas-sigurtà interna, l-Istat Membru li jwettaq il-verifika għandu jkun l-Istat Membru responsabbli, u l-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika.

5. Kull Stat Membru għandu jżomm id-dritt li jibgħat applikant lejn pajjiż terz sikur, soġġett għar-regoli u s-salvagwardji stipulati fir-Regolament (UE) 2024/1348.

Artikolu 17

L-obbligi tal-applikant u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti

1. Meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida tagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li tagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu jew viża valida, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument ta' residenza jew viża.

Meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li tagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jkollhom dokument ta' residenza jew viża li tkun skadiet jew ġiet annullata, irtirata jew revokata, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru fejn ikunu preżenti.

3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri billi jiġbor id-data bijometrika f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358 u fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta u jiżvela, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih li jkunu rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, inkluż billi jippreżenta d-dokumenti tal-identità tiegħu jekk l-applikant ikun fil-pussess ta' tali dokumenti. Meta l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jippreżenta evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, jew biex jimla l-mudell imsemmi fl-Artikolu 22(1) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien raġonevoli għall-preżentazzjoni ta' tali evidenza, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi individwali tal-każ, fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 39(1) ta' dan ir-Regolament.

4. L-applikant għandu jkun meħtieġ li jkun preżenti f'dawn li ġejjin:

(a) l-Istat Membru msemmi fil-paragrafi 1 u 2 sakemm jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli u, meta applikabbli, tiġi implimentata l-proċedura ta' trasferiment;

(b) l-Istat Membru responsabbli;

(c) l-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara trasferiment skont l-Artikolu 67(11).

5. Meta deċiżjoni ta' trasferiment tiġi nnotifikata lill-applikant f'konformità mal-Artikolu 42(2) u l-Artikolu 67(10), l-applikant għandu jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti u jikkonforma ma' dik id-deċiżjoni.

Artikolu 18

Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità

1. Dment li l-applikant ikun ġie infurmat bl-obbligi tiegħu u bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità magħhom f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1356 jew l-Artikolu 5(1) u 21 tad-Direttiva (UE) 2024/1346, l-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 17 sa 20 ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 17(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli.

L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, inkluża l-Karta, u l-obbligi internazzjonali.

2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jiġu ppreżentati wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għandhom jitqiesu biss jekk jipprovdu evidenza li hija deċiżiva għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' minuri mhux akkumpanjati u r-riunifikazzjoni tal-familja.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-applikant ma jkunx fl-Istat Membru fejn ikun meħtieġ li jkun preżenti u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih l-applikant ikun preżenti jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li l-applikant seta' kien soġġett għal kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([39]).

4. Meta japplikaw dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi individwali tal-applikant, inkluż kwalunkwe riskju reali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Istat Membru fejn l-applikant ikun meħtieġ li jkun preżenti. Kwalunkwe miżura meħuda mill-Istati Membri għandha tkun proporzjonata.

Artikolu 19

Dritt għall-informazzjoni

1. Mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ sad-data meta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tipprovdi lill-applikant b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dwar id-drittijiet tiegħu skont dan ir-Regolament, u dwar l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 18. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi, b'mod partikolari informazzjoni dwar:

(a) l-objettivi ta' dan ir-Regolament;

(b) il-kooperazzjoni mistennija mill-applikant mal-awtoritajiet kompetenti kif stabbilit fl-Artikolu 17;

(c) il-fatt li d-dritt għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma jinkludix għażla min-naħa tal-applikant dwar liema Stat Membru huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew dwar liema Stat Membru huwa l-Istat Membru ta' rilokazzjoni;

(d) il-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll il-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn l-applikant huwa meħtieġ li jkun preżenti skont l-Artikolu 17(4), u b'mod partikolari li l-applikant għandu jkun intitolat biss għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif stabbiliti fl-Artikolu 18(1);

(e) il-kriterji u l-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tal-proċedura;

(f) id-dispożizzjonijiet relatati mar-riunifikazzjoni tal-familja u, f'dak ir-rigward, id-definizzjoni applikabbli ta' membri tal-familja u qraba, id-dritt li jitolbu u jirċievu l-mudell imsemmi fl-Artikolu 22(1), inkluża informazzjoni dwar persuni u entitajiet li huma kapaċi jipprovdu assistenza biex jimlew il-mudell, kif ukoll informazzjoni dwar organizzazzjonijiet nazzjonali, internazzjonali jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra li huma kapaċi jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u t-traċċar ta' membri tal-familja;

([39]) Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1).

(g) id-dritt għal u l-għan tal-intervista personali f'konformità mal-Artikolu 22, il-proċedura u l-obbligu li tiġi ppreżentata, bil-fomm jew permezz tal-għoti ta' dokumenti jew informazzjoni oħra, inkluż meta applikabbli permezz tal-mudell imsemmi fl-Artikolu 22(1), malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex tiġi stabbilita l-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati Membri, inkluż informazzjoni dwar il-mezzi li bihom l-applikant jista' jippreżenta tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;

(h) l-obbligu għall-applikant li jiżvela, kemm jista' jkun malajr fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġi stabbilit kwalunkwe dokument ta' residenza, viża jew diploma edukattiva preċedenti;

(i) l-opportunità li jiġu ppreżentati raġunijiet debitament motivati lill-awtoritajiet kompetenti sabiex huma jikkunsidraw li japplikaw l-Artikolu 35(1);

(j) l-obbligu għall-applikant li jippreżenta d-dokumenti tal-identità tiegħu meta l-applikant ikun fil-pussess ta' tali dokumenti u li jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti fil-ġbir tad-data bijometrika f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358;

(k) l-eżistenza tad-dritt ta' rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal sabiex tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 43(2) u dwar il-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali kontestazzjoni huwa limitat kif stipulat fl-Artikolu 43(1);

(l) id-dritt li tingħata konsulenza legali mingħajr ħlas dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' din il-Parti fl-istadji kollha tal-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, kif stabbilit fl-Artikolu 21;

(m) fil-każ ta' appell jew rieżami, id-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali mingħajr ħlas meta l-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti;

(n) il-fatt li ħarba twassal għal estensjoni tal-limitu ta' żmien f'konformità mal-Artikolu 46;

(o) il-fatt li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Aġenzija għall-Asil jipproċessaw id-data personali tal-applikant inkluż għall-iskambju tad-data tiegħu għall-għan uniku li jimplimentaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti għalprotezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali;

(p) il-kategoriji ta' data personali inkwistjoni;

(q) id-dritt għall-aċċess għad-data dwar l-applikant, u d-dritt li jitlob li tali data tiġi kkoreġuta jekk ma tkunx eżatta jew tiġi mħassra jekk ma tkunx ipproċessata skont il-liġi, kif ukoll il-proċeduri għall-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet, inkluż id-dettalji tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 52 u bl-awtoritajiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data responsabbli sabiex jisimgħu talbiet rigward il-protezzjoni tad-data personali, u bid-dettalji tal-kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data;

(r) fil-każ ta' minuri mhux akkumpanjat, il-garanziji u d-drittijiet applikabbli għall-applikant f'dak ir-rigward, ir-rwol u r-responsabbiltajiet tar-rappreżentant u l-proċedura li jressaq ilmenti kontra rappreżentant b'fiduċja u f'sigurtà u b'mod li jirrispetta bis-sħiħ id-dritt tat-tfal li jinstemgħu;

(s) il-fatt li meta l-evidenza ċirkostanzjali ma tkunx koerenti, verifikabbli u dettaljata biżżejjed biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà, l-Istat Membru jista' jitlob test tad-DNA jew tad-demm biex jagħti prova tal-eżistenza ta' rabtiet familjari, jew valutazzjoni tal-età tal-applikant;

(t) meta applikabbli, il-proċedura ta' rilokazzjoni stabbilita fl-Artikoli 67 u 68.

2. L-applikant għandu jkollu l-possibbiltà li jitlob informazzjoni dwar il-progress tal-proċedura u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-applikant dwar dik il-possibbiltà. Meta l-applikant ikun minuri, il-minuri u l-ġenitur jew rappreżentant għandu jkollhom il-possibbiltà li jitolbu tali informazzjoni.

Artikolu 20

Aċċessibbiltà għall-informazzjoni

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 19 għandha tkun ipprovduta bil-miktub b'mod konċiż, trasparenti, li jinftiehem u huwa faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwa ċara u sempliċi u f'lingwa li l-applikant jifhem jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal dik ir-raġuni. Il-materjal ta' informazzjoni komuni għandu jkun disponibbli wkoll online, fuq pjattaforma miftuħa u faċilment aċċessibbli għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali.

Meta jkun neċessarju biex l-applikant ikun jista' jifhem sew, l-informazzjoni għandha tkun mogħtija oralment ukoll, meta xieraq, b'rabta mal-intervista personali msemmija fl-Artikolu 22. Għal dak l-għan, l-applikant għandu jkollu l-opportunità li jistaqsi mistoqsijiet biex jiċċara l-informazzjoni pprovduta. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-appoġġ ta' tagħmir tal-multimedia.

2. L-Aġenzija għall-Ażil għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, tfassal materjal ta' informazzjoni komuni, kif ukoll informazzjoni speċifika għal minuri mhux akkumpanjati u applikanti vulnerabbli, meta neċessarju għall-applikanti bi bżonnijiet ta' akkoljenza jew ħtiġijiet proċedurali speċifiċi, li jkun fiha mill-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 19. Dak il-materjal ta' informazzjoni komuni għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1358 u, b'mod partikolari, il-finijiet li għalihom, id-data ta' applikant tista' tiġi pproċessata fil-Eurodac.

Il-materjal ta' informazzjoni komuni għandu jitfassal b'tali mod li jippermetti lill-Istati Membri jimlewh b'informazzjoni addizzjonali speċifika għall-Istat Membru.

3. Meta l-applikant ikun minuri, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 19 għandha tingħata b'mod adattat għat-tfal permezz ta' persunal imħarreġ b'mod xieraq u fil-preżenza tar-rappreżentant tal-applikant.

Artikolu 21

Dritt għal konsulenza legali

1. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jikkonsultaw, b'mod effettiv, ma' konsulent legali jew kunsillier ieħor, ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III ta' din il-Parti fl-istadji kollha tal-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli kif previst f'dan ir-Regolament.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew kunsillier ieħor bi spejjeż tiegħu, applikant jista' jitlob konsulenza legali mingħajr ħlas fil-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

3. Assistenza legali mingħajr ħlas għandha tingħata minn konsulenti legali jew kunsilliera oħra ammessi jew permessi skont il-liġi nazzjonali li jagħtu konsulenza, jassistu jew jirrappreżentaw applikanti jew minn organizzazzjonijiet mhux governattivi akkreditati skont il-liġi nazzjonali biex jipprovdu servizzi legali jew rappreżentanza lill-applikanti.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, aċċess effettiv għal konsulenza legali mingħajr ħlas jista' jiġi żgurat billi persuna tiġi fdata bl-għoti ta' konsulenza legali fl-istadju amministrattiv tal-proċedura lil diversi applikanti fl-istess ħin.

4. L-Istati Membri jistgħu jorganizzaw l-għoti ta' konsulenza legali f'konformità mas-sistemi nazzjonali tagħhom.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli proċedurali speċifiċi dwar l-arranġamenti għall-preżentazzjoni u l-ipproċessar ta' talbiet għall-għoti ta' konsulenza legali bla ħlas kif previst f'dan l-Artikolu.

6. Għall-finijiet tal-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-konsulenza legali mingħajr ħlas għandha tinkludi l-għoti ta':

(a) gwida dwar u spjegazzjonijiet tal-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, inkluża informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi matul l-istadji kollha ta' dik il-proċedura;

(b) gwida dwar u assistenza fl-għoti ta' informazzjoni li tista' tgħin biex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II ta' din il-Parti;

(c) gwida u assistenza dwar il-mudell imsemmi fl-Artikolu 22(1).

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-għoti ta' konsulenza legali mingħajr ħlas fil-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jista' jiġi eskluż meta l-applikant ikun diġà assistit u rappreżentat minn konsulent legali.

8. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Aġenzija għall-Ażil. Barra minn hekk, l-appoġġ finanzjarju jista' jiġi pprovdut permezz ta' fondi tal-Unjoni lill-Istati Membri, f'konformità mal-atti legali applikabbli għal tali finanzjament.

Artikolu 22

Intervista personali

1. Sabiex jiffaċilitaw il-proċedura biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru determinanti msemmija fl-Artikolu 38(1) għandhom jagħmlu intervista personali mal-applikant għall-fini li jiġi applikat l-Artikolu 39. L-intervista għandha tippermetti wkoll lill-applikant jifhem sew l-informazzjoni riċevuta f'konformità mal-Artikolu 19.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru informazzjoni dwar is-sitwazzjoni speċifika tal-applikant billi jistaqsu b'mod proattiv mistoqsijiet li jgħinu biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-fini li jiġi applikat l-Artikolu 39.

Meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-applikant għandu membri tal-familja jew qraba fi Stat Membru, l-applikant għandu jirċievi mudell, li għandu jiġi żviluppat mill-Aġenzija għall-Ażil. L-applikant għandu jimla dak il-mudell bl-informazzjoni disponibbli għalih sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Artikolu 39. Meta jkun possibbli, l-applikant għandu jimla dak il-mudell qabel l-intervista personali stabbilita f'dan l-Artikolu.

L-Aġenzija għall-Ażil għandha tiżviluppa l-mudell imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-pararafu sat-12 ta' April 2025. L-Aġenzija għall-Ażil għandha tiżviluppa wkoll linji gwida għall-identifikazzjoni u t-traċċar tal-membri tal-familja biex tappoġġa l-applikazzjoni tal-Artikoli 25–28 u 34 mill-Istat Membru rikjedenti u dak rikjest f'konformità mal-Artikoli 39 u 40.

L-applikant għandu jkollu l-opportunità li jiġu ppreżentati raġunijiet debitament motivati lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jikkunsidraw li japplikaw l-Artikolu 35(1).

2. L-intervista personali tista' tiġi ommessa meta:

(a) l-applikant ikun ħarab;

(b) l-applikant ma jkunx attenda l-intervista personali u ma jkunx ipprovda raġunijiet iġġustifikati għan-nuqqas tiegħu;

(c) l-applikant, wara li jkun irċieva l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 19, ikun diġà pprovda l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli b'mezz ieħor.

Għal-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan il-paragrafu, l-Istat Membru li ma jagħmilx l-intervista għandu jagħti l-opportunità lill-applikant li jippreżenta l-informazzjoni kollha ulterjuri li tkun rilevanti biex jiġi determinat b'mod korrett l-Istat Membru responabbli fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 39(1), inklużi raġunijiet debitament motivati biex l-awtorità tqis il-ħtieġa għal intervista personali.

3. L-intervista personali għandha ssir fi żmien xieraq u, fi kwalunke każ, qabel issir talba biex tittieħed responsabbiltà skont l-Artikolu 39.

4. L-intervista personali għandha ssir bil-lingwa li jippreferi l-applikant sakemm ma jkunx hemm lingwa oħra li jifhem u li biha huwa jkun kapaċi jikkomunika b'mod ċar. L-intervisti ta' minuri mhux akkumpanjati u, meta applikabbli, akkumpanjati, għandhom isiru minn persuna li jkollha l-għarfien meħtieġ tad-drittijiet u l-ħtiġijiet speċjali tal-minuri, b'mod sensittiv għat-tfal u xieraq għall-kuntest, filwaqt li jitqiesu l-età u l-maturità tal-minuri, fil-preżenza tar-rappreżentant u, meta applikabbli, il-konsulent legali tal-minuri. Meta neċessarju, għandu jiġi pprovdut interpretu li jkun jista' jiżgura l-komunikazzjoni xierqa bejn l-applikant u l-persuna li tagħmel l-intervista personali. Tista' tiġi pprovduta l-preżenza ta' medjatur kulturali matul l-intervista personali. Meta mitlub mill-applikant u meta possibbli, il-persuna li tagħmel l-intervista u, meta applikabbli, l-interpretu għandu jkunu tas-sess li jippreferi l-applikant.

5. Meta debitament ġustifikat miċ-ċirkostanzi, l-Istati Membri jistgħu jwettqu l-intervista personali permezz ta' vidjokonferenza. F'tali każ, l-Istat Membru għandu jiżgura l-arranġamenti meħtieġa għall-faċilitajiet xierqa, l-istandards proċedurali u tekniċi, l-assistenza legali u l-interpretazzjoni, filwaqt li titqies il-gwida mill-Aġenzija għall-Ażil.

6. L-intervista personali għandha ssir f'kundizzjonijiet li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa. Għandha ssir minn persuna kwalifikata skont il-liġi nazzjonali. L-applikanti li huma identifikati bħala li jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali skont ir-Regolament (UE) 2024/1348, għandhom jingħataw appoġġ adegwat sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni effettiva tal-elementi kollha li jippermettu d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu wkoll għarfien ġenerali miksub ta' fatturi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal indikazzjonijiet li l-persuna ġiet ittorturata fil-passat jew kienet vittma ta' traffikar tal-bnedmin.

7. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel reġistrazzjoni ta' smigħ tal-intervista u taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. L-applikant għandu jkun infurmat minn qabel dwar il-fatt li qed issir din ir-reġistrazzjoni u l-għan tagħha. Meta jkun hemm dubju dwar id-dikjarazzjonijiet li jkunu saru mill-applikant waqt l-intervista personali, għandha tipprevali r-reġistrazzjoni ta' smigħ. It-taqsira tista' tkun f'għamla jew ta' rapport jew formola standard. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant jew il-konsulent legali jew kunsillier ieħor, ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant legalment ikollu aċċess f'waqtu għat-taqsira, mill-aktar fis possibbli wara l-intervista u fi kwalunkwe każ qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar l-Istat Membru responsabbli. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħmel kummenti jew jipprovdi kjarifiki oralment jew bil-miktub dwar kwalunkwe traduzzjoni ħażina jew nuqqas ta' fehim jew żbalji fattwali oħra li jidhru fit-taqsira bil-miktub meta tintemm l-intervista personali jew f'limitu ta' żmien speċifiku.

Artikolu 23

Garanziji għall-minuri

1. L-aħjar interess tat-tfal għandu jkun il-konsiderazzjoni prinċipali għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-proċeduri li jinkludu minuri għandhom jiġu ttrattati bi prijorità.

2. Kull Stat Membru fejn ikun preżenti minuri mhux akkumpanjat għandu jiżgura li jkun irrappreżentat u assistit minn rappreżentant fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu r-riżorsi, il-kwalifiki, it-taħriġ, l-għarfien espert u l-indipendenza sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tat-tfal jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minuri mhux akkumpanjati, u għandu jżomm lill-minuri mhux akkumpanjat infurmat dwar il-progress tal-proċeduri skont dan ir-Regolament.

Meta applikazzjoni ssir minn persuna li tiddikjara li hija minuri, jew li fir-rigward tagħha hemm raġunijiet oġġettivi biex wieħed jemmen li hija minuri, u li mhijiex akkumpanjata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jiddeżinjaw malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ b'mod f'waqtu, u għall-fini ta' assistenza lill-minuri fil-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, persuna bil-ħiliet u l-għarfien espert meħtieġa biex tassisti b'mod provviżorju lill-minuri sabiex tissalvagwardja l-aħjar interessi u l-benesseri ġenerali tiegħu li jippermetti lill-minuri jibbenefika mid-drittijiet skont dan ir-Regolament u, jekk applikabbli, jaġixxi bħala rappreżentant sakemm jinħatar rappreżentant;

(b) jaħtru rappreżentant malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħmistax-il jum ta' xogħol mid-data li fiha ssir l-applikazzjoni.

Fil-każ ta' għadd sproporzjonat ta' applikazzjonijiet magħmula minn minuri mhux akkumpanjati jew f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali oħra, il-limitu ta' żmien għall-ħatra ta' rappreżentant skont it-tieni subparagrafu, il-punt (b), jista' jiġi estiż b'għaxart ijiem ta' xogħol.

Meta l-awtorità kompetenti tikkonkludi li applikant li jiddikjara li huwa minuri jkollu mingħajr ebda dubju aktar minn tmintax-il sena, ma għandhux ikun meħtieġ li jinnomina rappreżentant f'konformità ma' dan il-paragrafu.

Id-dmirijiet tar-rappreżentant jew tal-persuna msemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), għandhom jieqfu meta l-awtoritajiet kompetenti, wara l-valutazzjoni tal-età msemmija fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2024/1348, ma jassumux li l-applikant huwa minuri jew biex iqisu li l-applikant mhuwiex minuri, jew meta l-applikant ma jkunx għadu minuri mhux akkumpanjat.

Meta organizzazzjoni tinħatar bħala rappreżentant, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minuri. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.

Ir-rappreżentant previst fl-ewwel subparagrafu jista' jkun l-istess persuna jew organizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2024/1348.

3. L-Istati Membri għandhom jinvolvu lir-rappreżentant ta' minuri mhux akkumpanjat matul il-proċedura kollha biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jassisti lill-minuri mhux akkumpanjat biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla f'konformità mal-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, meta xieraq għal dak il-għan, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-obbligi tal-kunfidenzjalità lejn il-minuri.

4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel/tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa l-fatturi li ġejjin:

(a) il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;

(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minuri fuq terminu qasir, medju u fit-tul, inklużi sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet bħal trawma, bżonnijiet speċifiċi tas-saħħa jew diżabbiltà, billi jitqiesu b'mod partikolari l-oriġini etnika, reliġjuża, kulturali u lingwistika tal-minuri, u billi titqies il-ħtieġa tal-istabbiltà u tal-kontinwità fil-kura soċjali u edukattiva;

(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari meta hemm riskju li l-minuri jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;

(d) l-opinjonijiet tal-minuri, f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu;

(e) meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat, l-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentant fl-Istat Membru fejn ikun preżenti l-minuri mhux akkumpanjat;

(f) kwalunkwe raġuni oħra rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal.

5. Qabel it-trasferiment ta' minuri mhux akkumpanjat, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jinnotifika lill-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni, li għandu jikkonferma li se jittieħdu l-miżuri adegwati kollha msemmija fl-Artikoli 16 u 27 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 u l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2024/1348 mingħajr dewmien, inkluża l-ħatra ta' rappreżentant fl-Istat Membru responsabbli jew fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minuri mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni individwali tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi rilevanti elenkati fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni ta' dawk il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir mingħajr dewmien minn persunal imħarreġ kif xieraq bil-kwalifiki neċessarji u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tat-tifel.tifla.

6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 25, l-Istat Membru fejn il-minuri mhux akkumpanjat ikun l-ewwel irreġistra l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandu immedjatament jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika kwalunkwe membru tal-familja, aħwa jew qarib tal-minuri mhux akkumpanjat fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel/tifla.

Għal dak il-għan, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mingħand l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minuri għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet bħal dawn.

Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 52 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minuri mhux akkumpanjati għandu jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minuri rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba ta' minuri mhux akkumpanjat li jgħix fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

KAPITOLU II

Il-kriterji biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli

Artikolu 24

Ġerarkija ta' kriterji

1. Il-kriterji li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għandhom ikunu applikati fl-ordni li fiha huma stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

2. L-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan il-Kapitolu għandu jkun determinat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni meta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet irreġistrata għall-ewwel darba ma' Stat Membru.

Artikolu 25

Minuri mhux akkumpanjati

1. Meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat, il-kriterji stabbiliti f'dan l-Artikolu biss għandhom japplikaw. Dawk il-kriterji għandhom japplikaw fl-ordni li fihom huma stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5.

2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istat Membru fejn membru tal-familja jew ħu jew oħt il-minuri mhux akkumpanjat ikun legalment preżenti, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla. Meta l-applikant ikun minuri miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx/tkunx legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istat Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minuri, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħuh jew oħtu jkunu legalment preżenti, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla.

3. Meta l-applikant huwa minuri mhux akkumpanjat li jkollu qarib li jkun legalment preżenti fi Stat Membru ieħor u fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' eżami individwali, li l-qarib jista' jieħu ħsiebu, dak l-Istat Membru għandu jgħaqqad lill-minuri mal-qarib tiegħu u għandu jkun l-Istat Membru responsabbli, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla.

4. Meta membri tal-familja, aħwa jew qraba kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3 joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru responsabbli għandu jiġi determinat fuq il-bażi ta' x'inhuma l-aħjar interessi tat-tifel/tifla.

5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja, ħu jew oħt jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ġiet irreġistrata l-applikazzjoni tal-minuri mhux akkumpanjat għal protezzjoni internazzjonali, jekk dan ikun fl-aħjar interess tat-tifel/tifla.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 78 dwar:

(a) l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja, aħwa jew qraba ta' minuri mhux akkumpanjati;

(b) il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi;

(c) il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb il-minuri mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet meta l-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minuri mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Fit-twettiq tas-setgħa tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni ma għandhiex taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst skont l-Artikolu 23(4).

7. Il-Kummissjoni għandha, permez ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodi uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għall-finijiet ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

Artikolu 26

Membri tal-familja li jkunu legalment residenti fi Stat Membru

1. Meta l-applikant ikollu membru tal-familja li jkun tħalla jirrisjedi bħala benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru jew li jirrisjedi fi Stat Membru abbażi ta' permess ta'residenza fit-tul f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE ([40]) jew permess ta' residenza fit-tul mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali, meta dik id-Direttiva ma tapplikax fl-Istat Membru kkonċernat, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, dment li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom għal dak il-għan bil-miktub.

2. Meta l-membru tal-familja qabel ikun tħalla jirrisjedi bħala benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali, iżda mbagħad ikun sar ċittadin ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni, dment li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom għal dak il-għan bil-miktub.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw ukoll għal tfal imwielda wara li l-membru tal-familja jkun wasal fit-territorju tal-Istati Membri.

Artikolu 27

Membri tal-familja li huma applikanti għal protezzjoni internazzjonali

Meta l-applikant ikollu membru tal-familja li l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiegħu fi Stat Membru tkun għadha ma ġietx soġġetta għall-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, dment li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom għal dak il-għan bil-miktub.

Artikolu 28

Il-proċedura tal-familja

Meta applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali minn diversi membri tal-familja jew aħwa minuri mhux miżżewġin huma reġistrati fl-istess Stat Membru b'mod simultanju jew f'dati fil-qrib biżżejjed biex il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jsiru flimkien, u meta l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament tista' twassal biex dawk il-persuni jiġu sseparati, l-Istat Membru responsabbli biex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet tagħhom għandhom ikunu ddeterminati fl-ordni li ġejja:

(a) l-Istat Membru li l-kriterji juru li hu responsabbli biex jieħu r-responsibbiltà tal-akbar numru tagħhom;

(b) l-Istat Membru li l-kriterji juru li huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tal-ixjeħ fosthom.

Artikolu 29

Ħruġ ta' dokumenti ta' residenza jew viża

1. Meta l-applikant ikollu dokument ta' residenza validu, l-Istat Membru li jkun ħareġ dak id-dokument għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

2. Meta l-applikant ikollu viża valida, l-Istat Membru li jkun ħareġ dik il-viża għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, sakemm dik il-viża ma tkunx inħarġet f'isem Stat Membru ieħor taħt arranġament ta' rappreżentanza kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009. F'każ bħal dan, l-Istat Membru rappreżentat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

3. Meta l-applikant ikollu aktar minn dokument wieħed ta' residenza validu jew viża maħruġin minn Stati Membri differenti, l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandu jiġi ddeterminat fl-ordni li ġejja:

(a) l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li jagħti d-dritt għall-itwal perjodu ta' residenza jew, meta l-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li għandu l-aktar data ta' skadenza tard;

([40]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).

(b) meta l-viżi varji huma tal-istess tip, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar data ta' skadenza tard;

(c) meta l-viżi huma ta' xorta differenti, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-itwal perjodu ta' validità, jew, meta l-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar data ta' skadenza tard.

4. Meta l-applikant ikollu dokument ta' residenza wieħed jew aktar li li l-validità tagħhom tkun skadiet jew li jkunu ġew annullati, revokati jew irtirati inqas minn tliet snin qabel ma l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, jew viża waħda jew aktar li l-validità tagħhom tkun skadiet jew li ġew annullati, revokati jew irtirati inqas minn 18-il xahar qabel dan għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.

5. Il-fatt li dokument ta' residenza jew viża jkun inħareġ fuq bażi ta' identita falza jew meħuda jew fuq il-preżentazzjoni ta' dokumenti ffalsifikati, simulati jew invalidi, ma għandux jimpedixxi li r-responsabbilità tkun allokata lill-Istat Membru li jkun ħareġ dak id-dokument tar-residenza. Madankollu, l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza jew viża ma għandux ikun responsabbli jekk ikun jista' jistabbilixxi li l-frodi twettqet wara li jkun inħareġ id-dokument jew il-viża.

Artikolu 30

Diplomi jew kwalifiki oħra

1. Meta l-applikant ikun fil-pussess ta' diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, dment li l-applikazzjoni tkun irreġistrata inqas minn sitt snin wara li tkun inħarġet id-diploma jew il-kwalifika.

2. Meta l-applikant ikollu aktar minn diploma jew kwalifika waħda maħruġa minn stabbilimenti tal-edukazzjoni fi Stati Membri differenti, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tittieħed mill-Istat Membru li jkun ħareġ id-diploma jew il-kwalifika wara l-itwal perjodu ta' studju jew, meta l-perjodi ta' studju jkunu identiċi, mill-Istat Membru li fih ikunu nkisbu l-aktar diploma jew kwalifika riċenti.

Artikolu 31

Dħul b'rinunzja għall-viża

1. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri minn Stat Membru li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tagħhom.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew tal-persuna apolida tkun irreġistrata fi Stat Membru ieħor li fih ukoll tkun eżentata mill-ħtieġa ta' viża għad-dħul fit-territorju. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

Artikolu 32

Applikazzjoni għal żona ta' tranżitu internazzjonali f'ajruport

Meta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali issir fiż-żona internazzjonali ta' tranżitu ta' ajruport ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.

Artikolu 33

Dħul

1. Meta jkun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fil-listi msemmija fl-Artikolu 40(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data msemmija fir-Regolament (UE) 2024/1358, li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jidħol fih l-applikant għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn 20 xahar wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.

2. Minkejja l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, meta jkun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fil-listi msemmija fl-Artikolu 40(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data msemmija fir-Regolament (UE) 2024/1358, li applikant ikun ġie żbarkat fuq it-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbiltà għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn 12-il xahar wara d-data li fiha jkun seħħ l-iżbark.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fil-listi msemmija fl-Artikolu 40(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data msemmija fir-Regolament (UE) 2024/1358, li l-applikant ġie rilokat għal Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 67 ta' dan ir-Regolament wara li jkun qasam il-fruntiera. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

KAPITOLU III

Persuni dipendenti u klawżoli diskrezzjonali

Artikolu 34

Persuni dipendenti

1. Meta, minħabba tqala, tarbija tat-twelid, mard mentali jew fiżiku serju, diżabbiltà severa, trawma psikoloġika serja jew xjuħija, applikant ikun jiddependi fuq l-assistenza ta' wliedu, ħuh jew oħtu jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew meta l-wild, il-ħu jew l-oħt jew il-ġenitur tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom normalment iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak il-wild, ħu jew oħt jew ġenitur, dment li r-rabtiet tal-familja kienu jeżistu qabel ma l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri, li l-wild, il-ħu jew l-oħt jew il-ġenitur jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li, wara li jkunu ġew infurmati b'din il-possibbiltà, il-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom, għal dak il-għan, bil-miktub.

Meta jkun hemm indikazzjonijiet li wild, ħu jew oħt jew ġenitur huwa legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk il-wild, il-ħu jew l-oħt jew il-ġenitur jistgħux jieħdu ħsieb il-persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba biex jieħdu responsabbiltà skont l-Artikolu 39.

2. Meta l-wild, il-ħu jew l-oħt jew il-ġenitur imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istat Membru fejn dak il-wild, il-ħu jew l-oħt jew il-ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma żżommux milli jivvjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perjodu ta' żmien sinfikanti. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istat Membru fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru ma għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild, il-ħu jew l-oħt jew il-ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 78 dwar:

(a) l-elementi li għandhom jitqiesu sabiex tiġi vvalutata r-rabta ta' dipendenza;

(b) il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi;

(c) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-persuna kkonċernata li tieħu ħsieb il-persuna dipendenti;

(d) l-elementi li għandhom jitqiesu sabiex tiġi vvalutata l-inkapaċità tal-persuna kkonċernata li tivvjaġġa għal perjodu ta' żmien sinifikanti.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodi uniformi għall-konsultazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għall-finijiet ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

Artikolu 35

Klawżoli diskrezzjonali

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 16(1), Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, anki jekk it-tali eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji stipulati f'dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċedura biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex ilaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq rabtiet sinifikanti rigward konsiderazzjonijiet familjari, soċjali u kulturali, anki fejn dak l-Istat Membru l-ieħor mhuwiex responsabbli skont il-kriterji stipulati fl-Artikoli 25 sa 28 u 34. Il-persuni kkonċernati għandhom juru l-kunsens tagħhom għal dak l-effett bil-miktub.

It-talba biex tittieħed responsabbiltà għandu jkollha fiha l-materjal kollu meħtieġ fil-pussess tal-Istat Membru rikjedenti sabiex jippermetti lill-Istat Membru rikjest jivvaluta s-sitwazzjoni.

L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarji msemmija fit-talba, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Ċahda tat-talba għandha tagħti r-raġunijet li fuqhom ikun ġie bbażat ir-rifjut.

KAPITOLU IV

Obbligi tal-Istat Membru responsabbli

Artikolu 36

Obbligi tal-Istat Membru responsabbli

1. L-Istat Membru responsabbli taħt dan ir-Regolament għandu jkun obbligat li:

(a) jieħu r-responsabbiltà, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 39, 40 u 46, ta' applikant li l-applikazzjoni tiegħu ġiet irreġistrata fi Stat Membru differenti;

(b) jieħu lura, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 41 u 46 ta' dan ir-Regolament, applikant jew ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li fir-rigward tagħhom dak l-Istat Membru jkun ġie indikat bħala l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/1358;

(c) jieħu lura, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 41 u 46 ta' dan ir-Regolament, persuna ammessa li tkun għamlet applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew li tkun qiegħda toqgħod b'mod irregolari fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li jkun aċċetta li jdaħħalha f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1350, jew li jkun ta protezzjoni internazzjonali jew status umanitarju skont skema nazzjonali ta' risistemazzjoni.

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, ma għandux ikun possibli li tiġi separata s-sitwazzjoni ta' minuri li jkun qed jakkumpanja lill-applikant u li jissodisfa d-definizzjoni ta' membru tal-familja minn dik tal-membru tal-familja tiegħu u l-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' dak il-membru tal-familja għandu jieħu ħsieb il-minuri jew jieħdu lura, mingħajr il-ħtieġa għal kunsens bil-miktub mill-persuna kkonċernata, anke jekk il-minuri ma jkunx individwalment applikant, sakemm ma jintweriex li dan mhuwiex fl-aħjar interess tat-tifel/tifla. L-istess prinċipju għandu japplika għal tfal imwielda wara l-wasla tal-applikant fit-territorju tal-Istati Membri, mingħajr il-ħtieġa li titnieda proċedura ġdida biex wieħed jinkariga ruħu minnhom.

Minkejja r-rekwiżit għal kunsens bil-miktub previst fl-Artikolu 26, meta tinbeda proċedura ġdida biex tittieħed responsabbiltà għal minorenni fir-rigward ta' Stat Membru li jkun indikat bħala l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 26, ma għandux ikun meħtieġ kunsens bil-miktub mill-persuni kkonċernati, dment li ma jintweriex li t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli mhuwiex fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla.

3. Fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru responsabbli għandu jeżamina jew ilesti l-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348.

Artikolu 37

Tmiem tar-responsabbilitajiet

1. Meta Stat Membru joħroġ dokument ta' residenza lill-applikant, jiddeċiedi li japplika l-Artikolu 35, iqis li mhuwiex fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla li jittrasferixxi lil minuri mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli, jew ma jittrasferix il-persuna kkonċernata lill-Istat Membru responsabbli fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 46, dak l-Istat Membru għandu jsir l-Istat Membru responsabbli u l-obbligi stipulati fl-Artikolu 36 għandhom jiġu trasferiti lil dak l-Istat Membru. Meta applikabbli, huwa għandu jinforma lill-Istat Membru li qabel kien responsabbli, lill-Istat Membru li jkun qed iwettaq proċedura biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru li jkun intalab ikun responsabbli għall-applikant jew li jkun irċieva notifika ta' teħid lura, bl-użu tan-network ta' komunikazzjoni elettronika stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

L-Istat Membru li jsir responsabbli skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jindika li sar l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2024/1358.

2. Wara eżami ta' applikazzjoni fil-proċedura fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1348, l-obbligi stipulati fl-Artikolu 36(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jieqfu 15-il xahar wara li deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bla bażi jew manifestament bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' refuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja jew deċiżjoni li tiddikjara applikazzjoni bħala rtirata impliċitament jew espliċitament tkun saret finali.

Applikazzjoni rreġistrata wara l-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u għalhekk twassal għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

3. Minkejja l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, meta l-persuna tapplika għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor fil-perjodu ta' 15-il xahar imsemmi f'dak is-subparagrafu u jkun hemm proċedura ta' teħid lura pendenti fid-data tal-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' 15-il xahar, ir-responsabbiltà ma għandhiex tieqaf sakemm titlesta dik il-proċedura ta' teħid lura jew sakemm ikunu skadew il-limiti ta' żmien biex l-Istat Membru ta' trasferiment jagħmel it-trasferiment f'konformità mal-Artikolu 46.

4. L-obbligi stipulati fl-Artikolu 36(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jieqfu meta l-Istat Membru responsabbli jistabbilixxi, abbażi ta' data rreġistrata u maħżuna f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2226 jew evidenza oħra, li l-persuna kkonċernata ħalliet it-territorju tal-Istati Membri għal mill-inqas disa' xhur, sakemm il-persuna kkonċernata ma tkunx fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu maħruġ mill-Istat Membru responsabbli.

Applikazzjoni rreġistrata wara l-perjodu ta' assenza msemmi fl-ewwel subparagrafu għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u għalhekk twassal għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

5. L-obbligu stipulat fl-Artikolu 36(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jittieħdu lura għandu jintemm meta jiġi stabbilit, abbażi tal-aġġornament tas-sett tad-data msemmi fl-Artikolu 16(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2024/1358, li l-persuna kkonċernata ħalliet it-territorju tal-Istati Membri, fuq bażi obbligatorja jew volontarja, f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tkeċċija maħruġa wara l-irtirar jew ir-rifjut tal-applikazzjoni.

Applikazzjoni rreġistrata wara li jkunu seħħew tkeċċija effettiva jew ritorn volontarju għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u għalhekk twassal għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

KAPITOLU V

Proċeduri

TAQSIMA I

Il-bidu tal-proċedura

Artikolu 38

Il-bidu tal-proċedura

1. L-Istat Membru fejn applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hija rreġistrata l-ewwel darba skont ir-Regolament (UE) 2024/1348 jew, meta applikabbli, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jibda l-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mingħajr dewmien.

2. Jekk l-applikant jaħrab, l-Istat Membru fejn applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hija rreġistrata l-ewwel darba jew, meta applikabbli, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jkompli l-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membruresponsabbli.

3. L-Istat Membru li jkun wettaq il-proċedura biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew li jkun sar responsabbli skont l-Artikolu 16(4) ta' dan ir-Regolament, għandu jindika mingħajr dewmien fil-Eurodac skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/1358:

(a) ir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 16(2);

(b) ir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 16(3);

(c) ir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 16(4);

(d) ir-responsabbiltà tiegħu minħabba n-nuqqas tiegħu li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 39;

(e) ir-responsabbiltà tal-Istat Membru li jkun aċċetta talba biex jieħu inkarigu tal-applikant skont l-Artikolu 40;

(f) ir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 68(3).

Sakemm tiżdied tali informazzjoni, għandhom japplikaw il-proċeduri fil-paragrafu 4.

4. Applikant li jkun preżenti fi Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza, jew li f'dak l-Istat Membru jiddepożita applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali matul il-proċedura li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli, għandu jittieħed lura mill-Istat Membru determinanti skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 41 u 46..

Dak l-obbligu għandu jintemm meta l-Istat Membru determinanti jistabbilixxi li l-applikant kiseb dokument ta' residenza mingħand Stat Membru ieħor.

5. Applikant li jkun preżenti fi Stat Membru mingħajr dokument ta' residenza, jew li f'dak l-Istat Membru jagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, wara li Stat Membru ieħor ikun ikkonferma li l-persuna kkonċernata trid tiġi rrilokata skont l-Artikolu 67(9), u qabel ma jkun sar it-trasferiment lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni skont l-Artikolu 67 (11), għandu jittieħed lura minn dak l-Istat Membru skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 41 u 46. Dak l-obbligu għandu jintemm meta l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jistabbilixxi li l-applikant kiseb dokument ta' residenza mingħand Stat Membru ieħor.

TAQSIMA II

Il-proċeduri għat-talbiet biex tittieħed responsabbiltà

Artikolu 39

Il-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed responsabbiltà

1. Jekk l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 38(1) jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, immedjatament u fi kwalunkwe każ fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw it-talbiet magħmula abbażi tal-Artikoli 25 sa 28 u 34.

Minkejja l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 22 u 24 tar-Regolament (UE) 2024/1358 jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien xahar minn meta tasal tali hit.

Meta t-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant ma ssirx fi żmien il-perjodi stipulati fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, ir-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata l-applikazzjoni.

Meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti għandu, fi kwalunkwe ħin qabel tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, meta jqis li huwa fl-aħjar interessi tat-tifel/tifla, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant, b'mod partikolari jekk it-talba tkun ibbażata fuq l-Artikolu 26, 27 jew 34, minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stipulati fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu.

2. L-Istat Membru rikjedenti jista' jitlob tweġiba urġenti meta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet irreġistrata wara li tkun inħarġet deċiżjoni ta' ċaħda ta' dħul jew deċiżjoni ta' ritorn.

It-talba għandha tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw tweġiba urġenti u l-perjodu li fih tweġiba tkun mitluba. Dak il-perjodu għandu jkun ta' mill-inqas ġimgħa.

3. It-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tinkludi raġunijiet sħaħ u dettaljati, ibbażati fuq iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inklużi l-elementi rilevanti mid-dikjarazzjoni tal-applikant, relatati mal-kriterji rilevanti stabbiliti fil-Kapitolu II u, meta applikabbli, il-mudell imsemmi fl-Artikolu 22(1). Din għandha tiġi ppreżentata billi tintuża formola standard u għandha tinkludi prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fil-listi msemmija fl-Artikolu 40(4) jew kwalunkwe dokumentazzjoni jew informazzjoni oħra rilevanti biex tiġġustifika t-talba, sabiex l-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest ikunu jistgħu jikkontrollaw jekk dak l-Istat Membru huwiex responsabbli fuq il-bażi tal-kriterji stipulati f'dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodi uniformi għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' talbiet biex tittieħed responsabbiltà. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

Artikolu 40

Tweġiba għal talba biex tittieħed responsabbiltà

1. L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq il-kontrolli meħtieġa, u għandu iwieġeb għat-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta tasal it-talba. L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw it-talbiet magħmula abbażi tal-Artikoli 25 sa 28 u 34. Għal dak l-għan, l-Istat Membru rikjest jista' jitlob l-assistenza minn organizzazzjonijiet nazzjonali, internazzjonali jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra biex jivverifikaw l-elementi rilevanti ta' prova u evidenza ċirkostanzjali ppreżentati mill-Istat Membru rikjedenti, b'mod partikolari għall-identifikazzjoni u t-traċċar ta' membri tal-familja.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikoli 22 u 24 tar-Regolament (UE) 2024/1358 jew ta' hit tal-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jwieġeb għat-talba fi żmien ġimagħtejn minn meta tasal dik it-talba.

3. Fil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli, għandhom jintużaw elementi ta' prova u evidenza ċirkostanzjali.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi, u tirrevedi perjodikament, żewġ listi, li jindikaw l-elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali rilevanti f'konformità mal-kriterji stabbiliti fit-tieni u t-tielet subparagrafi ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, prova tirreferi għal prova formali li tiddetermina r-responsabbiltà skont dan ir-Regolament, dment li ma tkunx irrifjutata bi prova li turi l-kuntrarju, L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'mudelli tat-tipi differenti ta' dokumenti amministrattivi, f'konformità mat-tipoloġija stabbilita fil-lista ta' provi formali.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, evidenza ċirkostanzjali, tirreferi għal elementi indikattivi li filwaqt li jistgħu jiġu konfutati, jistgħu jkunu suffiċjenti skont il-valur evidenzjarju li jingħatalhom. Il-valur evidenzjarju ta' evidenza ċirkostanzjali għandha, fir-rigward tar-responsabbiltà, biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandu jkun evalwat fuq bażi ta' każ b'każ.

5. Ir-rekwiżit ta' prova u evidenza ċirkostanzjali ma għandux jeċċedi dak li hu meħtieġ għall-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament.

6. L-Istat Membru rikjest għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu dment li l-evidenza ċirkostanzjali tkun koerenti, verifikabbli u dettaljata biżżejjed biex tistabbilixxi responsabbiltà.

Meta t-talba ssir abbażi tal-Artikoli 25 sa 28 u 34, u l-Istat Membru rikjest ma jqisx li l-evidenza ċirkostanzjali hija koerenti, verifikabbli u dettaljata biżżejjed biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà, huwa għandu jistabbilixxi r-raġunijiet fit-tweġiba msemmija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

7. Meta l-Istat Membru rikjedenti jkun talab tweġiba urġenti skont l-Artikolu 39(2), l-Istat Membru rikjest għandu jwieġeb fil-perjodu mitlub jew, fin-nuqqas ta' dan, fi żmien ġimagħtejn mill-wasla tat-talba.

8. Meta l-Istat Membru rikjest ma joġġezzjonax għat-talba fil-perjodu ta' xahar stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew meta applikabbli fil-perjodu ta' ġimagħtejn stabbilit fil-paragrafi 2 u 7 ta' dan l-Artikolu, bi tweġiba li tistabbilixxi raġunijiet sostanzjati, abbażi taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ relatat mal-kriterji rilevanti stabbiliti fil-Kapitolu II, dak in-nuqqas ta' oġġezzjoni għandu jitqies ekwivalenti għall-aċċettazzjoni tat-talba, u għandu jinvolvi l-obbligu li tittieħed ir-responsabbiltà tal-persuna, inkluż l-obbligu li jsiru provvedimenti għal arranġamenti xierqa għall-wasla. Ir-raġunijiet sostanzjati għandhom ikunu sostnuti bi prova u evidenza ċirkostanzjali meta disponibbli.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal formola standard għat-tweġibiet li jagħtu raġunijiet sostanzjati skont dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 77(2).

TAQSIMA III

Il-proċeduri għan-notifiki ta' teħid lura

Artikolu 41

Il-preżentazzjoni ta' notifika ta' teħid lura

1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 36(1), il-punt (b) jew (c), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel notifika ta' teħid lura immedjatament u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac. In-nuqqas li ssir in-notifika ta' teħid lura f'dak il-limitu ta' żmien ma għandux jaffettwa l-obbligu tal-Istat Membru responsabbli li jieħu lura l-persuna kkonċernata.

2. Notifika ta' teħid lura għandha ssir bl-użu ta' formola standard u għandha tinkludi prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fil-listi msemmija fl-Artikolu 40(4) jew elementi rilevanti mid-dikjarazzjonijiet tal-persuna kkonċernata.

3. L-Istat Membru nnotifikat għandu jikkonferma li rċieva n-notifika lill-Istat Membru li jkun għamel in-notifika fi żmien ġimagħtejn, sakemm l-Istat Membru nnotifikat juri f'dak il-limitu ta' żmien li mhuwiex responsabbli skont l-Artikolu 37 jew li n-notifika ta' teħid lura hija bbażata fuq indikazzjoni żbaljata tal-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament (UE) 2024/1358.

4. In-nuqqas ta' azzjoni fil-perjodu ta' ġimagħtejn stabbilit fil-paragrafu 3 għandu jkun ekwivalenti għal konferma tal-wasla tan-notifika.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodi uniformi għall-preparazzjoni u għall-preżentazzjoni ta' notifiki ta' teħid lura. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

TAQSIMA IV

Salvagwardji proċedurali

Artikolu 42

Notifika tad-deċiżjoni tat-trasferiment

1. L-Istat Membru determinanti li t-talba tiegħu biex tittieħed responsabbiltà msemmija fl-Artikolu 36(1), il-punt (a), ġiet aċċettata jew li jkun għamel notifika ta' teħid lura fir-rigward ta' persuni msemmija fl-Artikolu 36(1), il-punti (b) u (c), għandu jieħu deċiżjoni ta' trasferiment, fiż-żmien ġimagħtejn mill-aċċettazzjoni jew mill-konferma.

2. Meta l-Istat Membru rikjest jew innotifikat jaċċetta li jieħu r-responsabbiltà ta' applikant jew jikkonferma li jieħu lura persuna kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (b) jew (c), l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata tad-deċiżjoni tat-trasferiment tagħha lejn l-Istat Membru responsabbli bil-miktub, b'lingwaġġ ċar u mingħajr dewmien kif ukoll, fejn xieraq, bil-fatt li huwa mhuwiex se jeżamina l-applikazzjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali, il-limiti ta' żmien biex jitwettaq it-trasferiment u l-obbligu ta' konformità mad-deċiżjoni skont l-Artikolu 17(5).

3. Meta konsulent legali jew kunsillier ieħor, ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, ikun qed jirrappreżenta legalment lill-persuna kkonċernata, l-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 lil tali konsulent legali jew kunsillier minflok lill-persuna kkonċernata u, fejn applikabbli, jikkomunikaw id-deċiżjoni lill-persuna kkonċernata.

4. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli skont l-Artikolu 43, inkluż id-dritt ta' applikazzjoni għal effett sospensiv, u dwar il-limiti ta' żmien applikabbli biex jintalbu dawn ir-rimedji u biex ikun eżegwit it-trasferiment u, għandha, jekk meħtieġ, tinkludi informazzjoni dwar il-post fejn, u d-data li fiha l-persuna kkonċernata jkollha tidher, jekk dik il-persuna tkun se tivvjaġġa lejn l-Istat Membru responsabbli bil-mezzi tagħha stess.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar persuni jew entitajiet li huma kapaċi jipprovdu assistenza legali lill-persuna kkonċernata tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata flimkien mad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx diġà ġiet ikkomunikata.

5. Meta l-persuna kkonċernata ma tkunx legalment rappreżentata minn konsulent legali jew kunsillier ieħor, ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, l-Istat Membri għandhom jipprovduha bl-informazzjoni dwar l-elementi prinċipali tad-deċiżjoni, li għandhom jinkludu informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien applikabbli biex jintalbu dawn ir-rimedji, f'lingwa li l-persuna kkonċernata tifhem jew li tkun raġonevolment mistennija li tifhem.

Artikolu 43

Rimedji

1. L-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punti (b) u (c), għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv, fil-forma ta' appell jew reviżjoni, fil-fatt u fil-liġi, kontra deċiżjoni ta' trasferiment quddiem qorti jew tribunal.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali rimedju għandu jkun limitat għal valutazzjoni ta':

(a) jekk it-trasferiment, għall-persuna kkonċernata, jirriżultax f'riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Karta;

(b) jekk hemmx ċirkostanzi sussegwenti għad-deċiżjoni ta' trasferiment li huma deċiżivi għall-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament;

(c) jekk inkisrux l-Artikoli 25 sa 28 u 34, fil-każ ta' persuni li tkun qed tittieħed responsabbiltà tagħhom skont l-Artikolu 36(1), il-punt (a).

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal perjodu ta' mill-inqas ġimgħa iżda mhux aktar minn tliet ġimgħat wara n-notifika ta' deċiżjoni ta' trasferiment li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv skont il-paragrafu 1.

3. Il-persuna kkonċernata għandu jkollha d-dritt li titlob lil qorti jew tribunal, f'perjodu ta' żmien raġonevoli min-notifika tad-deċiżjoni ta' trasferiment, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-perjodu previst mill-Istati Membri skont il-paragrafu 2, biex jissospendu l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment, sakemm joħroġ ir-riżultat tal-appell jew tar-rieżami tagħha. L-Istati Membri, fil-liġi nazzjonali tagħhom, jistgħu jipprevedu li t-talba għas-sospensjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment trid tiġi ppreżentata flimkien mal-appell skont il-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm rimedju effettiv billi jissospendu t-trasferiment sakemm tittieħed deċiżjoni rigward l-ewwel talba għal sospensjoni. Kwalunkwe deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi sospiża l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment għandha tittieħed fi żmien xahar mid-data ta' meta il-qorti jew tribunal kompetenti rċeviet dik it-talba.

Meta l-persuna kkonċernata ma tkunx eżerċitat id-dritt tagħha li titlob effett ta' sospensjoni, l-appell kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, jew ir-rieżami tagħha, ma għandux jissospendi l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment.

Deċiżjoni li l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ma tiġix sospiża għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

Jekk l-effett ta' sospensjoni jingħata, il-qorti jew it-tribunal għandhom jagħmlu ħilithom biex jiddeċiedu dwar il-mertu tal-appell jew tar-rieżami fi żmien xahar mid-deċiżjoni li jingħata effett ta' sospensjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna kkonċernata jkollha aċċess għall-assistenza legali u, fejn neċessarju, għal assistenza lingwistika.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza legali u r-rappreżentanza fil-proċedura ta' appell jingħataw fuq talba mingħajr ħlas, meta l-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħrajn, it-trattament tal-persuni soġġetti għal dan ir-Regolament ma għandux ikun aktar favorevoli mit-trattament ġeneralment mogħti liċ-ċittadini tagħhom fi kwistjonijiet relatati mal-assistenza u mar-rappreżentanza legali.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li ma għandhomx jingħataw assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas meta l-awtorità kompetenti jew qorti jew tribunal jikkunsidraw li l-appell jew ir-rieżami ma jkollu ebda prospett tanġibbli ta' suċċess, dment li l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali ma jkunux b'hekk limitati b'mod arbitrarju.

Meta deċiżjoni li ma jingħatawx assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas, skont it-tieni subparagrafu, tittieħed minn awtorità li ma tkunx qorti jew tribunal, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal biex dik id-deċiżjoni tiġi kkontestata. Fil-każ li deċiżjoni tiġi kkontestata, ir-rimedju għandu jkun parti integrali mir-rimedju msemmi fil-paragrafu 1.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali ma jkunux limitati b'mod arbitrarju u li l-aċċess effettiv tal-persuna kkonċernata għall-ġustizzja ma jiġix ostakolat.

L-assistenza legali għandha tinkludi tal-inqas it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa. Ir-rappreżentanza legali għandha tinkludi tal-inqas ir-rappreżentanza quddiem qorti jew tribunal u tista' tiġi limitata għal konsulenti legali jew kunsilliera nominati b'mod speċifiku mil-liġi nazzjonali biex jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali.

Il-proċeduri għall-aċċess għal assistenza u rappreżentanza legali għandhom jiġu stipulati fil-liġi nazzjonali.

TAQSIMA V

Detenzjoni għal raġunijiet ta' trasferiment

Artikolu 44

Detenzjoni

1. L-Istati Membri ma għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li l-persuna tkun soġġetta għall-proċedura stabbilita b'dan ir-Regolament.

2. Meta jkun hemm riskju ta' ħarba jew meta l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku jirrikjedu dan, l-Istati Membri jistgħu jżommu lill-persuna kkonċernata taħt detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment f'konformità ma' dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi tal-persuna, u biss dment li d-detenzjoni tkun proporzjonali u jekk miżuri alternattivi oħra inqas koerċittivi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv.

3. Id-detenzjoni għandha tkun qasira kemm jista' jkun u għal mhux iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jitlestew il-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment skont dan ir-Regolament.

4. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni u l-garanziji applikabbli għall-applikanti detenuti skont dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 11, 12 u 13 tad-Direttiva (UE) 2024/1346.

5. Id-detenzjoni skont dan l-Artikolu għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet bil-fatt u bil-liġi li fuqhom hija bbażata. Meta d-detenzjoni tiġi ordnata minn awtorità amministrattiva, l-Istati Membri għandhom jipprevedu rieżami ġudizzjarju rapidu tal-legalità tad-detenzjoni li għandu jsir *ex officio* jew fuq talba tal-applikant, jew it-tnejn li huma.

Artikolu 45

Limiti ta' żmien għall-applikanti detenuti

1. B'deroga mill-Artikoli 39 u 41, meta persuna tinżamm taħt detenzjoni skont l-Artikolu 44, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed responsabbiltà jew notifika ta' teħid lura ma għandux ikun itwal minn ġimagħtejn mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew ġimagħtejn minn meta jasal ir-riżultat mill-Eurodac meta ma tkun ġiet irreġistrata l-ebda applikazzjoni ġdida fl-Istat Membru li jinnotifika.

Meta persuna tinżamm taħt detenzjoni fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed responsabbiltà jew notifika ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ġimgħa mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni.

2. B'deroga mill-Artikolu 40(1), l-Istat Membru rikjest għandu jwieġeb malajr kemm jista' jkun, u f'kull każ fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ġimgħa għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba biex tittieħed responsabbiltà, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbiltà ta' persuna, inkluż l-obbligu li jkunu previsti arranġamenti xierqa għall-wasla.

3. B'deroga mill-Artikolu 46, meta persuna tinżamm taħt detenzjoni, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru ta' trasferiment lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u fi żmien ħames ġimgħat minn:

(a) id-data li fiha t-talba biex tittieħed responsabbiltà tkun ġiet aċċettata jew in-notifika ta' teħid lura tkun ġiet ikkonfermata; jew

(b) id-data ta' meta l-appell jew ir-rieżami ma jibqax ikollha effett ta' sospensjoni f'konformità mal-Artikolu 43(3).

4. Meta l-Istat Membru ta' trasferiment jonqos milli jikkonforma mal-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed responsabbiltà jew għal notifika ta' teħid lura jew meta d-deċiżjoni ta' trasferiment ma sseħħx fi ħdan il-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 42(1) jew meta t-trasferiment ma jseħħx fi ħdan il-perjodu ta' ħames ġimgħat imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 39, 41 u 46 għandhom jibqgħu japplikaw skont dan.

TAQSIMA VI

It-trasferimenti

Artikolu 46

Regoli dettaljati u limiti ta' żmien

1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punti (b) u (c), mill-Istat Membru ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli għandu jkun eżegwit f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ta' trasferiment, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli u fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba biex tittieħed responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew rieżami ta' deċiżjoni ta' trasferiment b'effett sospensiv f'konformità mal-Artikolu 43(3).

L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw it-trasferimenti tal-applikanti wara li jiġu aċċettati t-talbiet magħmula abbażi tal-Artikoli 25 sa 28 u 34.

Meta t-trasferiment isir għall-finijiet ta' rilokazzjoni, it-trasferiment għandu jsir fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 67(11).

Jekk trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli jsiru permezz ta' tluq sorveljat jew taħt skorta, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn isiru b'mod uman, f'konformità u b'rispett sħiħ għad-dinjità umana u għad-drittijiet fundamentali oħra.

Fejn ikun neċessarju, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jagħti lill-persuna kkonċernata *laissez-passer*. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi d-disinn tal-*laissez passer*. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

L-Istat Membru responsabbli għandu jgħarraf lill-Istat Membru ta' trasferiment, kif xieraq, bil-wasla sikura tal-persuna kkonċernata jew bil-fatt li hija ma dehritx fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit.

2. Meta t-trasferiment ma jsirx sal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru responsabbli għandu jitneħħewlu l-obbligi tiegħu ta' teħid tar-responsabbiltà jew tat-teħid lura tal-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tiġi trasferita lill-Istat Membru ta' trasferiment. Dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax jitwettaq minħabba l-priġunerija tal-persuna kkonċernata jew sa massimu ta' tliet snin minn meta l-Istat Membru rikjedenti jkun informa lill-Istat Membru responsabbli li l-persuna kkonċernata, jew membru tal-familja li jiġi ttrasferit flimkien mal-persuna kkonċernata, ħarab, qed jirreżisti fiżikament it-trasferiment, intenzjonalment qed jagħmel lilu nnifsu inkapaċi għat-trasferiment, jew ma jkunx qed jikkonforma mar-rekwiżiti mediċi għat-trasferiment.

Meta il-persuna kkonċernata terġa' ssir disponibbli għall-awtoritajiet u ż-żmien li jkun fadal mill-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 ikun iqsar minn tliet xhur, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jkollu perjodu ta' tliet xhur biex iwettaq it-trasferiment.

3. Meta persuna tkun ġiet ittrasferita bi żball jew deċiżjoni ta' trasferiment tkun inqalbet wara appell jew rieżami wara li jkun twettaq it-trasferiment, l-Istat Membru li wettaq it-trasferiment għandu jaċċetta dik il-persuna lura minnufih.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi metodi uniformi għall-konsultazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari fil-każ ta' trasferimenti posposti jew imdewma, trasferimenti wara aċċettazzjoni awtomatika, trasferimenti ta' minuri jew persuni dipendenti, u trasferimenti taħt superviżjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

Artikolu 47

L-ispejjeż tat-trasferimenti

1. F'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147, għandha titħallas kontribuzzjoni lill-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment ta' applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (b) jew (c), ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 46 ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-persuna kkonċernata jkollha tiġi trasferita lura lejn Stat Membru minħabba trasferiment żbaljat jew wara deċiżjoni ta' trasferiment li tkun inqalbet wara appell jew rieżami wara li jkun sar it-trasferiment, l-Istat Membru li inizjalment ikun għamel it-trasferiment għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż tat-trasferiment tal-persuna kkonċernata lura lejn it-territorju tiegħu.

3. Persuni ttrasferiti skont dan ir-Regolament ma għandhomx jintalbu jħallsu l-ispejjeż ta' dawn it-trasferimenti.

Artikolu 48

L-iskambju ta' informazzjoni rilevanti qabel isir trasferiment

1. L-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (b) jew (c), għandu jikkomunika lill-Istat Membru responsabbli d-data personali dwar il-persuna li trid tiġi trasferita li tkun xierqa, rilevanti u limitata għal dak li huwa neċessarju għall-unika raġuni li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru responsabbli, ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu assistenza adegwata lil dik il-persuna, inkluż l-għoti ta' kura tas-saħħa immedjata meħtieġa sabiex ikunu protetti l-interessi vitali tagħha, biex tiġi żgurata l-kontinwità fil-protezzjoni u fid-drittijiet mogħtija minn dan ir-Regolament u minn strumenti legali applikabbli oħrajn fil-kamp tal-asil. Dik id-data għandha tiġi kkomunikata lill-Istat Membru responsabbli fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli qabel isir trasferiment, sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkollhom żmien suffiċjenti biex jieħdu l-miżuri meħtieġa.

2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu jikkomunika lill-Istat Membru responsabbli kwalunkwe informazzjoni li tkun essenzjali għas-salvagwardja tad-drittijiet u kwalunkwe ħtieġa speċjali immedjata tal-persuna li tkun se tiġi trasferita, u b'mod partikolari:

(a) informazzjoni dwar kwalunkwe miżura immedjata li l-Istat Membru responsabbli huwa obbligat li jieħu biex jiżgura li l-ħtiġijiet speċjali tal-persuna li tkun se tiġi trasferita jiġu indirizzati b'mod adegwat, inkluż kwalunkwe kura tas-saħħa immedjata meħtieġa u, fejn meħtieġ, kwalunkwe arranġament meħtieġ biex jiġu protetti l-aħjar interessi tat-tfal;

(b) id-dettalji ta' kuntatt tal-membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħrajn fl-Istat Membru riċevitur, fejn applikabbli;

(c) fil-każ ta' minuri, informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u dwar l-edukazzjoni tagħhom;

(d) fejn applikabbli, valutazzjoni tal-età tal-applikant;

(e) fejn applikabbli, il-formola tal-iskrinjar skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1356, inkluż kwalunkwe evidenza msemmija fil-formola;

(f) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

3. L-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandu jsir biss bejn l-awtoritajiet notifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 52 ta' dan ir-Regolament permezz tan-network tal-komunikazzjoni elettronika stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u ma għandhiex tiġi proċessata ulterjorment.

4. Bil-għan li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri jiġi ffaċilitat, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal formola standard għat-trasferiment tad-*data* li hemm bżonn skont dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulati fl-Artikolu 77(2).

5. L-Artikolu 51(8) u (9) għandu japplika għall-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu.

Artikolu 49

L-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għas-sikurezza qabel isir trasferiment

Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 41, meta l-Istat Membru ta' trasferiment ikollu fil-pussess tiegħu informazzjoni li tindika li hemm raġunijiet raġonevoli biex l-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (b) jew (c), titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandu jindika l-eżistenza ta' din l-informazzjoni lill-Istat Membru responsabbli. L-informazzjoni għandha tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' dawk l-Istati Membri permezz tal-mezzi xierqa għal dan l-iskambju ta' informazzjoni.

Artikolu 50

Skambju ta' data dwar is-saħħa qabel isir trasferiment

1. Għall-unika raġuni li tingħata kura medika jew li jingħata trattament mediku, b'mod partikolari rigward persuni vulnerabbli, fosthom persuni b'diżabbiltà, anzjani, nisa tqal, minuri u persuni li sfaw ittorturati, stuprati jew li sofrew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu, dment li tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti tiegħu f'konformità mal-liġi nazzjonali, jibgħat lill-Istat Membru responsabbli l-informazzjoni dwar kwalunkwe bżonn speċjali tal-persuna li tkun se tiġi ttrasferita, li f'każijiet speċifiċi tista' tinkludi informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa fiżika u mentali ta' dik il-persuna. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trasferita f'ċertifikat tas-saħħa komuni bid-dokumenti meħtieġa mehmuża. L-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li dawk il-bżonnijiet speċjali huma indirizzati b'mod xieraq, inkluż b'mod partikolari kwalunkwe kura medika essenzjali meħtieġa.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal iċ-ċertifikat tas-saħħa komuni msemmi fl-ewwel subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulata fl-Artikolu 77(2).

2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu jikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru responsabbli biss wara li jkun kiseb il-kunsens espliċitu tal-applikant jew tar-rappreżentant tiegħu, jew, meta komunikazzjoni bħal din tkun meħtieġa biex tipproteġi s-saħħa pubblika jew is-sigurtà pubblika, jew, meta l-persuna kkonċernata tkun fiżikament jew legalment inkapaċi li tagħti l-kunsens tagħha, għall-protezzjoni tal-interessi vitali tal-persuna kkonċernata jew ta' persuna oħra. In-nuqqas ta' kunsens, inkluż rifjut ta' kunsens, ma għandux jikkostitwixxi ostakolu għat-trasferiment.

3. L-ipproċessar tad-*data* tas-saħħa personali msemmija fil-paragrafu 1 għandu jsir biss minn professjonista tal-kura tas-saħħa li huwa soġġett, taħt il-liġi, għall-obbligu tas-segretezza professjonali jew minn persuna oħra soġġetta għal obbligu ekwivalenti ta' sigriet professjonali.

4. L-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandu jsir biss bejn professjonisti tas-saħħa jew persuni oħrajn imsemmijin fil-paragrafu 3. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss għall-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta metodi uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami stipulati fl-Artikolu 77(2).

6. L-Artikolu 51(8) u (9) għandu japplika għall-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu.

KAPITOLU VI

Kooperazzjoni amministrattiva

Artikolu 51

Kondiviżjoni ta' informazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lil kwalunkwe Stat Membru li jitlob dan, *data* personali dwar persuna koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li tkun xierqa, li hija rilevanti u limitata għal dak li huwa neċessarju għall-finijiet ta':

(a) id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli;

(b) l-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali;

(c) l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe obbligu ieħor li jirriżulta minn dan ir-Regolament;

(d) l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi biss:

(a) id-dettalji personali tal-persuna kkonċernata, u, fejn xieraq, tal-membri tal-familja tagħha, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra, jiġifieri isem sħiħ u fejn xieraq, ismijiet preċedenti, laqmijiet jew psewdonimi; nazzjonalità attwali u preċedenti; data u post tat-twelid;

(b) informazzjoni dwar dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar, inkluża informazzjoni dwar referenzi, validità, data ta' ħruġ, awtorità tal-ħruġ u post tal-ħruġ;

(c) kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna kkonċernata, inkluż *data* bijometrika meħuda mill-applikant mill-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 67(8) ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358;

(d) informazzjoni dwar postijiet ta' residenza u rotot li tulhom vjaġġa;

(e) informazzjoni dwar dokumenti ta' residenza jew viżi maħruġin minn Stat Membru;

(f) informazzjoni dwar il-post fejn l-applikazzjoni ġiet irreġistrata;

(g) informazzjoni dwar id-data li fiha kwalunkwe applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali preċedenti ġiet irreġistrata, id-data li fiha l-applikazzjoni preżenti ġiet irreġistrata, l-istadju milħuq fil-proċedimenti u d-deċiżjoni meħuda, jekk hemm.

3. Dment li huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob lil Stat Membru ieħor biex jinformah dwar ir-raġunijiet li għalihom l-applikant jibbaża l-applikazzjoni tiegħu u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant. Meta l-Istat Membru responsabbli japplika l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2024/1348, dak l-Istat Membru jista' jitlob ukoll informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jistabbilixxu jekk ikunux tfaċċaw jew ġewx ippreżentati elementi ġodda mill-applikant. L-Istat Membru rikjest jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx li tkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tiegħu jew għall-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. L-applikant għandu jiġi infurmat mill-Istat Membru rikjedenti bil-quddiem dwar l-informazzjoni speċifika mitluba u r-raġuni għal dik it-talba.

4. Kwalunkwe talba għal informazzjoni għandha tintbagħat biss fil-kuntest ta' applikazzjoni individwali għal protezzjoni internazzjonali jew għat-trasferiment għall-finijiet ta' rilokazzjoni. Dik it-talba għandha tistabbilixxi r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u, fejn l-għan tagħha huwa li tikkontrolla jekk hemmx kriterju li aktarx jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat Membru rikjest, għandha tiddikjara fuq liema evidenza hija bbażata, inkluża informazzjoni rilevanti minn sorsi affidabblidwar il-metodi u l-mezzi li bihom l-applikanti jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri, jew dwar liema parti speċifika u verifikabbli tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant tkun ibbażata. Tali informazzjoni rilevanti minn sorsi affidabbli ma għandiex tkun fiha nnifisha suffiċjenti biex tiddetermina r-responsabbiltà u l-kompetenza ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolamentiżda tista' tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ta' indikazzjonijiet oħrajn relatati ma' applikant individwali.

5. L-Istat Membru rikjest għandu jkun obbligat iwieġeb fi żmien tliet ġimgħat. Kull dewmien biex iwieġeb għandu jkun iġġustifikat b'mod xieraq. In-nuqqas ta' tweġiba fi żmien tliet ġimgħat ma għandux jeħles lill-Istat Membru rikjest mill-obbligu li jagħti tweġiba. Jekk dak l-Istat Membru rikjest jaħbi informazzjoni li turi li huwa responsabbli, dak l-Istat Membru ma jistax jinvoka l-limiti ta' żmien previsti fl-Artikolu 39 bħala raġuni għar-rifjut tal-konformità ma' talba biex tittieħed responsabbiltà. F'dak il-każ, il-limiti ta' żmien previsti fl-Artikolu 39 għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed responsabbiltà għandhom jiġu estiżi b'perjodu ta' żmien ekwivalenti għad-dewmien biex tingħata t-tweġiba mill-Istat Membru rikjest.

6. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jitwettaq fuq talba ta' Stat Membru u jista' jsir biss bejn awtoritajiet li l-ħatra tagħhom minn kull Stat Membru tkun ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 52(1).

7. L-informazzjoni skambjata tista' tintuża biss għall-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1. F'kull Stat Membru, informazzjoni bħal din tista', skont it-tip tagħha u l-poteri tal-awtorità riċevitriċi, tiġi kkomunikata biss lill-awtoritajiet u l-qrati u lil tribunali fdati b'dawn li ġejjin:

(a) id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli;

(b) l-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali;

(c) l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe obbligu ieħor li jirriżulta minn dan ir-Regolament.

8. L-Istat Membru li jibgħat l-informazzjoni għandu jiżgura li l-informazzjoni tkun preċiża u aġġornata. Jekk isir magħruf li l-Istat Membru kien bagħat informazzjoni li ma kinitx preċiża jew li ma kellhiex tintbagħat, l-Istati Membri riċevituri għandhom jiġu infurmati immedjatament b'dan. Huma għandhom ikunu obbligati jikkoreġu din l-informazzjoni jew iħassruha.

9. F'kull Stat Membru kkonċernat, għandu jinżamm rekord, fil-fajl individwali għall-persuna kkonċernata jew f'reġistru, tal-komunikazzjoni u l-wasla ta' informazzjoni skambjata.

Artikolu 52

Awtoritajiet kompetenti u riżorsi

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jissodisfaw l-obbligi skont dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi umani, materjali u finanzjarji biex iwettqu l-kompiti tagħhom relatati mal-applikazzjoni tal-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali b'mod rapidu u effiċjenti, u b'mod partikolari biex jissalvagwardjaw id-drittijiet proċedurali u fundamentali, filwaqt li jiżguraw proċedura rapida għar-riunifikazzjoni tal-membri tal-familja u l-qraba preżenti fi Stati Membri differenti, biex iwieġbu sal-limiti ta' żmien preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid ta' responsabbiltà u talbiet għal teħid lura ta' responsabbiltà u, fejn applikabbli, konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Parti IV.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista konsolidata tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Jekk ikun hemm xi tibdil għal dik il-lista, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista konsolidata aġġornata darba fis-sena.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw lil-persunal tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragarafu 1 jirċievi t-taħriġ neċessarju fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kanali ta' komunikazzjoni elettronika sikuri bejn l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni, *data* bijometrika f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358, talbiet, notifiki, tweġibiet u kwalunkwe korrispondenza miktuba oħra u biex jiġi żgurat li l-mittenti jirċievu awtomatikament prova elettronika tal-wasla. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2).

Artikolu 53

Arranġamenti amministrattivi

1. L-Istati Membri jistgħu, fuq bażi bilaterali, jistabbilixxu arranġamenti amministrattivi bejniethom dwar id-dettalji prattiċi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni tiegħu u sabiex tiżdied l-effikaċja tiegħu. Arranġamenti bħal dawn jistgħu jirrigwardaw:

(a) skambji ta' uffiċjali ta' kollegament;

(b) is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u t-tqassir tal-limiti ta' żmien relatati mal-komunikazzjoni u l-eżami ta' talbiet għal teħid ta' responsabbiltà għall-applikanti jew notifiki għat-teħid lura;

(c) kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà magħmula skont il-Parti IV.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll iżommu l-arranġamenti amministrattivi konklużi fl-ambitu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 ([41]) u r-Regolament (UE) Nru 604/2013. Sa fejn dawn l-arranġamenti mhumiex kompatibbli ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jemendaw dawk l-arranġamenti b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà.

3. Qabel il-konklużjoni jew l-emenda ta' kwalunkwe arranġament imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-arranġament ma' dan ir-Regolament.

4. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), huma inkompatibbli ma' dan ir-Regolament, hija għandha, f'perjodu raġonevoli, tinnotifika lill-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-passi xierqa kollha biex jemendaw l-arranġament ikkonċernat fi żmien raġonevoli b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe tali inkompatibbiltà.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-arranġamenti kollha msemmijin fil-paragrafu 1, u bi kwalunkwe denunzja tagħhom, jew emenda għalihom.

Artikolu 54

In-network tal-unitajiet responsabbli

L-Aġenzija għall-Ażil għandha tistabbilixxi u tiffaċilita l-attivitajiet ta' network wieħed jew aktar tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 52(1), bl-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni prattika, inkluż it-trasferimenti, u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni sħiħa ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi, l-aħjar prattiki u gwida.

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni jistgħu jkunu rappreżentati f'tali networks meta jkun meħtieġ.

KAPITOLU VII

Konċiljazzjoni

Artikolu 55

Konċiljazzjoni

1. Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament xieraq tal-mekkaniżmi stabbiliti skont dan ir-Regolament u sabiex jiġu riżolti d-diffikultajiet fl-applikazzjoni tagħhom, fejn żewġ Stati Membri jew aktar jiltaqgħu ma' diffikultajiet fil-kooperazzjoni tagħhom skont dan ir-Regolament jew fl-applikazzjoni tiegħu bejniethom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, fuq talba ta' wieħed jew aktar minnhom, jagħmlu konsultazzjonijiet mingħajr dewmien bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet xierqa fi żmien raġonevoli, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera kif imħaddan fl-Artikolu 4(3) TUE.

Fejn xieraq, l-informazzjoni dwar id-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom u s-soluzzjoni li tinstab tista' tiġi kondiviża mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri l-oħrajn fi ħdan il-kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 77.

2. Fejn ma tinstab l-ebda soluzzjoni skont il-paragrafu 1 jew fejn id-diffikultajiet jippersistu, Stat Membru kkonċernat wieħed jew aktar jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet xierqa. Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet bħal dawn mingħajr dewmien. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jipparteċipaw b'mod attiv fil-konsultazzjonijiet. L-Istati Membru u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex isolvu l-kwistjoni minnufih. Il-Kummissjoni tista' tadotta rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri kkonċernati li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-iskadenzi xierqa.

([41]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1).

Fejn xieraq, l-informazzjoni dwar id-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u s-soluzzjoni misjuba jistgħu jiġu kondiviżi mal-Istati Membri l-oħrajn fil-kumitat imsemmi fl-Artikolu 77.

Il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu ma għandhiex taffettwa l-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament f'każijiet individwali.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni li tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni skont l-Artikoli 258 u 260 TFUE. Għandu jkun ukoll mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri kkonċernati jippreżentaw it-tilwima tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 273 TFUE jew il-possibiltà għal kwalunkwe Stat Membru biex iressaq l-kwistjoni quddiem il-Qorti f'konformità mal-Artikolu 259 TFUE.

PARTI IV

SOLIDARJETÀ

KAPITOLU I

Mekkaniżmu ta' solidarjetà

Artikolu 56

Riżerva Annwali ta' Solidarjetà

1. Ir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, li għandha tinkludi l-kontribuzzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57 kif imwieġħed mill-Istati Membri matul il-laqgħa tal-Forum ta' Livell Għoli, għandha sservi bħala l-għodda ewlenija ta' rispons ta' solidarjetà għall-Istati Membri taħt pressjoni migratorja abbażi tal-ħtiġijiet identifikati fil-proposta tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 12.

2. Ir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għandha tikkonsisti mit-tipi ta' miżuri ta' solidarjetà li ġejjin, li għandhom jitqiesu ta' valur ugwali:

(a) ir-rilokazzjoni, f'konformità mal-Artikoli 67 u 68:

(i) ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali;

(ii) meta miftiehem bilateralment mill-Istat Membru kontribwenti u mill-Istat Membru benefiċjarju kkonċernat, ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li ngħataw protezzjoni internazzjonali inqas minn tliet snin qabel l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57;

(b) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji pprovduti mill-Istati Membri li primarjament jimmiraw lejn azzjonijiet fl-Istati Membri relatati mal-qasam tal-migrazzjoni, tal-akkoljenza, tal-ażil, tar-riintegrazzjoni ta' qabel it-tluq, tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-appoġġ operazzjonali, li jistgħu jipprovdu wkoll appoġġ għal azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom li jista' jkollhom impatt dirett fuq il-flussi migratorji fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri jew itejbu s-sistemi tal-ażil, tal-akkoljenza u tal-migrazzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat, inkluż l-għajnuna għar-ritorn volontarju u l-programmi ta' riintegrazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 64.

(c) miżuri alternattivi ta' solidarjetà fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-akkoljenza, tal-ażil, tar-ritorn u tar-riintegrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, b'enfasi fuq l-appoġġ operazzjonali, il-bini tal-kapaċità, is-servizzi, l-appoġġ għall-persunal, il-faċilitajiet u t-tagħmir tekniku f'konformità mal-Artikolu 65.

Azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri benefiċjarji f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) 2021/1147.

3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għal proġetti f'pajjiżi terzi għandhom, b'mod partikolari, jiffukaw fuq:

(a) it-titjib tal-kapaċità tal-ażil u tal-akkoljenza f'pajjiżi terzi, inkluż billi jissaħħu l-għarfien espert u l-kapaċità umani u istituzzjonali;

(b) il-promozzjoni tal-migrazzjoni legali u mobbiltà ġestita sew, inkluż bit-tisħiħ ta' sħubijiet bilaterali, reġjonali u internazzjonali dwar il-migrazzjoni, l-ispostament furzat, il-perkorsi legali u s-sħubijiet ta' mobbiltà;

(c) l-appoġġ għall-għajnuna għar-ritorn volontarju u għall-programmi ta' riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jirritornaw u l-familji tagħhom;

(d) it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet ikkawżati mid-dħul klandestin u t-traffikar tal-bnedmin kif ukoll programmi kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u kontra t-traffikar tal-bnedmin;

(e) l-appoġġ ta' politiki ta' migrazzjoni effettivi u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem.

Artikolu 57

Att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà

1. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 12 u f'konformità mal-eżerċizzju ta' wegħdiet imwettaq fil-Forum ta' Livell Għoli msemmi fl-Artikolu 13, il-Kunsill għandu jadotta, fuq bażi annwali, qabel tmiem kull sena kalendarja, att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, inkluż, in-numru ta' referenza ta' rilokazzjonijiet u kontribuzzjonijiet finanzjarji meħtieġa għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà fil-livell tal-Unjoni u l-wegħdiet speċifiċi li kull Stat Membru jkun għamel għal kull tip ta' kontribuzzjoni ta' solidarjetà msemmija fl-Artikolu 56(2) matul il-laqgħa tal-Forum ta' Livell Għoli msemmija l-Artikolu 13. Il-Kunsill għandu jadotta l-att ta' implimentazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu, b'maġġoranza kwalifikata. Il-Kunsill jista' jemenda l-proposta tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 12b'maġġoranza kwalifikata.

2. L-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu, fejn meħtieġ, jistabbilixxi wkoll il-perċentwal indikattiv tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà li jista' jsir disponibbli għall-Istati Membri taħt pressjoni migratorja bħala riżultat ta' numru kbir ta' wasliet li jirriżultaw minn żbarki rikorrenti wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet ġeografiċi tal-Istati Membri kkonċernati. Jista' jidentifika wkoll forom oħra ta' solidarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 56(2), il-punt (c), skont il-ħtiġijiet għal tali miżuri li jirriżultaw mill-isfidi speċifiċi fil-qasam tal-migrazzjoni fl-Istati Membri kkonċernati.

3. Matul il-laqgħa tal-Forum ta' Livell Għoli msemmija fl-Artikolu 13, l-Istati Membri għandhom jaslu għal konklużjoni dwar numru ta' referenza ġenerali għal kull miżura ta' solidarjetà fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 12. Matul dik il-laqgħa, l-Istati Membri għandhom iwieġħdu wkoll il-kontribuzzjonijiet tagħhom għal din ir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u s-sehem ġust obbligatorju kkalkulat skont il-gwida għat-tqassim stabbilita fl-Artikolu 66.

4. Fl-implimentazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandu jkollhom diskrezzjoni sħiħa fl-għażla bejn it-tipi ta' miżuri ta' solidarjetà elenkati fl-Artikolu 56(2), jew taħlita tagħhom. L-Istati Membri li jwieġħdu miżuri ta' solidarjetà alternattivi għandhom jindikaw il-valur finanzjarjuta' tali miżuri abbażi ta' kriterji oġġettivi. Fejn il-miżuri alternattivi ta' solidarjetà ma jiġux identifikati fil-proposta tal-Kummissjoni imsemmija fl-Artikolu 12, l-Istati Membri xorta jistgħu jwieġħdu tali miżuri. Fejn tali miżuri ma jintalbux mill-Istati Membri benefiċjarji f'sena partikolari, huma għandhom jiġu mibdula f'kontribuzzjonijiet finanzjarji.

Artikolu 58

Informazzjoni dwar l-intenzjoni li r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà tintuża minn Stat Membru identifikat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni bħala li jinsab taħt pressjoni migratorja

1. Wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57, Stat Membru li jkun ġie identifikat f'deċiżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 11 bħala li jkun taħt pressjoni migratorja għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fejn jkun beħsiebu juża r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi informazzjoni dwar it-tip u l-livell ta' miżuri ta' solidarjetà msemmi fl-Artikolu 56(2) meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni, inkluż fejn rilevanti kwalunkwe użu li jsir mill-komponenti tas-Sett ta' Għodod Permanenti tal-UE b'Appoġġ għall-Migrazzjoni. Fejn dak l-Istat Membru beħsiebu jagħmel użu mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji, għandu jidentifika wkoll il-programmi ta' nfiq tal-Unjoni kkonċernati.

3. Wara l-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu aċċess għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 60. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-EU għandu mingħajr dewmien u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 10 ijiem minn meta jirċievi l-informazzjoni jlaqqa' l-Forum ta' Livell Tekniku biex joperazzjonalizza l-miżuri ta' solidarjetà.

Artikolu 59

Notifika tal-ħtieġa li r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà tintuża minn Stat Membru li jqis lilu nnifsu li huwa taħt pressjoni migratorja

1. Fejn Stat Membru ma jkunx ġie identifikat f'deċiżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 11 bħala taħt pressjoni migratorja, iżda jikkunsidra lilu nnifsu li huwa taħt pressjoni migratorja, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-ħtieġa tiegħu li jagħmel użu mir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà u jinforma l-Kunsill b'dan. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

(a) raġunament sostanzjat kif xieraq dwar l-eżistenza u l-firxa tal-pressjoni migratorja fl-Istat Membru li jinnotifika, inkluż *data* aġġornata dwar l-indikaturi msemmija fl-Artikolu 9(3), il-punt (a);

(b) informazzjoni dwar it-tip u l-livell ta' miżuri ta' solidarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 56 meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni, inkluż fejn rilevanti kwalunkwe użu li jsir mill-komponenti tas-Sett ta' Għodod Permanenti tal-UE b'Appoġġ għall-Migrazzjoni u, fejn l-Istat Membru kkonċernat jintendi jagħmel użu mill- kontribuzzjonijiet finanzjarji, l-identifikazzjoni ta' programmi ta' nfiq tal-Unjoni kkonċernati;

(c) deskrizzjoni ta' kif l-użu tar-Riżerva Anwali ta' Solidarjetà proposta tista' tistabbilizza s-sitwazzjoni;

(d) kif l-Istat Membru kkonċernat biħsiebu jindirizza kwalunkwe vulnerabbiltà identifikata possibbli fil-qasam tar-responsabbiltà, tat-tħejjija jew tar-reżiljenza.

3. L-Aġenzija għall-Ażil, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll l-Istat Membru kkonċernat, għandhom, meta jintalbu mill-Kummissjoni, jassistu lill-Kummissjoni fit-tfassil ta' valutazzjoni tal-pressjoni migratorja.

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta malajr in-notifika, filwaqt li tqis l-informazzjoni stabbilita fl-Artikoli 9 u 10, jekk l-Istat Membru li jinnotifika ġiex identifikat bħala f'riskju ta' pressjoni migratorja fid-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 11, is-sitwazzjoni ġenerali fl-Unjoni, is-sitwazzjoni fl-Istat Membru li jinnotifika matul it-12-il xahar preċedenti, u l-ħtiġijiet espressi mill-Istat Membru li jinnotifika, u tadotta deċiżjoni jekk iqisx l-Istat Membru bħala taħt pressjoni migratorja. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li dak l-Istat Membru jkun jinsab taħt pressjoni migratorja, l-Istat Membru kkonċernat għandu jsir Stat Membru benefiċjarju, dment li ma jkunx iċċaħħad l-aċċess għal benefiċċju mir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-Istat Membru kkonċernat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien.

6. Meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tistabbilixxi li l-Istat Membru li jinnotifika jkun taħt pressjoni migratorja, il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE għandu jlaqqa' l-Forum ta' Livell Tekniku mingħajr dewmien u fi żmien ta' ġimagħtejn mill-komunikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Istat Membru kkonċernat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex joperazzjonalizza l-miżuri ta' solidarjetà. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE għandu jlaqqa' l-Forum ta' Livell Tekniku sakemm il-Kummissjoni ma tqisx, jew il-Kunsill jiddeċiedi permezz ta' att ta' implimentazzjoni, adottata fi żmien ġimagħtejn mill-komunikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Istat Membru kkonċernat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li ma hemmx biżżejjed kapaċità fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-Istat Membru kkonċernat jitħalla jibbenifika mir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà jew li hemm raġunijiet oġġettivi oħra biex ma jħallux dak l-Istat Membru jibbenefika mir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà.

7. Meta l-Kunsill jiddeċiedi li ma hemmx biżżejjed kapaċità fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, għandu japplika l-Artikolu 13(4) u l-Forum ta' Livell Għoli għandu jitlaqqa' mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Fil-każ ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad talba minn Stat Membru biex jitqies bħala li huwa taħt pressjoni migratorja, l-Istat Membru li jinnotifika jista' jippreżenta notifika ġdida lill-Kummissjoni u lill-Kunsill b'informazzjoni rilevanti addizzjonali.

Artikolu 60

Operazzjonalizzazzjoni u koordinazzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà

1. Fil-Forum ta' Livell Tekniku, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw bejniethom u mal-Kummissjoni biex jiżguraw operazzjonalizzazzjoni effettiva u effiċjenti tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għas-sena kkonċernata, b'mod ibbilanċjat u f'waqtu, fid-dawl tal-ħtiġijiet identifikati u vvalutati u tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà disponibbli.

2. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE, filwaqt li jqis l-iżviluppi fis-sitwazzjoni migratorja, għandu jikkoordina l-operazzjonalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà biex jiżgura distribuzzjoni bilanċjata tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà disponibbli fost l-Istati Membri benefiċjarji.

3. Bl-eċċezzjoni tal-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, fl-operazzjonalizzazzjoni tal-miżuri ta' solidarjetà identifikati, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà mwiegħda tagħhom imsemmija fl-Artikolu 56 għal sena partikolari qabel tmiem dik is-sena, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 65(3) u l-Artikolu 67(12).

L-Istati Membri kontribwenti għandhom jimplimentaw il-weġħdiet tagħhom fi proporzjon mal-weġħda ġenerali tagħhom lir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għal sena partikolari qabel tmiem is-sena.

L-Istati Membri li jkunu ngħataw tnaqqis sħiħ tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 61 jew 62 jew li huma stess huma Stati Membri benefiċjarji, skont l-Artikoli 58(1) u l-Artikolu 59(4), mhumiex obbligati jimplimentaw il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà mwiegħda tagħhom imsemmija fl-Artikolu 56(2) għal sena partikolari.

L-Istati Membri kontribwenti ma għandhomx ikunu meħtieġa jimplimentaw il-weġħdiet tagħhom magħmula skont l-Artikolu 56(2) jew ma għandhomx ikunu meħtieġa japplikaw kumpensi tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 63 lejn Stat Membru benefiċjarju, meta l-Kummissjoni tkun identifikat, f'deċiżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 11 jew l-Artikolu 59(4), nuqqasijiet sistemiċi f'dak l-Istat Membru benefiċjarju fir-rigward tar-regoli stabbiliti fil-Parti III ta' dan ir-Regolament li jistgħu jirriżultaw f'konsegwenzi negattivi serji għall-funzjonament ta' dan ir-Regolament.

4. Matul l-ewwel laqgħa tal-Forum ta' Livell Tekniku fiċ-ċiklu annwali, l-Istati Membri kontributuri u benefiċjarji jistgħu jesprimu preferenzi raġonevoli, fid-dawl tal-ħtiġijiet identifikati, għall-profili tal-kandidati għar-rilokazzjoni disponibbli u ppjanar potenzjali għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà tagħhom, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal azzjonijiet urġenti għall-Istati Membri benefiċjarji.

Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-EU għandu jiffaċilita l-interazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar dawk l-aspetti.

Meta jimplimentaw ir-rilokazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħtu kunsiderazzjoni primarja lir-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli.

5. Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kompetenti tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni għandhom, meta mitluba u fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bil-ħsieb li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa ta' din il-Parti. Tali appoġġ jista' jieħu l-forma ta' analiżi, għarfien espert u appoġġ operazzjonali. Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE għandu jikkoordina kwalunkwe assistenza minn esperti jew timijiet skjerati mill-Aġenzija għall-Ażil, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jew kwalunkwe korp, uffiċċju jew aġenzija oħra tal-Unjoni, fir-rigward tal-operazzjonalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà.

6. F'Jannar ta' kull sena mill-2025, u minn hemm 'l quddiem, l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw lill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE l-livelli ta' kull miżura ta' solidarjetà implimentata matul is-sena preċedenti.

Artikolu 61

Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà f'każijiet ta' pressjoni migratorja

1. Stat Membru li jkun identifikat f'deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11 bħala li jkun taħt pressjoni migratorja jew li jqis lilu nnifsu bħala taħt pressjoni migratorja u li ma jkunx għamel użu mir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 58 jew ma jkunx innotifika l-ħtieġa li juża r-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 59, jista', fi kwalunkwe ħin, jitlob tnaqqis parzjali jew sħiħ tal-kontribuzzjonijiet imwiegħda tiegħu stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta t-talba tiegħu lill-Kummissjoni. Għal finijiet ta' informazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkomunika t-talba tiegħu lill-Kunsill.

2. Meta l-Istat Membru rikjedenti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkun Stat Membru li ma jkunx identifikat f'deċiżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 11 bħala li jkun taħt pressjoni migratorja, iżda jqis lilu nnifsu bħala taħt pressjoni migratorja, fit-talba tiegħu dak l-Istat Membru għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni ta' kif it-tnaqqis sħiħ jew parzjali tal-kontribuzzjonijiet mwiegħda tiegħu jista' jgħin biex is-sitwazzjoni tiġi stabbilizzata;

(b) jekk il-kontribuzzjoni mwiegħda tistax tiġi sostitwita b'tip differenti ta' kontribuzzjoni ta' solidarjetà;

(c) kif dak l-Istat Membru se jindirizza kwalunkwe vulnerabbiltà identifikata possibbli fil-qasam tar-responsabbiltà, tat-tħejjija jew tar-reżiljenza;

(d) raġunament sostanzjat kif xieraq dwar l-eżistenza u l-firxa tal-pressjoni migratorja fl-Istat Membru rikjedenti;

Meta tivvaluta tali talba, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll l-informazzjoni stabbilita fl-Artikoli 9 u 10.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tagħha tat-talba fi żmien erba' ġimgħat wara l-wasla tat-talba preżentata skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew ta' dik il-valutazzjoni.

4. Wara li jirċievi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jadotta att ta' implimentazzjoni biex jiddetermina jekk l-Istat Membru huwhiex awtorizzat li jidderoga mill-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57.

Artikolu 62

Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet migratorji sinifikanti

1. Stat Membru li huwa identifikat f'deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11 bħala li qed jiffaċċja sitwazzjoni migratorja sinifikanti jew li jqis lilu nnifsu bħala li qed jiffaċja sitwazzjoni migratorja sinifikanti, jista' fi kwalunkwe ħin jitlob tnaqqis parzjali jew sħiħ tal-kontribuzzjonijiet imwiegħda tiegħu stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta t-talba tiegħu lill-Kummissjoni. Għal finijiet ta' informazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkomunika t-talba tiegħu lill-Kunsill.

2. Meta f'deċiżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 11, l-Istat Membru rikjedenti jkun identifikat bħala li qed jiffaċċja sitwazzjoni migratorja sinifikanti, it-talba għandha tinkludi:

(a) deskrizzjoni ta' kif it-tnaqqis sħiħ jew parzjali tal-kontribuzzjonijiet mwiegħda tiegħu jista' jgħin biex is-sitwazzjoni tiġi stabbilizzata;

(b) jekk il-kontribuzzjoni mwiegħda tistax tiġi sostitwita b'tip differenti ta' kontribuzzjoni ta' solidarjetà;

(c) kif dak l-Istat Membru se jindirizza kwalunkwe vulnerabbiltà identifikata possibbli fil-qasam tar-responsabbiltà, tat-tħejjija jew tar-reżiljenza;

(d) raġunament sostanzjat kif xieraq li jikkonċerna l-qasam tas-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza u tal-migrazzjoni li fih tkun intlaħqet il-kapaċità, u kif l-ilħuq tal-limiti tal-kapaċità ta' dak l-Istat Membru fil-qasam speċifiku jaffettwa l-kapaċità tiegħu li jissodisfa l-weġħda tiegħu.

3. Meta l-Istat Membru rikjedenti ma jkunx identifikat f'deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11 bħala li qed jiffaċċja sitwazzjoni migratorja sinifikanti, iżda jqis lilu nnifsu bħala li qed jiffaċċja sitwazzjoni migratorja sinifikanti, it-talba għandha, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tinkludi wkoll raġunament debitament sostanzjat dwar l-importanza tas-sitwazzjoni migratorja fl-Istat Membru rikjedenti. Meta tivvaluta tali talba, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll l-informazzjoni stabbilita fl-Artikoli 9 u 10 u jekk l-Istat Membru kienx identifikat bħala li jinsab f'riskju ta' pressjoni migratorja f'deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tagħha tat-talba fi żmien erba' ġimgħat wara l-wasla tat-talba preżentata skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew ta; dik il-valutazzjoni.

5. Wara li jirċievi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jadotta att ta' implimentazzjoni biex jiddetermina jekk l-Istat Membru huwhiex awtorizzat li jidderoga mill-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57.

Artikolu 63

Kumpensi tar-responsabbiltà

1. Meta l-weġħdiet ta' rilokazzjoni għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57 ikunu ugwali għal jew aktar minn 50 % tan-numru indikat fil-proposta tal-Kummissjoni imsemmija fl-Artikolu 12, Stat Membru benefiċjarju jista' jitlob lill-Istati Membri l-oħra jieħdu r-responsabbiltà biex jeżaminaw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jkun ġie ddeterminat bħala responsabbli minflok rilokazzjonijiet f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 69.

2. Stat Membru kontribwenti jista' jindika lill-Istati Membri benefiċjarji r-rieda tiegħu li jieħu r-responsabbiltà li jeżamina applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li għalihom Stat Membru benefiċjarju jkun ġie ddeterminat bħala responsabbli minflok rilokazzjonijiet:

(a) meta jkun intlaħaq il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1; jew

(b) meta l-Istat Membru kontribwenti jkun wieġħed 50 % jew aktar tas-sehem ġust obbligatorju tiegħu għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57 bħala rilokazzjonijiet.

Meta Stat Membru kontribwenti jkun indika tali rieda u l-Istat Membru benefiċjarju jaqbel, l-Istat Membru benefiċjarju għandu japplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 69.

3. L-Istati Membri kontribwenti għandhom jieħdu r-responsabbiltà għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jkun ġie ddeterminat bħala responsabbli sal-ogħla wieħed miż-żewġ numri msemmija fil-punt (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.Fejn, wara l-laqgħa tal-Forum ta' Livell Għoli mlaqqa' f'konformità mal-Artikolu 13(4), il-weġħdiet ta' rilokazzjoni għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 57 ikunu:

(a) inqas min-numru msemmi fl-Artikolu 12(2), il-punt (a); jew

(b) inqas minn 60 % tan-numru ta' referenza użat għall-kalkolu tas-sehem ġust obbligatorju ta' kull Stat Membru għar-rilokazzjoni għall-fini tal-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 57.

4. Il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu japplika wkoll meta l-weġħdiet li għandhom jiġu implimentati matul sena partikolari jaqgħu taħt l-ogħla wieħed miż-żewġ numri msemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dak il-paragrafu bħala riżultat ta' tnaqqis sħiħ jew parzjali mogħti f'konformità mal-Artikolu 61 jew 62 jew minħabba li l-Istati Membri benefiċjarji kif imsemmi fl-Artikoli 58(1) u 59(4) mhumiex obbligati jimplimentaw il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà mwieġħda tagħhom għal sena partikolari.

5. Stat Membru kontribwenti li ma jkunx implimenta l-weġħdiet tiegħu jew aċċetta rilokazzjonijiet skont l-Artikolu 67 (9) li jkunu ugwali għar-rilokazzjonijiet imwieġħda tiegħu kif imsemmija fl-Artikolu 57(3) sa tmiem is-sena partikolari għandu, fuq talba tal-Istat Membru benefiċjarju, jieħu r-responsabbiltà għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jkun ġie ddeterminat bħala responsabbli san-numru ta' rilokazzjonijiet imwieġħda f'konformità mal-Artikolu 57(3) malajr kemm jista' jkun wara tmiem ta' sena partikolari.

6. L-Istat Membru kontribwenti għandu jidentifika l-applikazzjonijiet individwali li għalihom jieħu responsabbiltà skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, u għandu jinforma lill-Istat Membru benefiċjarju, bl-użu tan-network ta' komunikazzjoni elettronika stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

L-Istat Membru kontribwenti għandu jsir l-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjonijiet identifikati u għandu jindika r-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2024/1358.

7. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati jieħdu responsabbiltà skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu lil hinn mis-sehem ġust tagħhom ikkalkulat skont il-gwida għat-tqassim stabbilita fl-Artikolu 66.

8. Dan l-Artikolu għandu japplika biss meta:

(a) l-applikant ma jkunx minuri mhux akkumpanjat;

(b) l-Istat Membru benefiċjarju jkun ġie ddeterminat bħala responsabbli abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 29 sa 33;

(c) il-limitu ta' żmien għat-trasferiment stabbilit fl-Artikolu 39(1) ikun għadu ma skadiex;

(d) l-applikant ma jkunx ħarab mill-Istat Membru kontribwenti;

(e) il-persuna kkonċernata ma tkunx benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali;

(f) il-persuna kkonċernata ma tkunx persuna ammessa.

9. L-Istat Membru kontribwenti jista' japplika dan l-Artikolu għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu ġew rifjutati b'mod finali fl-Istat Membru benefiċjarju. Għandhom japplikaw l-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament (UE) 2024/1348.

Artikolu 64

Kontribuzzjonijiet finanzjarji

1. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jikkonsistu fi trasferimenti ta' ammonti mill-Istati Membri kontribwenti għall-baġit tal-Unjoni u għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([42]). Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jintużaw għall-fini tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà msemmija fl-Artikolu 56(2), il-punt (b) ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri benefiċjarji għandhom jidentifikaw azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jippreżentawhom lill-Forum ta' Livell Tekniku. Il-Kummissjoni għandha tikkollabora mill-qrib mal-Istati Membri benefiċjarji bl-mira li tiżgura li dawk l-azzjonijiet jikkorrispondu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 56(2), il-punt (b), u fl-Artikolu 56(3). Il-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE għandu jżomm inventarju tal-azzjonijiet u jagħmlu disponibbli permezz tal-Forum ta' Livell Tekniku.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jikkonċerna r-regoli dwar l-operat tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77 (2).

4. Meta l-ammont imsemmi fl-Artikolu 57(1) ta' dan ir-Regolament ma jkunx kompletament allokat, l-ammont li jifdal jista' jiżdied mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 10(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/1147.

5. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Forum ta' Livell Tekniku dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji skont dan l-Artikolu.

6. Il-Kummissjoni għandha tinkludi fir-Rapport tagħha msemmi fl-Artikolu 9 informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati minn kontribuzzjonijiet finanzjarji skont dan l-Artikolu, inkluż dwar kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni u kwalunkwe miżura meħuda biex tindirizzahom.

Artikolu 65

Miżuri alternattivi ta' solidarjetà

1. Kontribuzzjonijiet fil-forma ta' miżuri alternattivi ta' solidarjetà għandhom ikunu bbażati fuq talba speċifika tal-Istat Membru benefiċjarju. Tali kontribuzzjonijiet għandhom jingħaddu bħala solidarjetà finanzjarja, u l-valur konkret tagħhom għandu jiġi stabbilit, b'mod konġunt u realistiku, mill-Istati Membri kontribwenti u benefiċjarji kkonċernati u għandu jiġi kkomunikat lill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE qabel ma jiġu implimentati dawk il-kontribuzzjonijiet.

([42]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu miżuri alternattivi ta' solidarjetà biss biex jiżdiedu ma', u mingħajr ma jidduplikaw, dawk ipprovduti minn operazzjonijiet tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jew mill-finanzjament tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-Istati Membri benefiċjarji, filwaqt li jevitaw id-duplikazzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jipprovdu biss miżuri alternattivi ta' solidarjetà flimkien ma' dawk li huma meħtieġa biex jikkontribwixxu permezz tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri benefiċjarji u dawk kontribwenti għandhom jiffinalizzaw l-implimentazzjoni ta' miżuri alternattivi ta' solidarjetà miftiehma anke jekk l-atti ta' implimentazzjoni rilevanti jkunu skadew.

Artikolu 66

Gwida għat-tqassim

Is-sehem tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà li kull Stat Membru msemmi fl-Artikolu 57(2) għandu jipprovdi għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formula stabbilita fl-Anness I u għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji li ġejjin għal kull Stat Membru, skont l-aktar *data* reċenti disponibbli tal-Eurostat:

(a) id-daqs tal-popolazzjoni (ponderazzjoni ta' 50 %);

(b) it-total tal-PDG (ponderazzjoni ta' 50 %).

KAPITOLU II

Rekwiżiti proċedurali

Artikolu 67

Proċedura qabel ir-rilokazzjoni

1. Il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tapplika għar-rilokazzjoni tal-persuni msemmija fl-Artikolu 56(2), il-punt (a).

2. Qabel ma japplika l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jiżgura li ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-persuna kkonċernata tkun ta' theddida għas-sigurtà interna. Jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-persuna tkun ta' theddida għas-sigurtà interna, qabel jew matul il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, inkluż fejn tkun ġiet iddeterminata theddida ta' sigurtà interna f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2024/1356, l-Istat Membru benefiċjarju ma għandux japplika jew għandu jtemm minnufih il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jeskludi lill-persuna kkonċernata minn kwalunkwe rilokazzjoni jew trasferiment futur lejn kwalunkwe Stat Membru. Meta l-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jkun l-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-Artikolu 16(4) ta' dan ir-Regolament.

3. Meta trid titwettaq rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Fuq talba tal-Istat Membru benefiċjarju, l-Aġenzija għall-Ażil għandha tappoġġa lill-Istat Membru benefiċjarju fl-identifikazzjoni tal-persuni li għandhom jiġu rilokati u fit-tqabbil tagħhom mal-Istati Membri ta' rilokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 (1), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2021/2303.

L-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bħal dawk ibbażati fuq il-familja jew il-kunsiderazzjonijiet kulturali, bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Għal dak l-għan, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jagħti lill-persuni li għandhom jiġu rilokati l-opportunità li jagħtu informazzjoni dwar l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti ma' Stati Membri speċifiċi u li jippreżentaw informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti biex jiġu ddeterminati dawk ir-rabtiet. Dik l-opportunità ma għandiex timplika dritt li jintgħażel Stat Membru speċifiku ta' rilokazzjoni skont dan l-Artikolu.

4. Għall-fini tal-identifikazzjoni tal-persuni li għandhom jiġu rilokati u t-tqabbil tagħhom mal-Istati Membri ta' rilokazzjoni, l-Istati Membri benefiċjarji jistgħu jużaw l-għodod żviluppati mill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE.

L-applikanti li ma għandhomx rabtiet sinifikanti ma' xi Stat Membru għandhom jiġu kondiviżi b'mod ġust fost l-Istati Membri ta' rilokazzjoni li jifdal.

Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għal protezzjoni internazzjonali, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.

5. Meta rilokazzjoni trid tiġi mwettqa, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jinforma lill-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu dwar il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 68, kif ukoll, fejn applikabbli, dwar l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17(3), (4) u (5) u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 18.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għal applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jista' jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 25 sa 28 u 34, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 25(5). Tali applikanti ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rilokazzjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-familja jiġu rilokati fit-territorju tal-istess Stat Membru.

7. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jibgħat lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni malajr kemm jista' jkun l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha dwar il-persuna kkonċernata billi juża formola standard, sabiex, fost l-oħrajn, jippermetti lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni jivverifikaw jekk hemmx raġunijiet biex il-persuna kkonċernata titqies ta' theddida għas-sigurtà interna.

8. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jeżamina l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru benefiċjarju skont il-paragrafu 7, u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex dik il-persuna kkonċernata titqies bħala theddida għas-sigurtà interna. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni jista' jagħżel li jivverifika dik l-informazzjoni permezz ta' intervista personali mal-persuna kkonċernata. Il-persuna kkonċernata għandha tiġi infurmata kif xieraq dwar in-natura u l-iskop ta' tali intervista. L-intervista personali għandha ssir fil-limiti ta' żmien previsti fil-paragrafu 9.

9. Fejn ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex dik il-persuna kkonċernata titqies li hija ta' theddida għas-sigurtà interna, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkonferma li se jirreloka lill-persuna kkonċernata fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-informazzjoni rilevanti mill-Istat Membru benefiċjarju.

Meta l-verifiki jikkonfermaw li hemm raġunijiet raġonevoli biex dik il-persuna kkonċernata titqies li hija ta' theddida għas-sigurtà interna, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jinforma lill-Istat Membru benefiċjarju, fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-informazzjoni rilevanti minn dak l-Istat Membru dwar in-natura ta' twissija minn kwalunkwe bażi ta' *data* rilevanti, u l-elementi sottostanti għaliha. F'każijiet bħal dawn, ir-rilokazzjoni tal-persuna kkonċernata ma għandhiex issehħ.

F'każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jintwera li l-eżami tal-informazzjoni huwa partikolarment kumpless jew li numru kbir ta' każijiet jeħtieġu li jiġu ċċekkjati fl-istess żmien, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jista' jagħti t-tweġiba tiegħu wara l-limitu ta' żmien ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jipposponi tweġiba lill-Istat Membru benefiċjarju fil-limitu ta' żmien oriġinali ta' ġimgħa.

In-nuqqas ta' azzjoni fil-perjodu ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi jew il-perjodu ta' ġimagħtejn imsemmi fit-tielet subparagrafu għandu jkun ekwivalenti għal konferma tal-wasla tal-informazzjoni, u jinvolvi l-obbligu li l-persuna kkonċernata tiġi rilokata, inkluż l-obbligu li jiġu previsti arranġamenti xierqa għall-wasla.

10. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jieħu deċiżjoni ta' trasferiment fi żmien ġimgħa mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Huwa għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bil-miktub mingħajr dewmien dwar id-deċiżjoni tat-trasferiment tagħha lejn dak l-Istat Membru l-aktar tard jumejn qabel it-trasferiment fil-każ ta' applikanti u ġimgħa qabel it-trasferiment fil-każ ta' benefiċjarji.

Meta l-persuna li għandha tiġi rilokata tkun applikant, hija għandha tikkonforma mad-deċiżjoni ta' rilokazzjoni.

11. It-trasferiment tal-persuna kkonċernata mill-Istat Membru benefiċjarju lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jkun eżegwit f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru benefiċjarju, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis prattikament possibbli, u fi żmien erba' ġimgħat mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew rieżami ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv f'konformità mal-Artikolu 43(3).

12. L-Istati Membri benefiċjarji u l-Istati Membri ta' rilokazzjoni għandhom ikomplu l-proċess ta' rilokazzjoni anke wara li l-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni jew il-validità tal-atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikoli 57, 61 u 62 ikun skada.

13. L-Artikolu 42(3), (4) u (5), l-Artikoli 43 u 44, l-Artikolu 46(1) u (3), l-Artikolu 47(2) u (3), u l-Artikoli 48 u 50 għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-proċedura ta' rilokazzjoni.

L-Istat Membru benefiċjarju li jwettaq it-trasferiment ta' benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali għandu jibgħat lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 51(2), informazzjoni dwar ir-raġunijiet fuq liema bażi l-benefiċjarju jkun ibbaża l-applikazzjoni tiegħu, u r-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda dwar il-benefiċjarju.

14. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabilixxi metodi uniformi għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni u dokumenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 77(2). Fit-tħejjija ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Aġenzija għall-Ażil.

Artikolu 68

Proċedura wara r-rilokazzjoni

1. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jgħarraf lill-Istat Membru benefiċjarju, lill-Aġenzija għall-Ażil u lill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE bil-wasla sikura tal-persuna kkonċernata jew bil-fatt li hija ma dehritx fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit.

2. Meta l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jkun irriloka applikant li għalih l-Istat Membru responsabbli jkun għadu ma ġiex determinat, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu japplika l-proċeduri stabbiliti fil-Parti III, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 16 (2), l-Artikolu 17(1) u (2), l-Artikolu 25(5), l-Artikolu 29, l-Artikolu 30 u l-Artikolu 33(1) u (2).

Meta l-ebda Stat Membru responsabbli ma jista' jiġi ddeterminat taħt l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jkun responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jindika r-responsabbiltà tiegħu fil-Eurodac skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2024/1358.

3. Meta applikant, li għalih l-Istat Membru benefiċjarju kien ġie ddeterminat preċedentement bħala responsabbli għal raġunijiet oħra għajr il-kriterji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 67(5), it-tieni subparagrafu, ġie rilokat, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tiġi trasferita lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

Ir-responsabbiltà għall-eżami ta' kwalunkwe rappreżentazzjoni ulterjuri jew kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti tal-persuna kkonċernata f'konformità mal-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandha tiġi ttrasferita wkoll lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jindika r-responsabbiltà tiegħu fil-Eurodac skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2024/1358.

4. Meta benefiċjarju għal protezzjoni internazzjonali jkun ġie rrilokat, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu awtomatikament jagħti status ta' protezzjoni internazzjonali li jirrispetta l-istatus mogħti mill-Istat Membru benefiċjarju.

Artikolu 69

Proċedura għal kumpensi tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 63(1) u (2)

1. Meta Stat Membru benefiċjarju jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà li jeżamina numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 63(1) u (2), huwa għandu jibgħat it-talba tiegħu lill-Istat Membru kontribwenti u jinkludi n-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li trid tittieħed responsabbiltà għalihom minflok rilokazzjonijiet.

2. L-Istat Membru kontribwenti għandu jwieġeb għat-talba fi żmien 30 jum minn meta jirċievi dik it-talba.

L-Istat Membru kontribwenti jista' jiddeċiedi li jaċċetta li jieħu r-responsabbiltà għall-eżami ta' numru aktar baxx ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali minn dak mitlub mill-Istat Membru benefiċjarju.

3. L-Istat Membru li jkun aċċetta talba skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jidentifika l-applikazzjonijiet individwali għal protezzjoni internazzjonali li għalihom jieħu r-responsabbiltà u għandu jindika r-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2024/1358.

Artikolu 70

Obbligi oħra

L-Istati Membri għandhom iżommu lill-Kummissjoni, b'mod partikolari lill-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE, infurmati bl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' solidarjetà, inklużi miżuri ta' kooperazzjoni ma' pajjiż terz.

KAPITOLU III

Appoġġ finanzjarju pprovdut mill-Unjoni

Artikolu 71

Appoġġ finanzjarju

F'konformità mal-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà, l-appoġġ finanzjarju wara r-rilokazzjoni skont il-Kapitoli I u II ta' din il-Parti għandu jiġi implimentat f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147.

PARTI V

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 72

Sigurtà tad-*data* u protezzjoni tad-*data*

1. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([43]) u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([44]).

2. Stati Membri għandhom ikollhom fis-seħħ il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tad-*data* personali pproċessata skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex jiġu evitati l-aċċess illegali jew mhux awtorizzat għal, jew id-divulgazzjoni, l-alterazzjoni jew it-telf ta', id-*data* personali pproċessata.

3. L-awtorità jew l-awtoritajiet ta' superviżjoni kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jimmonitorjaw b'mod indipendenti l-legalità tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 52 tal-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

Artikolu 73

Il-kunfidenzjalità

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmijin fl-Artikolu 52 ikunu marbutin bir-regoli ta' kunfidenzjalità previsti fil-liġi nazzjonali, fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul ix-xogħol tagħhom.

([43]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([44]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

Artikolu 74

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali, inkluż penali amministrattivi jew kriminali f'konformità mal-liġi nazzjonali, applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Artikolu 75

Il-kalkolu tal-limiti ta' żmien

Kwalunkwe perjodu ta' żmien prskritt f'dan ir-Regolament għandu jkun ikkalkulat kif ġej:

(a) perjodu espress f'jiem, f'ġimgħat jew f'xhur għandu jiġi kkalkulat miż-żmien li fih iseħħ avveniment jew minn meta ssir azzjoni; il-jum li fih iseħħ dak l-avveniment jew isseħħ dik l-azzjoni ma għandux fih innifsu jingħadd bħala li jkun parti mill-perjodu inkwistjoni;

(b) perjodu espress f'ġimgħat jew f'xhur għandu jintemm bl-iskadenza tal-jum, ikun liema jkun, fl-aħħar ġimgħa jew xahar li jkun l-istess jum tal-ġimgħa, jew jaqa' fl-istess data tax-xahar, rispettivament bħall-jum li fih ikun seħħ l-avveniment jew tkun saret l-azzjoni li minnha jrid jiġi kkalkulat il-perjodu;

(c) meta, f'perjodu espress f'xhur, il-jum li fih ikollu jiskadi ma jkunx preżenti fl-aħħar xahar tal-perjodu, il-perjodu għandu jintemm f'nofsillejl tal-aħħar jum ta' l-aħħar xahar;

(d) il-limiti ta' żmien għandhom jinkludu s-Sibtijiet, il-Ħdud u btajjel uffiċjali fl-Istati Membru kkonċernat; meta limitu taż-żmien jagħlaq is-Sibt, il-Ħadd jew fi btala uffiċjali, il-jum ta' xogħol li jmiss għandu jingħadd bħala l-aħħar jum tal-limitu ta' żmien.

Artikolu 76

Kamp ta' applikazzjoni territorjali

Fir-rigward tar-Repubblika Franċiża, dan ir-Regolament għandu japplika biss għat-territorju Ewropew tagħha.

Artikolu 77

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 78

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 25(6) u l-Artikolu 34(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-11 ta' Ġunju 2024. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 25(6) u l-Artikolu 34(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 25(6) jew l-Artikolu 34(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien erba' xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 79

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

Sal-1 ta' Frar 2028u minn dakinhar 'il quddiem kull sena, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-miżuri stabbiliti fil-Parti IV ta' dan ir-Regolament u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Fuq bażi regolari u bħala minimu kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-rilevanza tan-numri stabbiliti fl-Artikolu 12(2), il-punti (a) u (b), u l-funzjonament ġenerali tal-Parti III ta' dan ir-Regolament, inkluż jekk id-definizzjoni ta' membri tal-familja u t-tul tal-limiti ta' żmien stabbiliti f'dik il-Parti għandhomx jiġu modifikati, fid-dawl tas-sitwazzjoni migratorja ġenerali.

Sal-1 ta' Lulju 2031, u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà kif imħaddan fl-Artikolu 80 TFUE. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapporti dwar is-sejbiet ewlenin ta' dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tħejjija tar-rapporti, l-aktar tard sitt xhur qabel jiskadi l-limitu ta' żmien biex il-Kummissjoni tippreżenta kull rapport.

Artikolu 80

Statistika

F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([45]), l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni (Eurostat) l-istatistika dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

PARTI VI

EMENDI F'ATTI OĦRAJN TAL-UNJONI

Artikolu 81

Emendi għar-Regolament (EU) 2021/1147

Ir-Regolament (UE) 2021/1147 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

([45]) Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

(a) il-punti (1) u (2) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(1) 'applikant għal protezzjoni internazzjonali' tfisser applikant kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(2) 'benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali' tfisser benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/1351;

(*) Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1160 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).";

(b) il-punt (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) 'membru tal-familja' tfisser membru tal-familja kif definit fil-punt (8) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 2024/1351;";

(c) il-punti (11) u (12) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(11) 'ċittadin ta' pajjiż terz' tfisser ċittadin ta' pajjiż terz kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/1351;

(12) 'minuri mhux akkumpanjat' tfisser minuri kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/1351;";

(d) jiżdied il-punt li ġej:

"(15) 'azzjoni ta' solidarjetà' tfisser azzjoni, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2024/1351, ffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji pprovduti mill-Istati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 64(1) ta' dak ir-Regolament.";

(2) Fl-Artikolu 15, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6a. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni tista' tiżdied għal 100 % tan-nefqa eliġibbli totali għal azzjonijiet ta' solidarjetà.";

(3) l-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 20

Riżorsi għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali

1. Stat Membru għandu jirċievi, minbarra l-allokazzjonijiet tiegħu skont il-punt (a) tal-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament, ammont ta':

(a) EUR 10 000 għal kull applikant għal protezzjoni internazzjonali li għalih dak l-Istat Membru jsir responsabbli b'riżultat ta' rilokazzjoni f'konformità mal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (UE) 2024/1351;

(b) EUR 10 000 għal kull benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali rilokat lejn dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (UE) 2024/1351.

L-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom jiżdiedu għal EUR 12 000 għal kull applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, rispettivament, li jkun minuri mhux akkumpanjat rilokat lejn dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (UE) 2024/1351.

2. L-Istat Membru li jkopri l-ispiża tat-trasferimenti msemmija fil-paragrafu 1 għandu jirċievi kontribuzzjoni ta' EUR 500 għal kull applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali trasferit lejn Stat Membru ieħor.

3. L-Istat Membru li jkopri l-ispejjeż tat-trasferimenti msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2024/1351, u mwettqa f'konformità mal-Artikolu 46 ta' dak ir-Regolament, għandu jirċievi kontribuzzjoni ta' EUR 500 għal kull applikant għal protezzjoni internazzjonali ttrasferit lejn Stat Membru ieħor.

4. L-ammonti msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu allokati lill-programm tal-Istat Membru, dment li l-persuna li fir-rigward tagħha jiġi allokat l-ammont tkun ġiet effettivament trasferita lejn dak l-Istat Membru jew tkun ġiet reġistrata bħala applikant fl-Istat Membru responsabbli f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1351, kif applikabbli. Dawk l-ammonti ma għandhomx jintużaw għal azzjonijiet oħra fil-programm tal-Istat Membru għajr f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, kif approvat mill-Kummissjoni permezz tal-emendar ta' dak il-programm.

5. L-ammonti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jieħdu l-forma ta' finanzjament mhux marbut ma' spejjeż f'konformità mal-Artikolu 125 tar-Regolament Finanzjarju.

6. Għall-finijiet ta' kontroll u awditjar, l-Istati Membri għandhom iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu l-identifikazzjoni xierqa tal-persuni trasferiti u tad-data tat-trasferiment tagħhom.

7. Biex jitqiesu r-rati attwali ta' inflazzjoni, l-iżviluppi rilevanti fil-qasam tar-rilokazzjoni, u fatturi oħrajn li jistgħu jottimizzaw l-użu tal-inċentiv finanzjarju miġjub mill-ammonti msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 biex taġġusta, jekk jitqies xieraq, u fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, dawk l-ammonti.";

(4) fl-Artikolu 35(2), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ha) l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' solidarjetà, inkluż tqassim tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji skont l-azzjoni u deskrizzjoni tar-riżultati ewlenin miksuba bħala riżultat tal-finanzjament;";

(5) fl-Anness II, il-punt 4, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) l-appoġġ għal azzjonijiet ta' solidarjetà, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ stabbilit fl-Anness III.";

(6) fl-Anness VI, it-Tabella 1, il-punt IV, jiżdied il-kodiċi li ġej:

"007 Azzjonijiet ta' Solidarjetà";

(7) fl-Anness VI, it-Tabella 3, jiżdiedu l-kodiċijiet li ġejjin:

"006 Risistemazzjoni u ammissjonijiet umanitarji

007 Protezzjoni internazzjonali (trasferimenti 'l ġewwa)

008 Protezzjoni internazzjonali (trasferimenti 'l barra)

009 Azzjonijiet ta' Solidarjetà".

Artikolu 82

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/1060

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 36, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a . B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, ma għandha ssir l-ebda kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-assistenza teknika għall-appoġġ ta' azzjonijiet ta' solidarjetà, kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament AMIF u fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament BMVI.";

(2) l-Artikolu 63 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-appoġġ għal azzjonijiet ta' solidarjetà, kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament AMIF u fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament BMVI.";

(b) fil-paragrafu 7, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta programm jiġi emendat biex jintroduċi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet ta' solidarjetà, kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament AMIF u l-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament BMVI, il-programm jista' jipprevedi li l-eliġibbiltà tan-nefqa relatata ma' tali emenda tibda mill-11 ta' Ġunju 2024.".

PART VII

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 83

Tħassir tar-Regolament (UE) Nru 604/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2026.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Ir-Regolament (KE) Nru 1560/2003 għandu jibqa' fis-seħħ sal-mument li jiġi emendat b'atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.

Artikolu 84

Miżuri tranżizzjonali

1. Fejn applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata wara l-1 ta' Lulju 2026, kwalunkwe avveniment li probabbli jinvolvi r-responsabbiltà ta' Stat Membru skont dan ir-Regolament għandu jittieħed inkonsiderazzjoni, anki jekk jippreċedi dik id-data.

2. L-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali rreġistrata qabel l-1 ta' Lulju 2026 għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 604/2013.

3. Sat-12 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u mal-Istati Membri, għandha tippreżenta pjan ta' implimentazzjoni komuni lill-Kunsill biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu mħejjija b'mod adegwat biex jimplimentaw dan ir-Regolament sal-1 ta' Lulju 2026, filwaqt li tivvaluta l-lakuni u l-passi operazzjonali meħtieġa, u tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

Abbażi ta' dak il-pjan ta' implimentazzjoni komuni, sat-12 ta' Diċembru 2024, kull Stat Membru għandu, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, jistabbilixxi pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali li jistabbilixxi l-azzjonijiet u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Kull Stat Membru għandu jlesti l-implimentazzjoni tal-pjan tiegħu sal-1 ta' Lulju 2026.

Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-appoġġ tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, u l-fondi tal-Unjoni jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri, f'konformità mal-atti legali li jirregolaw dawk il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji u l-fondi.

Il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' implementazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu.

Fl-ewwel żewġ Rapporti msemmija fl-Artikolu 9, il-Kummissjoni għandha tipprovdi sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni komuni u tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali msemmija f' dan il-paragrafu.

Sakemm isiru r-rapporti msemmija fil-ħames subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' implimentazzjoni komuni u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali msemmija f' dan il-paragrafu kull sitt xhur.

Artikolu 85

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026.

Madankollu, l-Artikoli 7 sa 15, l-Artikolu 22(1), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 23(7), l-Artikolu 25(6) u (7), l-Artikolu 34 (3) u (4), l-Artikolu 39(3), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 40(4), l-Artikolu 40(8), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 41(5), l-Artikolu 46(1), il-ħames subparagrafu, l-Artikolu 46(4), l-Artikolu 48(4), l-Artikolu 50(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 50(5), l-Artikolu 52(4), l-Artikoli 56 u 57, l-Artikolu 64(3), l-Artikolu 67(14) u l-Artikoli 78 u 84 għandhom japplikaw mill-11 ta' Ġunju 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2024.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	H. LAHBIB

ANNESS I

Il-formula għall-gwida għat-tqassim skont l-Artikolu 66:

$$\text{L-effett tal-popolazzjoni}_{MS} = \frac{\mathbf{Population_{MS}}}{\sum_{\mathbf{i=1}}^{\mathbf{n}} \mathbf{Population_{MS}}}$$

$$\text{L-effett tal-PDG}_{MS} = \frac{\mathbf{GDP_{MS}}}{\sum_{\mathbf{i=1}}^{\mathbf{n}} \mathbf{GDP_{MS}}}$$

Sehem_{MS} = 50 % effett tal-popolazzjoni_{MS} + 50 % effett tal-PDG_{MS}

n: in-numru ġenerali ta' MS

ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, il-punt (a)	Artikolu 2, il-punt (1)
Artikolu 2, il-punt (b)	Artikolu 2, il-punt (3)
Artikolu 2, il-punt (c)	Artikolu 2, il-punt (4)
Artikolu 2, il-punt (d)	Artikolu 2, il-punt (5)
Artikolu 2, il-punt (e)	Artikolu 2, il-punt (6)
Artikolu 2, il-punt (f)	Artikolu 2, il-punt (7)
Artikolu 2, il-punt (g)	Artikolu 2, il-punt (8)
Artikolu 2, il-punt (h)	Artikolu 2, il-punt (9)
Artikolu 2, il-punt (i)	Artikolu 2, il-punt (10)
Artikolu 2, il-punt (j)	Artikolu 2, il-punt (11)
Artikolu 2, il-punt (k)	Artikolu 2, il-punt (12)
Artikolu 2, il-punt (l)	Artikolu 2, il-punt (13)
Artikolu 2, il-punt (m)	Artikolu 2, il-punt (14)
Artikolu 2, il-punt (n)	Artikolu 2, il-punt (18)
Artikolu 3	Artikolu 16
Artikolu 4	Artikolu 19
Artikolu 5	Artikolu 22
Artikolu 6	Artikolu 23
Artikolu 7	Artikolu 24
Artikolu 8	Artikolu 25
Artikolu 9	Artikolu 26
Artikolu 10	Artikolu 27
Artikolu 11	Artikolu 28
Artikolu 12	Artikolu 29
Artikolu 14	Artikolu 31
Artikolu 15	Artikolu 32
Artikolu 13	Artikolu 33
Artikolu 16	Artikolu 34
Artikolu 17	Artikolu 35
Artikolu 18	Artikolu 36
Artikolu 19	Artikolu 37
Artikolu 20	Artikolu 38
Artikolu 21	Artikolu 39
Artikolu 22	Artikolu 40

Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013	Dan ir-Regolament
Artikolu 23	Artikolu 41
Artikolu 24	Artikolu 41
Artikolu 25	Artikolu 41
Artikolu 26	Artikolu 42
Artikolu 27	Artikolu 43
Artikolu 28	Artikolu 44
Artikolu 29	Artikolu 46
Artikolu 30	Artikolu 47
Artikolu 31	Artikolu 48
Artikolu 32	Artikolu 50
Artikolu 34	Artikolu 51
Artikolu 35	Artikolu 52
Artikolu 36	Artikolu 53
Artikolu 37	Artikolu 55